REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (Euratom) 2025/974
tas-26 ta' Mejju 2025
dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom

WERREJ

Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) 2025/974 dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom		1
Kapitolu I	Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	4
Kapitolu II	Karatteristiċi tekniċi bażiċi u dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja	7
Kapitolu III	Kontabbiltà tal-materjal nukleari	11
Kapitolu IV	Trasferimenti bejn l-Istati	16
Kapitolu V	Dispożizzjonijiet speċifiċi	18
Kapitolu VI	Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli fit-territorju tal-Istati Membri b'armi nukleari	22
Kapitolu VII	Dispożizzjonijiet finali	22
ANNESS I	KWESTJONARJU GĦAD-DIKJARAZZJONI TAL-KARATTERISTIĊI TEKNIĊI BAŻIĊI (BTC) TAL-INSTALLAZZJONIJIET	24
ANNESS I-A	REATTURI TAL-ENERĠIJA U TAR-RIĊERKA	25
ANNESS I-B	INSTALLAZZJONIJIET KRITIĊI U SUBKRITIĊI	30
ANNESS I-C	INSTALLAZZJONIJIET TAL-KONVERŻJONI U TAL-MANIFATTURA TAL-FJUWIL	34
ANNESS I-D	INSTALLAZZJONIJIET TAR-RIPROĊESSAR	39
ANNESS I-E	INSTALLAZZJONIJIET GĦALL-ARRIKKIMENT TAL-ISOTOPI	44
ANNESS I-F	INSTALLAZZJONIJIET TAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP (R&D)	48
ANNESS I-G	INSTALLAZZJONIJIET TAL-ĦŻIN	52
ANNESS I-H	INSTALLAZZJONIJIET TAT-TRATTAMENT, TAL-ĦŻIN U TAD-DISPONIMENT TAL-ISKART	56
ANNESS I-J	INSTALLAZZJONIJIET TAL-INKAPSULAMENT TAL-FJUWIL UŻAT	60
ANNESS I-K	REPOŻITORJI ĠEOLOĠIĊI	64
ANNESS I-L	POST BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF)	68
ANNESS I-M	POST NAZZJONALI BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF NAZZJONALI)	70
ANNESS I-N	INSTALLAZZJONIJIET TAL-MBA KOMPRENSIVI (CAM) F'PAJJIŻI KANDIDATI	71
ANNESS I-P	INSTALLAZZJONIJIET OĦRAJN LI JUŻAW MATERJAL NUKLEARI LI JAQBEŻ KILOGRAMM WIEĦED EFFETTIV	73
ANNESS I-Q	INSTALLAZZJONIJIET TAL-MINERALI	76
ANNESS II	DESKRIZZJONI ĠENERALI TAS-SIT	77
ANNESS III	RAPPORT TA' BIDLA FL-INVENTARJU (ICR)	79
ANNESS IV	RAPPORT TAL-BILANĊ TAL-MATERJAL (MBR)	91
ANNESS V	ELENKAR TAL-INVENTARJU FIŻIKU (PIL)	97
ANNESS VI	NOTIFIKA ANTIĊIPATA TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' MATERJAL NUKLEARI	101
ANNESS VII	NOTIFIKA ANTIĊIPATA TA' IMPORTAZZJONIJIET/WASLIET TA' MATERJAL NUKLEARI	105
ANNESS VIII	RAPPORT TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' MINERALI	109
ANNESS IX	TALBA GĦAL DEROGA SKONT L-ARTIKOLU 22	111
ANNESS X	LISTA INDIKATTIVA TA' OĠĠETTI TAL-INVENTARJU (LII)	114
ANNESS XI	PROGRAMM ĠENERALI TAL-ATTIVITAJIET	117
ANNESS XII	NOTIFIKA ANTIĊIPATA TA' AKTAR ATTIVITAJIET TA' PPROĊESSAR TA' SKART	118
ANNESS XIII	RAPPORT ANNWALI TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' SKART IKKUNDIZZJONAT	121

ANNESS XIV RAPPORT ANNWALI TA' IMPORTAZZJONIJIET/WASLIET TA' SKART IKKUNDIZZJONAT 123

ANNESS XV RAPPORT ANNWALI DWAR TRASFERIMENTI TA' SKART IKKUNDIZZJONAT 125

ANNESS XVI TALBA GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TA' SKAMBJU TA' OBBLIGI TA' SALVAGWARDJA DWAR IL-MATERJAL NUKLEARI 128

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 77, 78, 79 u 81 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-approvazzjoni tal-Kunsill ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 ([2]) jiddefinixxi n-natura u l-firxa tar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 78 u 79 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem "it-Trattat").

(2) Fid-dawl tal-kwantitajiet dejjem jiżdiedu ta' materjali nukleari prodotti, użati, ittrasportati, irriċiklati u ddeżinjati biex jiġu disponuti fil-Komunità, u tal-iżvilupp tal-kummerċ f'dawn il-materjali, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tas-salvagwardji. In-natura u l-firxa tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 79 tat-Trattat u stipulati fir-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 għalhekk jenħtieġ li jiġu aġġornati fid-dawl tal-iżviluppi, partikolarment fl-oqsma tat-teknoloġija nukleari u tal-informazzjoni.

(3) Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u l-Komunità huma partijiet għall-Ftehim 78/164/Euratom ([3]) mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-implimentazzjoni tal-Artikolu III(1) u (4) tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari. Il-Ftehim 78/164/Euratom daħal fis-seħħ fil-21 ta' Frar 1977. Aktar tard dan ġie ssupplimentat bi Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom ([4]), li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2004.

(4) Il-Ftehim 78/164/Euratom jinkludi impenn partikolari li daħlet għalih il-Komunità li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' salvagwardji fuq għejun u materjali speċjali fissili fit-territorji tal-Istati li ma għandhomx armi nukleari tagħhom u li huma partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari.

(5) Il-proċeduri stipulati mill-Ftehim 78/164/Euratom huma r-riżultat ta' negozjati internazzjonali wesgħin mal-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu III(1) u (4) tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari. Dawn il-proċeduri kienu approvati mill-Bord tal-Gvernaturi ta' dik l-Aġenzija.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2025/492 tat-18 ta' Frar 2025 li tapprova regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom (ĠU L, 2025/492, 14.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/492/oj).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/302/oj).

([3]) Il-Ftehim 78/164/Euratom bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tan-Netherlands, il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika biex jimplimentw l-Artikolu III (1) u (4) tat-Trattat dwar iż-żamma mit-tixrid (non-proliferazzjoni) tal-armi nukleari (ĠU L 51, 22.2.1978, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1978/164/oj).

([4]) Il-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom għal ftehim bejn ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika Portugiża, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju tal-Isvezja, il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-implimentazzjoni tal-Artikolu III(1) u (4) tat-Trattat dwar il-prevenzjoni tat-tkattir tal-armi Nukleari (ĠU L 67, 13.3.1999, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/1999/188/oj).

(6) Il-Komunità, Franza u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika huma partijiet għall-Ftehim dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji fi Franza ([5]). Dak il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-12 ta' Settembru 1981. Dan ġie ssupplimentat bi Protokoll Addizzjonali ([6]), li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2004.

(7) Fit-territorju ta' Franza ċerti installazzjonijiet jew partijiet minnhom kif ukoll ċerti materjali huwa probabbli li jkunu involuti fiċ-ċiklu ta' produzzjoni għal ħtiġijiet ta' difiża. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu applikati proċeduri ta' salvagwardja speċjali biex jitqiesu dawn iċ-ċirkustanzi.

(8) Il-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni Nukleari (NCAs) huma ftehimiet għall-kooperazzjoni dwar l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari li huma konklużi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi. Huma għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ, ir-riċerka u l-iżvilupp nukleari, jew attivitajiet kooperattivi oħrajn ta' interess reċiproku għall-partijiet b'rabta mal-użu paċifiku tal-enerġija nukleari, filwaqt li jirrispettaw l-impenji u l-politiki tal-Komunità. Skont l-Artikolu 77(b) tat-Trattat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tassigura li, fit-territorji tal-Istati Membri, jiġu osservati d-dispożizzjonijiet relatati mal-forniment u kwalunkwe obbligi partikolari ta' salvagwardja li l-Komunità tkun assumiet fi ftehim bħal dan. Dan ir-Regolament jindirizza aspetti speċifiċi relatati mar-rapportar ta' materjali nukleari kif speċifikat f'ċerti NCAs, iżda ma jkoprix oġġetti li mhumiex materjal nukleari.

(9) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-salvagwardji, huwa essenzjali li jiġu inkorporati kunsiderazzjonijiet ta' salvagwardja kmieni fil-proċessi tal-ippjanar u tad-disinn għal installazzjonijiet ġodda kif ukoll għal modifiki kbar u d-dekummissjonar ta' installazzjonijiet eżistenti.

(10) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-salvagwardji, jenħtieġ li n-natura u l-firxa tar-rekwiżiti għar-rapportar tal-materjal nukleari u d-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-installazzjonijiet iqisu l-adegwatezza tal-materjal nukleari u tal-installazzjoni li għandhom jintużaw għal skopijiet mhux paċifiċi, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu partikolari ta' salvagwardja meħud mill-Komunità fi ftehim konklużż ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

(11) Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2022, "l-Istrateġija Diġitali tal-Kummissjoni Ewropea - Kummissjoni diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss" ([7]) tisħaq fuq l-importanza li jiġi strutturat l-aċċess għad-data u l-iskambju mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Bħala parti minn dik l-istrateġija, il-Kummissjoni għandha l-għan li tippermetti l-interazzjoni diġitali transfruntiera, l-interoperabbiltà u l-modernizzazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. F'dan l-isfond u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-salvagwardji, jenħtieġ li r-rapporti u d-dikjarazzjonijiet jiġu ppreżentati b'mod elettroniku.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi approċċ aktar gradat, u b'hekk tnaqqis tal-piż għall-operaturi. Fejn rilevanti, dispożizzjonijiet differenti huma inklużi f'dan ir-Regolament, proporzjonati mal-valur strateġiku tal-materjali nukleari u l-installazzjonijiet u l-attivitajiet relatati.

(13) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tas-sigurtà stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 ([8]) u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 ([9]) japplikaw għall-informazzjoni miksuba fl-ambitu ta' dan ir-Regolament mingħajr preġudizzju għar-Regolament (Euratom) Nru 3 tal-31 ta' Lulju 1958 ([10]).

(14) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tipproteġi s-sigrieti kummerċjali, teknoloġiċi u industrijali kif ukoll informazzjoni kunfidenzjali oħra li ssir taf biha fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([5]) Il-Ftehim tas-27 ta' Lulju 1978 bejn Franza, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni ta' Salvagwardji fi Franza (ċirkolari ta' informazzjoni tal-IAEA INFCIRC/290 ta' Diċembru 1981).

([6]) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn Franza, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji fi Franza (ċirkolari ta' informazzjoni tal-IAEA INFCIRC/290/Add.1 tal-24 ta' Frar 2005).

([7]) C(2022) 4388 final.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3 tal-31 ta' Lulju 1958 li jimplimenta l-Artikolu 24 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 17, 6.10.1958, p. 406, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1958/3(1)/oj).

(15) Jenħtieġ li l-ispezzjonijiet u attivitajiet oħra relatati mas-salvagwardji mwettqa mill-ispetturi tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat ikunu limitati għall-kisba tal-objettivi skont il-Kapitolu VII tat-Trattat f'konformità mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 84, it-tieni subparagrafu tiegħu.

(16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi feedback rilevanti fi żmien xieraq dwar l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi, bħal-lista ta' tagħmir essenzjali u strutturi residwi speċifika għall-installazzjoni. Peress li f'ħafna każijiet dan ma jiddependix biss fuq il-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel sforz biex tikseb il-feedback meħtieġ mill-partijiet terzi, kif applikabbli, u taqsmu mal-operaturi u mal-Istati Membri kkonċernati.

(17) Dispożizzjonijiet partikolari u aġġornati ta' salvagwardja f'installazzjonijiet rilevanti huma importanti għall-implimentazzjoni tas-salvagwardji. Fid-dawl ta' dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tadotta dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja wara konsultazzjoni mill-qrib mal-operaturi u l-Istati Membri kkonċernati, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li dawn ikunu aġġornati. Sa fejn ikun possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel sforz biex jiġu adottati dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja qabel ma l-installazzjoni tibda l-operazzjonijiet tagħha.

(18) Jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi evalwata fi żmien 10 snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu fid-dawl tal-progress teknoloġiku fl-industrija nukleari u l-iżviluppi fit-teknoloġiji tal-informazzjoni. Madankollu, f'ċirkostanzi speċjali, dan ir-Regolament jista' jkun jeħtieġ li jiġi rivedut qabel dik l-evalwazzjoni, pereżempju, biex jikkonforma ma' kwalunkwe obbligu partikolari ta' salvagwardja meħud mill-Komunità fi ftehim konkluż ma' Stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

(19) Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li r-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 jitħassar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal kull persuna jew impriża li tistabbilixxi jew topera installazzjoni għall-produzzjoni, is-separazzjoni, ir-riproċessar, il-ħżin, id-disponiment jew użu ieħor ta' materjal nukleari.

Ma għandux japplika għad-detenturi ta' prodotti finali, bħal liegi jew ċeramika, użati għal skopijiet mhux nukleari li jinkorporaw materjali nukleari li fil-prattika ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, u lanqas għad-detenturi ta' materjali minerali għajr minerali, u sustanzi pproċessati relatati, li jintużaw għal skopijiet mhux nukleari u mhux għall-kisba ta' materjal sors.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) "Stati Membri mingħajr armi nukleari" tfisser il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja;

(2) "Stat Membru b'armi nukleari" tfisser Franza;

(3) "pajjiż terz" tfisser kull Stat li mhux membru tal-Komunità;

(4) "materjal nukleari" tfisser minerali, materjali sors jew materjali fissili speċjali kif definit fl-Artikolu 197 tat-Trattat;

(5) “minerali” tfisser minerali kif definit fl-Artikolu 197, il-punt 4, tat-Trattat u kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill Nru 9 tal-KEEA ([11]);

(6) “kategoriji” (ta’ materjal nukleari) huma uranju naturali, uranju mfaqqar, uranju arrikkit f’uranju-235 jew f’uranju-233 għal inqas minn 20 %, uranju arrikkit f’uranju-235 jew f’uranju-233 għal 20 % u aktar, torju, plutonju, u kwalunkwe materjal ieħor speċifikat mill-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 197 tat-Trattat;

(7) “skart” tfisser materjal nukleari f’konċentrazzjonijiet jew f’forom li jagħmlu l-materjal nukleari mhux rekuperabbli għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi, li għalih ma huwa previst l-ebda użu ulterjuri u li jista’ jiġi disponut;

(8) “skart miżmum” tfisser skart, maħluq minn ipproċessar jew minn inċident operattiv, li jkun imkejjel jew stmat fuq il-bażi ta’ kejl, li jkun ġie ttrasferit lejn post speċifiku fi ħdan iż-żona ta’ bilanċ tal-materjal li minnha jista’ jerġa’ jinkiseb, u li jitqies li ma jkunx jista’ jiġi rkuprat f’dak il-mument;

(9) “skart ikkundizzjonat” tfisser skart li fih il-materjal nukleari, imkejjel jew stmat fuq il-bażi ta’ kejl, li kien ikkundizzjonat b’mod li (pereżempju, fi ħġieġ, siment, konkrit jew bitum) ma jkunx adattat għal użu nukleari ulterjuri;

(10) “rimi fl-ambjent” tfisser materjal nukleari, imkejjel jew stmat fuq il-bażi ta’ kejl, li jkun intrema b’mod irrevokabbli fl-ambjent bħala riżultat ta’ rimi ppjanat u b’mod li ma jkunx adattat għal użu ulterjuri;

(11) “disponiment” tfisser it-tqegħid ta’ skart, fjuwil użat jew kwalunkwe materjal nukleari ieħor f’installazzjoni mingħajr l-intenzjoni li jiġi rkuprat;

(12) “fjuwil użat” tfisser fjuwil nukleari li ġie rradjat fil-qalba ta’ reattur u mneħħi permanentement minnu; il-fjuwil użat jista’ jew jitqies bħala riżorsa li tista’ tintuża li tista’ tiġi riproċessata jew jista’ jiġi disponut jekk ma jkunx previst użu ulterjuri;

(13) “oġġett” tfisser unità identifikabbli bħal immuntar ta’ fjuwil jew labra tal-fjuwil;

(14) “lott” tfisser porzjon ta’ materjal nukleari ttrattat bħala unità għal skopijiet ta’ kontabbiltà f’punt essenzjali ta’ kejl u li għalih it-taħlita u l-kwantità huma ddefiniti minn ġabra waħda ta’ speċifikazzjonijiet jew kejl; il-materjal nukleari jista’ jkun f’forma voluminuża jew jinsab f’għadd ta’ oġġetti;

(15) “data tal-lott” tfisser il-piż totali ta’ kull kategorija ta’ materjal nukleari u, fil-każ tal-plutonju u l-uranju, il-kompożizzjoni isotopika meta xieraq; għal raġunijiet ta’ rapportar il-piżijiet tal-oġġetti individwali fil-lott għandhom jingħaddu flimkien qabel l-ittondjar sal-eqreb unità;

(16) “kilogramm effettiv” hija unità speċjali użata fil-kuntest tas-salvagwardja ta’ materjal nukleari, miksuba bit-teħid:

(a) għal plutonju, tal-piż tiegħu f’kilogrammi;

(b) għal uranju b’arrikkiment ta’ 0,01 (1 %) u ogħla, tal-piż tiegħu f’kilogrammi mmultiplikat bil-kwadrat tal-arrikkiment tiegħu;

(c) għal uranju b’arrikkiment taħt 0,01 (1 %) u ogħla minn 0,005 (0,5 %), tal-piż tiegħu f’kilogrammi mmultiplikat b’0,0001;

u

(d) għal uranju mfaqqar b’arrikkiment ta’ 0,005 (0,5 %) jew anqas, u għal torju, tal-piż tiegħu f’kilogrammi mmultiplikat b’0,00005;

(17) “żona ta’ bilanċ tal-materjal” (MBA) tfisser żona li, għall-fini li jiġi stabbilit il-bilanċ tal-materjal:

(a) il-kwantità ta’ materjal nukleari f’kull trasferiment ’il ġewwa jew ’il barra minn kull żona ta’ bilanċ tal-materjal tkun tista’ tiġi ddeterminata;

u

(b) l-inventarju fiżiku ta’ materjal nukleari f’kull żona ta’ bilanċ tal-materjal jista’ jiġi ddeterminat meta jkun meħtieġ f’konformità ma’ proċeduri speċifikati;

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill tal-KEEA Nru 9 li jiddefinixxi l-konċentrazzjonijiet fil-minerali kif previst fl-Artikolu 197(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 12, 22.2.1960, p. 482, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1960/9(1)/oj).

(18) “punt essenzjali ta’ kejl” tfisser post fejn materjal nukleari jidher f’forma li fiha jista’ jitkejjel biex jiġi ddeterminat fluss ta’ materjal jew inventarju, inkluż iżda mhux limitat għal, postijiet fejn il-materjal nukleari jidħol, joħroġ jew jinħażen f’żoni ta’ bilanċ tal-materjal;

(19) “inventarju fil-kotba” ta’ żona ta’ bilanċ tal-materjal tfisser is-somma alġebrika tal-inventarju fiżiku l-aktar reċenti ta’ dik iż-żona ta’ bilanċ tal-materjal, u tal-bidliet kollha tal-inventarju li seħħew minn meta jkun ittieħed dak l-inventarju fiżiku;

(20) “inventarju fiżiku” tfisser is-somma tal-kwantitajiet tal-lott imkejla jew stimi miksuba ta’ kwantitajiet tal-lott ta’ materjal nukleari fil-pussess f’ħin partikolari f’żona ta’ bilanċ tal-materjal, miksuba f’konformità ma’ proċeduri speċifikati;

(21) “materjal mhux kontabilizzat” tfisser id-differenza bejn l-inventarju fiżiku u l-inventarju fil-kotba;

(22) ”differenza bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur” tfisser id-differenza bejn il-kwantità ta’ materjal nukleari f’lott kif imkejla fiż-żona ta’ bilanċ tal-materjal li tirċievi u l-kwantità kif iddikjarata miż-żona ta’ bilanċ tal-materjal li tibgħat;

(23) ”data tas-sors” tfisser dik id-data, irreġistrata matul il-kejl jew il-kalibrar jew użata biex jiġu derivati relazzjonijiet empiriċi, li tidentifika materjal nukleari u tipprovdi data tal-lott, inkluż: il-piż tal-komposti; il-fatturi ta’ konverżjoni biex jiġi ddeterminat il-piż tal-element; il-gravità speċifika; il-konċentrazzjoni tal-element; il-proporzjonijiet isotopiċi; ir-relazzjoni bejn il-volum u l-qari tal-manometru; u r-relazzjoni bejn il-plutonju prodott u l-enerġija ġġenerata;

(24) “sit” tfisser żona delimitata mill-Komunità u minn Stat Membru mingħajr armi nukleari, li fiha installazzjoni waħda jew aktar, inkluż installazzjonijiet magħluqin, kif definit fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi rilevanti tagħhom, fejn:

(a) fil-każ ta’ installazzjoni magħluqa fejn normalment kien jintuża materjal sors jew materjal fissili speċjali fi kwantitajiet ta’ anqas minn kilogramm effettiv, it-tifsira ta’ “sit” tkun limitata għal dawk il-postijiet b’ċelloli sħan jew fejn twettqu attivitajiet relatati mal-konverżjoni, l-arrikkiment, il-manifattura jew ir-riproċessar tal-fjuwil;

(b) “sit” tinkludi wkoll l-impjanti kollha li jkunu fl-istess post tal-installazzjonijiet li jipprovdu jew jużaw servizzi essenzjali inkluż ċelloli sħan għall-ipproċessar ta’ materjali rradjati li ma jkunx fihom materjal nukleari; impjanti għat-trattament, il-ħżin u d-disponiment ta’ skart; u binjiet assoċjati ma’ attivitajiet speċifikati fl-Anness 1 tal-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom u identifikati mill-Istat ikkonċernat;

(c) fil-każ ta’ Post nazzjonali Barra mill-Faċilità, id-detenturi kollha ta’ ammonti żgħar ta’ materjal nukleari inklużi jistgħu flimkien jikkostitwixxu sit wieħed;

(25) “ċellola sħuna” tfisser ċellola jew ċelloli interkonnessi li t-total tagħhom huwa mill-inqas 6 m^3 fil-volum b’ilqugħ daqs jew aktar mill-ekwivalenti ta’ 0,5 m ta’ konkrit, b’densità ta’ 3,2 g/cm^3 jew aktar, mgħammra b’tagħmir għal operazzjonijiet mill-bogħod;

(26) “rappreżentant tas-sit” tfisser kwalunkwe persuna, impriża jew entità maħtura minn Stat Membru mingħajr armi nukleari bħala responsabbli għad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1);

(27) “installazzjoni” tfisser, mill-istadju tal-ippjanar sakemm tiġi kkonfermata bħala dekummissjonata:

(a) reattur, installazzjoni kritika, impjant ta’ konverżjoni, impjant ta’ manifattura, impjant ta’ riproċessar, impjant ta’ separazzjoni tal-isotopi, installazzjoni separata tal-ħżin, impjant ta’ inkapsulament, repożitorju ġeoloġiku, installazzjoni tat-trattament tal-iskart, tal-ħżin tal-iskart jew tad-disponiment tal-iskart jew kwalunkwe post ieħor fejn jinżamm materjal sors jew materjal fissili speċjali jew fejn normalment jintuża f’ammonti akbar minn kilogramm wieħed effettiv;

(b) kwalunkwe Post Barra mill-Faċilità (LOF);

(c) kwalunkwe post fejn, sabiex jinkisbu materjali ta’ sors, il-minerali jiġu estratti, jinżammu jew jiġu pproċessati;

(28) “Post Barra mill-Faċilitajiet” (LOF - Location Outside Facilities) tfisser post mhux kopert skont id-definizzjoni stipulata fil-punt 27(a) fejn materjal sors jew materjal fissili speċjali jinżamm jew normalment jintuża f’ammonti ta’ kilogramm wieħed effettiv jew inqas;

(29) “Post nazzjonali Barra mill-Faċilitajiet” tfisser LOF partikolari magħmul minn detenturi ta’ ammonti żgħar ta’ materjal nukleari f’konformità mal-kriterji miftiehma bejn l-Istati Membri fejn jinżamm il-materjal u l-Kummissjoni;

(30) "MBA Komprensiva" (CAM) tfisser LOF partikolari magħmul minn ammonti żgħar ta' materjal nukleari skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness I-N;

(31) "magħluqa' tfisser, meta tirreferi għal installazzjoni, li jkun ġie vverifikat li l-operazzjonijiet ikunu twaqqfu u li l-materjal nukleari kollu soġġett għas-salvagwardji tal-Euratom ikun tneħħa;

(32) "taħt dekummissjonar" tfisser, meta tirreferi għal installazzjoni, li l-attivitajiet dwar iż-żarmar, jew l-irkupru u t-tneħħija ta' materjal nukleari jew it-tneħħija tat-tagħmir essenzjali jew li dan isir inoperabbli, ikunu għadhom għaddejjin bl-għan li l-installazzjoni tiġi dekummissjonata;

(33) "dekummissjonar" tfisser, meta tirreferi għal installazzjoni, li jkun ġie vverifikat li l-materjal nukleari kollu soġġett għas-salvagwardji tal-Euratom ikun tneħħa u l-istrutturi residwi u t-tagħmir essenzjali biex l-installazzjoni tintuża għal skopijiet oħrajn għajr id-disponiment ta' materjal nukleari li ma jkunx għadu soġġett għas-salvagwardji tal-Euratom ikunu tneħħew jew saru inoperabbli sabiex l-ipproċessar jew l-użu ta' materjal nukleari ma jkunx għadu possibbli;

(34) "operatur' tfisser kwalunkwe persuna jew impriża, inkluż kwalunkwe organizzazzjoni, li tkun qed tippjana li tistabbilixxi jew li tkun legalment responsabbli għall-istabbiliment jew għat-tħaddim ta' installazzjoni;

(35) "prinċipju ta' ekwivalenza" tfisser li obbligu partikolari ta' salvagwardja li japplika għal kwantità ta' materjal nukleari jista' jiġi ttrasferit għal kwantità oħra ta' materjal nukleari, soġġett għal kriterji ta' ekwivalenza;

(36) "kriterji ta' ekwivalenza' tfisser kriterji speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward tal-kwantità, il-kategorija, il-kompożizzjoni isotopika, il-forma fiżika, il-forma kimika u l-istat materjali tal-materjal nukleari sabiex jiġi applikat il-prinċipju ta' ekwivalenza;

(37) "prinċipju ta' proporzjonalità" tfisser li, meta materjal nukleari soġġett għal obbligu partikolari ta' salvagwardja jkun imħallat jew ittrasformat fi proporzjon partikolari ma' materjal nukleari mhux soġġett għal dan l-obbligu, il-prodott, il-prodott sekondarju, l-iskart jew it-telf iġġenerat mill-ipproċessar ikun soġġett għall-obbligu partikolari ta' salvagwardja fl-istess proporzjon;

(38) "pool accounting (kontabbiltà tar-raggruppament)" tfisser metodu ta' kontabbiltà speċifiku li fih jintuża kodiċi ta' obbligu uniku (pool code - kodiċi tar-raggruppament)) biex jiġu ddikjarati l-inventarji fil-kotba u l-elenkar tal-inventarji fiżiċi lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 14 u 15, għalkemm il-materjal nukleari jista' jkun soġġett għal diversi obbligi partikolari ta' salvagwardja;

(39) "accountancy pool (raggruppament ta' kontabbiltà)" tfisser il-kamp ta' applikazzjoni li fih l-użu tal-pool accounting ikun ġie awtorizzat f'żona waħda jew f'diversi żoni ta' bilanċ tal-materjal.

KAPITOLU II

KARATTERISTIĊI TEKNIĊI BAŻIĊI U DISPOŻIZZJONIJIET PARTIKOLARI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 3

Dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi

1. L-operaturi għandhom jiddikjaraw lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-installazzjonijiet tagħhom.

Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(c), japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 27 u 28.

Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (29), japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37.

Għal installazzjonijiet ġodda msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(a), għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni preliminari lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat malli l-għażliet ewlenin tad-disinn jiġu definiti biex il-kunsiderazzjonijiet ta' salvagwardji jkunu jistgħu jiġu inklużi kmieni fl-istadju tal-ippjanar tal-installazzjoni.

2. Kull meta l-karatteristiċi tekniċi bażiċi jiġu ddikjarati għall-ewwel darba ("dikjarazzjoni inizjali tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi") jew jiġu aġġornati, għandu jintuża l-kwestjonarju rilevanti fl-Anness I sabiex timtela l-informazzjoni rilevanti applikabbli għall-installazzjoni.

3. Id-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku.

4. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jibagħtu l-osservazzjonijiet inizjali inkluż dwar it-tagħmir essenzjali, fejn applikabbli, jew jitolbu informazzjoni inizjali addizzjonali fi żmien 6 xhur mid-dikjarazzjoni tal-operatur tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi. Jekk jintalbu, għandhom jiġu pprovduti aktar spjegazzjonijiet b'rabta mal-informazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum, jew f'perjodu ta' żmien differenti miftiehem.

Artikolu 4

Limiti ta' żmien għad-dikjarazzjoni inizjali tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi

1. Id-dikjarazzjoni sħiħa tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi ta' installazzjonijiet ġodda għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 3(1) mill-anqas 200 jum qabel ma tkun mistennija li tasal l-ewwel kunsinna ta' materjal nukleari.

2. Għal installazzjonijiet ġodda msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(a), l-informazzjoni kollha disponibbli relatata massid, l-operatur, il-post, l-iskop u t-tip ta' installazzjoni, il-kapaċità kif ukoll l-informazzjoni ta' qabel it-tħaddim għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni malli l-informazzjoni tkun disponibbli jew f'perjodu ta' żmien differenti miftiehem mill-operatur, l-Istat Membru u l-Kummissjoni abbażi tad-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi preliminari msemmija fl-Artikolu 3(1), ir-raba' subparagrafu, li ma għandux ikun aktar tard mill-ewwel preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal liċenzja tal-kostruzzjoni.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni tal-kunsiderazzjonijiet ta' salvagwardja kmieni fil-proċess tad-disinn tal-installazzjonijiet, it-tip, il-forma u t-throughput mistenni u l-inventarji tal-materjal nukleari kif ukoll dijagrammi li jindikaw il-flussi mistennija u l-ħżin tal-materjali nukleari jistgħu jiġu pprovduti wkoll lill-Kummissjoni bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

3. Kwalunkwe operatur ta' installazzjoni li jkun qed jippjana li juża tekniki għall-ipproċessar kimiku ta' materjali rradjati għandu jipprovdi, fl-istess ħin tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tapprova dawk it-tekniki, kif meħtieġ mill-Artikolu 78 tat-Trattat.

4. L-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafi 2 u 3 għandha tiġi pprovduta fil-partijiet iddedikati tal-kwestjonarju rilevanti fl-Anness I.

5. Kwalunkwe operatur ta' installazzjoni fit-territorju ta' Stat li jaderixxi mal-Unjoni Ewropea għandu jiddikjara lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tekniċi bażiċi ta' dik l-installazzjoni fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat, jew f'perjodu ta' żmien differenti miftiehem.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi

1. Bidliet sinifikanti fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) u (3) għandhom jiġu ddikjarati lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru rilevanti kull meta d-disinn innotifikat tal-installazzjoni jiġi mmodifikat, jew f'perjodu ta' żmien differenti miftiehem.

2. Bidliet sinifikanti fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi rigward l-iskop, it-tip jew it-tqassim tal-installazzjoni u b'mod partikolari l-bidliet li jaffettwaw ir-rotot ta' aċċess għal żoni fejn jintużaw jew jinħażnu materjali nukleari għandhom jiġu ddikjarati malli tittieħed id-deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom, u mhux aktar tard minn 20 jum qabel ma jkun skedat li tibda l-ħidma fuq il-modifika. Rekwiżiti addizzjonali rigward il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li għandhom jiġu ddikjarati minn qabel jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

3. Bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li għalihom ma tkunx meħtieġa dikjarazzjoni antiċipata skont il-paragrafu 2 għandhom jiġu ddikjarati fi żmien 30 jum wara li l-modifika titlesta.

Il-pjanijiet ta' dekummissjonar u l-perjodi ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu ddikjarati billi jintużaw il-partijiet iddedikati tal-kwestjonarju rilevanti fl-Anness I meta jkunu ġew adottati jew deċiżi, rispettivament. Kull aġġornament għandu jiġi ddikjarat kull meta tinbidel l-informazzjoni pprovduta fil-kwestjonarju.

4. Il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' dekummissjonar għandhom jiġu ddikjarati kull xahar, sa tmiem ix-xahar ta' wara, iżda biss jekk l-informazzjoni fil-kwestjonarju rilevanti fl-Anness I tkun inbidlet matul ix-xahar.

Artikolu 6

Dikjarazzjoni ta' deskrizzjoni ġenerali tas-sit

1. Kull Stat Membru li huwa parti għall-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom, għandu jaħtar rappreżentant tas-sit għal kull sit fit-territorju tiegħu, li għandu jippreżenta lill-Kummissjoni dikjarazzjoni li jkun fiha deskrizzjoni ġenerali tas-sit, f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Id-dikjarazzjoni ta' deskrizzjoni ġenerali tas-sit għandha tiġi ppreżentata fi żmien 120 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom fl-Istat Membru kkonċernat u kwalunkwe aġġornament għandu jiġi ppreżentat sal-1 ta' April ta' kull sena. Id-dikjarazzjonijiet ta' deskrizzjoni ġenerali tas-sit u tal-aġġornamenti tiegħu għandhom jiġu ppreżentati b'mod elettroniku.

Id-dikjarazzjoni ta' deskrizzjoni ġenerali tas-sit għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2, il-punt (a)(iii), tal-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom, u għandha tkun separata mid-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi.

2. Filwaqt li r-rappreżentant tas-sit għandu r-responsabbiltà li jiġbor fil-ħin l-informazzjoni rilevanti u li jippreżenta dikjarazzjoni ta' deskrizzjoni ġenerali tas-sit lill-Kummissjoni, ir-responsabbiltà għall-korrettezza u l-kompletezza ta' dik id-dikjarazzjoni tibqa' fuq il-persuni jew l-impriżi li qed jistabbilixxu jew joperaw l-installazzjoni; għall-binjiet f'sit li ma jinvolvix materjal nukleari, dik ir-responsabbiltà tibqa' fuq l-Istat Membru kkonċernat.

3. Jekk jintalbu, għandhom jiġu pprovduti aktar dettalji jew spjegazzjonijiet b'rabta mal-informazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjoni ta' deskrizzjoni ġenerali tas-sit lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum.

Artikolu 7

Programm ta' attivitajiet

1. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tippjana l-attivitajiet ta' salvagwardja tagħha, l-operaturi għandhom jikkomunikaw b'mod elettroniku lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) programm ġenerali ta' attivitajiet abbażi tal-Anness XI, li jindika, b'mod partikolari, dati proviżorji għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(b) mill-anqas 40 jum qabel it-teħid ta' inventarju fiżiku, il-programm għal dan ix-xogħol.

Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(b), bħala minimu għandhom jiġu pprovduti d-dati proviżorji għat-teħid ta' inventarju fiżiku.

Bidliet li jaffettwaw il-programm ġenerali ta' attivitajiet u, b'mod partikolari, it-teħid tal-inventarji fiżiċi għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8, il-programm ta' attivitajiet għandu jiġi kkomunikat kull sena, mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena preċedenti.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja

1. Filwaqt li taġixxi abbażi tad-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi, il-Kummissjoni tadotta dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja relatati mal-aspetti stipulati fil-paragrafu 2.

Dawk id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jistgħu jiġu riveduti fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat.

Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(a), id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja għandhom jitfasslu permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lill-operatur ikkonċernat, b'kont meħud tal-limitazzjonijiet operattivi u tekniċi u wara konsultazzjoni mill-qrib mal-operatur ikkonċernat u l-Istat Membru rilevanti.

Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(b), tista' titfassal deċiżjoni waħda tal-Kummissjoni indirizzata lil diversi operaturi kkonċernati jew lill-operaturi kollha kkonċernati, li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja. Dawn id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja għandhom jiġu stipulati wara konsultazzjoni mill-qrib mal-operaturi kkonċernati u mal-Istat Membru rilevanti.

L-operatur li lilu tkun indirizzata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandu jkun innotifikat b'dan, u kopja ta' din in-notifika għandha tintbagħat lill-Istat Membru rilevanti.

2. Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(a), id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) iż-żoni ta' bilanċ tal-materjal u l-għażla tal-punti essenzjali ta' kejl biex jiġu ddeterminati l-fluss u l-istokkijiet tal-materjali nukleari;

(b) il-bidliet fil-karatteristiċi tekniċi bażiċi li għalihom tkun meħtieġa notifika antiċipata;

(c) il-proċeduri għaż-żamma ta' reġistri ta' materjali nukleari għal kull żona ta' bilanċ tal-materjal u għat-tfassil ta' rapporti;

(d) il-frekwenza tat-teħid tal-inventarji fiżiċi u l-proċeduri għalih, għal skopijiet ta' kontabbiltà bħala parti mill-miżuri ta' salvagwardja;

(e) il-miżuri ta' konteniment u sorveljanza, f'konformità mal-arranġamenti miftiehma mal-operatur ikkonċernat;

(f) l-arranġamenti għat-teħid ta' kampjuni mill-operatur esklużivament għal skopijiet ta' salvagwardja;

(g) il-lista ta' tagħmir essenzjali għall-installazzjoni.

Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(b), id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jistgħu jkunu limitati għall-punti (a), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Id-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jistgħu jispeċifikaw ukoll:

(a) il-kontenut tal-komunikazzjonijiet sussegwenti meħtieġa skont l-Artikolu 7 jew 16;

(b) il-kundizzjonijiet li taħthom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet li taħthom il-vjeġġi u l-wasliet tal-materjal nukleari jirrikjedu notifika antiċipata;

(c) miżuri miftiehma oħra ta' salvagwardja li jitqiesu meħtieġa biex jiġi żgurat li l-materjali nukleari ma jiġux iddevjati mill-użi maħsuba tagħhom, f'konformità mal-arranġamenti mal-operatur ikkonċernat.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża lill-operatur ikkonċernat il-kost tas-servizzi speċjali li huma previsti fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja jew li huma pprovduti bħala r-riżultat ta' talba speċjali mill-Kummissjoni jew mill-ispetturi tagħha, esklużivament abbażi ta' ftehim li jiddefinixxi dawk il-kostijiet u l-kundizzjonijiet tar-rimborż tagħhom. Ix-xogħlijiet imwettqa mill-operatur qabel l-iffirmar tal-ftehim ma għandhomx ikunu rimborżabbli. Ir-rimborż għandu jkun limitat għall-ammont meħtieġ biex jiġu bbilanċjati l-kostijiet imġarrba mill-operatur għas-servizzi speċjali u ma għandu jinkludi l-ebda profitt. Il-proċedura li għandha tiġi segwita biex l-operatur jitlob rimborż tal-kost relatat mal-ispezzjonijiet għandha tiġi deskritta fil-linji gwida msemmija fl-Artikolu 42.

KAPITOLU III

KONTABBILTÀ TAL-MATERJAL NUKLEARI

Artikolu 9

Sistema tal-kontabbiltà

1. Mill-mument li fih l-operaturi jkollhom materjal nukleari, huma għandhom iżommu sistema ta' kontabbiltà u kontroll għall-materjali nukleari, li għandha tkun effettiva fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' irregolaritajiet li jwasslu għal sitwazzjonijiet fejn il-materjal nukleari jiġi kontabbilizzat b'mod żbaljat. Din is-sistema għandha tinkludi reġistri ta' kontabbiltà u ta' tħaddim u, b'mod partikolari, informazzjoni dwar il-kwantitajiet, il-kategoriji, il-forma u l-kompożizzjoni tal-materjali nukleari kif previst fl-Artikolu 21, il-post eżatt tagħhom u l-obbligu partikolari ta' salvagwardja kif previst fl-Artikolu 19, flimkien mad-dettalji tar-riċevitur jew tal-konsenjatur meta jiġu ttrasferiti materjali nukleari.

2. Is-sistema ta' kejl li fuqha jkunu bbażati r-reġistri għandha tkun konformi mal-istandards internazzjonali l-aktar reċenti jew għandha tkun ekwivalenti fil-kwalità ma' dawk l-istandards. Abbażi ta' dawk ir-reġistri, irid ikun possibbli li jitfasslu u jiġu ssostanzjati d-dikjarazzjonijiet ta' kontabbiltà kollha magħmula lill-Kummissjoni. Ir-reġistri kollha relatati mal-materjali nukleari għandhom jinżammu sakemm il-materjali nukleari jkunu preżenti fl-installazzjoni, u għal tal-anqas 5 snin wara li l-materjali nukleari ma jibqgħux preżenti fl-installazzjoni, sakemm ma jsirx ftehim ieħor. Aktar dettalji jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8 għal kull installazzjoni.

3. Ir-reġistri ta' kontabbiltà u ta' tħaddim għandhom ikunu disponibbli f'forma elettronika jekk jinżammu f'din il-forma mill-installazzjoni. Għall-installazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(a), lista aġġornata ta' oġġetti tal-inventarju għandha tkun disponibbli għall-ispetturi tal-Kummissjoni f'forma elettronika fuq talba motivata, bl-użu tal-informazzjoni disponibbli f'konformità mal-format indikattiv stabbilit fl-Anness X.

Artikolu 10

Reġistri tat-tħaddim

1. Għal kull żona ta' bilanċ tal-materjal ta' installazzjoni, ir-reġistri tat-tħaddim għandhom jinkludu, fejn xieraq:

(a) id-data operattiva użata biex jiġu ddeterminati l-bidliet kollha fil-kwantitajiet u l-kompożizzjoni tal-materjal nukleari preżenti fl-installazzjoni, inkluż id-dokumenti tat-trasport kemm għal-lottijiet riċevuti kif ukoll dawk mibgħuta ta' materjal nukleari;

(b) lista ta' oġġetti tal-inventarju u l-post tagħhom, miżmuma aġġornata bl-aħjar mod possibbli;

(c) id-data, inkluż stimi derivati ta' żbalji aleatorji u żbalji sistematiċi, miksuba mill-kalibrar ta' tankijiet u strumenti kif ukoll minn kampjunar u analiżi;

(d) id-data li tirriżulta minn miżuri ta' kontroll tal-kwalità applikati fuq is-sistema ta' kontabbiltà tal-materjal nukleari, inkluż stimi derivati ta' żbalji aleatorji u żbalji sistematiċi;

(e) deskrizzjoni tas-sekwenza ta' azzjonijiet meħuda bi tħejjija għal inventarju fiżiku u t-teħid tiegħu, u biex jiġi żgurat li l-inventarju jkun korrett u komplet;

(f) deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda għar-rikonoxximent, investigati u solvuti d-diskrepanzi fil-kontabbiltà u fil-kontroll tal-materjal nukleari li rriżultaw;

(g) ir-riżultati mill-proċeduri ta' kontroll tal-inventarju u, għal installazzjonijiet li jimmaniġġaw materjal bl-ingrossa, ir-riżultati tat-testijiet għall-aċċettazzjoni tal-bilanċ tal-materjal, filwaqt li jitqiesu l-inċertezzi ġġustifikati fil-kejl u fil-proċess;

(h) deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda sabiex jiġu aċċertati l-kawża u d-daqs ta' kwalunkwe telf aċċidentali jew mhux imkejjel li seta' seħħ;

(i) il-kompożizzjoni isotopika tal-plutonju, inkluż l-isotopi ta' diżintegrazzjoni tiegħu, u dati ta' referenza, jekk irreġistrati fl-installazzjoni għal ħtiġijiet operazzjonali.

2. Ir-reġistri tat-tħaddim oriġinali għandhom ikunu disponibbli għall-ispetturi tal-Kummissjoni, f'forma elettronika jekk disponibbli. Fuq talba motivata u f'konformità mal-Artikolu 40(2), kopji tar-reġistri tat-tħaddim għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni, f'forma elettronika jekk disponibbli. Fuq talba mmotivata mill-operatur, jistgħu jiġu miftiehma arranġamenti speċjali dwar il-forma u t-trażmissjoni tal-informazzjoni.

Artikolu 11

Reġistri ta' kontabbiltà

Ir-reġistri ta' kontabbiltà fir-rigward ta' kull żona ta' bilanċ tal-materjal għandu jkun fihom dawn li ġejjin:

(a) il-bidliet kollha tal-inventarju, biex f'kull ħin ikun jista' jiġi ddeterminat l-inventarju fil-kotba;

(b) ir-riżultati tal-kejl u tal-għadd kollha użati biex jiġi ddeterminat l-inventarju fiżiku;

(c) il-korrezzjonijiet kollha magħmula fil-bidliet tal-inventarju, fl-inventarji fil-kotba u fl-inventarji fiżiċi.

Ir-reġistri ta' kontabbiltà relatati ma' kwalunkwe bidla fl-inventarju u inventarju fiżiku għandhom jinkludu l-identifikazzjoni tal-materjal, id-data tal-lott u d-data tas-sors għal kull lott. Dawn ir-reġistri għandhom jagħtu rendikont separat għall-uranju, għat-torju u għall-plutonju, f'konformità mal-kategoriji elenkati fl-Artikolu 21(2), il-punt (b). B'żieda ma' dan, għal kull bidla fl-inventarju, għandha tkun indikata d-data tal-bidla u, meta xieraq, iż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tkun qed tibgħat jew il-konsenjatur u ż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tkun qed tirċievi jew ir-riċevitur.

Artikolu 12

Rapporti ta' kontabbiltà

Mill-mument li fih l-operaturi jkollhom materjal nukleari, huma għandhom jipprovdu rapporti ta' kontabbiltà lill-Kummissjoni.

Ir-rapporti ta' kontabbiltà għandhom jinkludu l-informazzjoni disponibbli dwar id-data ta' rapportar u jridu jkunu kkoreġuti f'data 'l quddiem jekk ikun meħtieġ. Ir-rapporti ta' kontabbiltà għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni b'mod elettroniku.

Fuq talba motivata, għandhom jiġu pprovduti aktar dettalji jew spjegazzjonijiet b'rabta ma' dawk ir-rapporti kontabilistiċi lill-Kummissjoni fi żmien 3 ġimgħat jew f'perjodu ta' żmien differenti miftiehem.

Artikolu 13

Inventarju inizjali fil-kotba

Kwalunkwe operatur fit-territorju tal-Istat li jaderixxi mal-Unjoni Ewropea għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat, inventarju inizjali fil-kotba tal-materjali nukleari kollha li jkollu, inkluż materjali nukleari li qabel kienu meqjusa bħala skart u materjali nukleari miżmuma li qabel kienu eżentati mis-salvagwardji tal-IAEA, ħlief materjal nukleari li fuqu ġew itterminati s-salvagwardji tal-IAEA. Għandu jintuża l-format stipulat fl-Anness V.

Artikolu 14

Rapport ta' bidla fl-inventarju

1. Mill-mument li fih l-operaturi jkunu qed iżommu materjal nukleari u għal kull żona ta' bilanċ tal-materjal, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapporti ta' bidla fl-inventarju fir-rigward tal-materjali nukleari kollha billi jużaw il-format stipulat fl-Anness III.

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8 għal installazzjoni, ir-rapporti dwar tibdil fl-inventarju għandhom jintbagħtu kull xahar, mhux aktar tard minn 15-il jum wara tmiem ix-xahar, u għandhom jiddikjaraw il-bidliet kollha fl-inventarju li jkunu seħħew jew li jkunu saru magħrufa matul dak ix-xahar.

2. Għax-xhur li fihom jittieħed inventarju fiżiku, u d-data ta' teħid tal-inventarju fiżiku ma tkunx l-aħħar jum tax-xahar, għandhom jiġu pprovduti żewġ rapporti separati ta' bidla fl-inventarju:

(a) l-ewwel rapport ta' bidla fl-inventarju għandu jkollu l-bidliet kollha fl-inventarju sad-data tat-teħid tal-inventarju fiżiku, bl-inklużjoni ta' din id-data, u dan ir-rapport għandu jintbagħat l-aktar tard flimkien mat-tieni rapport ta' bidla fl-inventarju, jew flimkien mal-elenkar tal-inventarju fiżiku u r-rapport ta' bilanċ tal-materjal jekk dawn tal-aħħar jintbagħtu qabel it-tieni rapport ta' bidla fl-inventarju;

(b) it-tieni rapport ta' bidla fl-inventarju li jkollu l-bidliet kollha fl-inventarju mill-ewwel jum wara d-data tat-teħid tal-inventarju fiżiku sal-aħħar tax-xahar, li għandu jintbagħat fi żmien 15-il jum minn tmiem ix-xahar.

3. Għax-xhur li fihom ma sseħħ l-ebda bidla fl-inventarju, l-operaturi kkonċernati għandhom jibagħtu r-rapport ta' bidla fl-inventarju, u l-inventarju finali fil-kotba tax-xahar preċedenti għandu jiġi riportat.

4. Bl-għan li jkunu jistgħu jiġu rrapportati bħala bidla waħda fl-inventarju, bidliet żgħar fl-inventarju, bħal trasferimenti ta' kampjuni għal finijiet ta' analiżi, jistgħu jiġu raggruppati, kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8 għall-installazzjoni kkonċernata.

5. Rapporti ta' bidla fl-inventarju jistgħu jkunu akkumpanjati b'kummenti li jispjegaw il-bidliet fl-inventarju.

Artikolu 15

Rapport ta' bilanċ tal-materjal u elenkar tal-inventarju fiżiku

1. Għal kull żona ta' bilanċ tal-materjal, l-operaturi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

(a) rapporti ta' bilanċ tal-materjal, fil-format stipulat fl-Anness IV, li jindika:

(i) inventarju fiżiku tal-bidu;

(ii) bidliet fl-inventarju (l-ewwel iż-żidiet, imbagħad it-tnaqqis);

(iii) inventarju finali fil-kotba;

(iv) inventarju fiżiku finali;

(v) materjal mhux kontabbilizzat;

(b) elenkar tal-inventarju fiżiku, fil-format stipulat fl-Anness V, li juri l-lottijiet kollha separatament.

2. Ir-rapporti u l-elenkar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu minnufih u mhux aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha jkun ittieħed inventarju fiżiku.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8 għal installazzjoni, elenkar tal-inventarju fiżiku, ibbażat fuq inventarju attwali li jieħu l-materjali nukleari kollha preżenti fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal, għandu jiġi prodott kull sena kalendarja. Il-perjodu bejn żewġ dikjarazzjonijiet suċċessivi tal-inventarju fiżiku ma għandux jaqbeż l-14-il xahar.

Artikolu 16

Rapporti speċjali

L-operaturi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport speċjali kull meta tinqala' kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 17 jew 25.

Ir-rapporti speċjali, u aktar dettalji jew spjegazzjonijiet mitluba b'rabta ma' dawn ir-rapporti, għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Jekk ikunu meħtieġa aktar investigazzjonijiet tekniċi, dawk ir-rapporti speċjali għandu jkun fihom l-informazzjoni disponibbli fid-data tar-rapportar u għandhom jimtlew mill-aktar fis possibbli bl-eżitu ta' dawk l-investigazzjonijiet.

Artikolu 17

Okkorrenzi mhux tas-soltu

Għandu jiġi pprovdut rapport speċjali, kif meħtieġ fl-Artikolu 16, fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk, bħala riżultat ta' kwalunkwe inċident jew ċirkostanza mhux tas-soltu, jitqiesli kien hemm jew jista' jkun hemm żieda jew telf ta' materjal nukleari, inkluż matul it-trasferiment lejn l-installazzjoni jew minnha; f'każijiet bħal dawn, ir-rapport speċjali għandu jinkludi deskrizzjoni tal-inċident jew taċ-ċirkostanzi, il-piżijiet tal-uranju, tat-torju u tal-plutonju, f'konformità mal-kategoriji elenkati fl-Artikolu 21(2), il-punt (b), il-piż tal-isotopi fissili fil-każ ta' uranju arrikkit, kif ukoll deskrizzjoni dwar kif ġew stabbiliti l-piżijiet, u kwalunkwe azzjoni oħra meħuda inkluż biex tiġi evitata r-rikorrenza ta' telf;

(b) jekk il-konteniment ikun inbidel b'mod mhux mistenni, sa punt fejn tkun saret possibbli tneħħija mhux awtorizzata tal-materjal nukleari; f'każijiet bħal dawn, ir-rapport speċjali għandu jinkludi deskrizzjoni tal-inċident jew taċ-ċirkostanzi u dan jista' jinkludi wkoll deskrizzjoni ta' kwalunkwe azzjoni meħuda biex jitnaqqas ir-riskju ta' tneħħija mhux awtorizzata u tiġi evitata r-rikorrenza.

L-operaturi kkonċernati għandhom jipprovdu dawk ir-rapporti speċjali malli jsiru konxji li kien hemm tali żieda jew telf jew tali tibdil ħesrem mhux mistenni, jew malli jindunaw b'xi ħaġa li twassalhom biex iqisu li kien hemm okkorrenza simili. Il-kawżi għal tali okkorrenzi mhux tas-soltu għandhom jiġu ddikjarati wkoll malli jsiru magħrufa.

Għal kull installazzjoni, aktar dettalji dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 18

Rapportar ta' trasformazzjonijiet nukleari

Fir-rigward ta' reatturi, id-data kkalkolata dwar it-trasformazzjonijiet nukleari għandha tiġi rrapportata fir-rapport ta' bidla fl-inventarju mhux aktar tard minn meta fjuwil irradjat jiġi ttrasferit miż-żona ta' bilanċ tal-materjal tar-reattur. Barra minn hekk, proċeduri oħrajn għar-reġistrazzjoni u r-rapportar ta' trasformazzjonijiet nukleari jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 19

Obbligi partikolari ta' salvagwardja

1. Il-materjali nukleari soġġetti għal obbligi partikolari ta' salvagwardja li tidħol għalihom il-Komunità fi ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali għandhom jiġu identifikati bil-kodiċi tal-obbligu xieraq, kif ikkomunikat mill-Kummissjoni, fin-notifiki u r-reġistri li ġejjin:

(a) inventarju inizjali fil-kotba previst fl-Artikolu 13;

(b) rapporti ta' bidla fl-inventarju, inkluż inventarji finali fil-kotba, previsti fl-Artikolu 14;

(c) rapporti ta' bilanċ tal-materjali u elenkar tal-inventarju fiżiku previsti fl-Artikolu 15;

(d) esportazzjonijiet u importazzjonijiet maħsuba previsti fl-Artikoli 23 u 24;

(e) reġistri ta' kontabbiltà previsti fl-Artikolu 11, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (c).

Sakemm mhux speċifikament ipprojbit fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-ftehimiet ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, l-identifikazzjoni ta' materjali nukleari msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tipprekludi t-taħlit fiżiku tal-materjali nukleari.

2. Fejn applikabbli, l-attribuzzjoni tal-kodiċijiet tal-obbligi fir-reġistri previsti fl-Artikolu 11 u fir-rapporti previsti fl-Artikoli 14 u 15 għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

3. Il-paragrafu 1 ma għandu japplika għall-ebda ftehim konkluż mill-Komunità u mill-Istati Membri mal-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika.

Artikolu 20

Pool accounting u skambji ta' obbligi

1. L-użu, il-kamp ta' applikazzjoni, ir-rapportar u l-modalitajiet tal-pool accounting jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, li tista' tingħata fuq bażi ta' każ b'każ jekk dan l-użu jkun iġġustifikat fid-dawl tat-tip u tal-attivitajiet tal-installazzjoni u f'konformità mal-kriterji deskritti fir-rakkomandazzjoni msemmija fl-Artikolu 42. Il-modalitajiet tal-pool accounting ma għandhomx jippreġudikaw it-twettiq tal-impenji tal-Komunità, bħar-rispett tal-prinċipji tal-ekwivalenza u tal-proporzjonalità.

Talba raġunata u motivata għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' pool accounting għandha tiġi ppreżentata bil-miktub lill-Kummissjoni, bi proposta tal-modalitajiet tal-pool accounting.

2. Il-pool code, kif ikkomunikat mill-Kummissjoni, għandu jintuża biex jiġu identifikati l-materjali nukleari kollu fl-accountancy pool fir-rapporti previsti fl-Artikoli 14 u 15. L-ammonti totali ta' materjali nukleari assenjati lill-pool għandhom ikunu magħrufa f'kull ħin għal kull kodiċi ta' obbligu u għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni kull xahar fil-forma ta' rapport ta' pool elettroniku.

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi rtirata jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew il-kundizzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

4. L-obbligi partikolari ta' salvagwardja kif imsemmija fl-Artikolu 19 jistgħu jiġu skambjati bejn żewġ kwantitajiet ta' materjali nukleari, soġġett għal kriterji ta' ekwivalenza applikabbli għall-NCA rilevanti u għal kundizzjonijiet speċifiċi kkomunikati lill-operatur f'perjodu ta' żmien miftiehem wara li jkunu ġew riċevuti t-talba u l-inforazzjoni rilevanti kollha.

Talba raġunata u motivata għal skambju ta' obbligi għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku lill-Kummissjoni bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XVI. L-operatur ikkonċernat għandu jiġi infurmat f'perjodu ta' żmien miftiehem jekk il-kundizzjonijiet għall-iskambju tal-obbligi humiex issodisfati.

Artikolu 21

Unitajiet ta' piż u kategoriji ta' materjali nukleari

1. Fi kwalunkwe notifika msemmija f'dan ir-Regolament, il-kwantitajiet ta' materjali koperti mir-Regolament għandhom jingħataw fi grammi.

Ir-reġistri korrispondenti tal-kontabbiltà tal-materjali għandhom jinżammu fi grammi jew f'unitajiet iżgħar. Għandhom jinżammu f'dan il-mod biex ikunu affidabbli u, b'mod partikolari, biex ikunu konformi mal-prattiki kurrenti fl-Istati Membri.

Fin-notifiki, il-kwantitajiet jistgħu jiġu ttondjati 'l isfel meta l-ewwel deċimali jkun minn 0 sa 4 u ttondjati 'l fuq meta l-ewwel deċimali jkun minn 5 sa 9.

2. Sakemm mhux previst mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8, kwalunkwe notifika msemmija f'dan ir-Regolament għandha tinkludi dan li ġej:

(a) il-piż totali tal-elementi uranju, torju u plutonju, u, għall-uranju arrikkit, anke l-piż totali tal-isotopi fissili;

(b) rapporti separati ta' bilanċ tal-materjal kif ukoll annotazzjonijiet separati fir-rapporti ta' bidla fl-inventarju u fl-elenkar tal-inventarju fiżiku għall-kategoriji li ġejjin ta' materjal nukleari:

(i) uranju mfaqqar;

(ii) uranju naturali;

(iii) uranju arrikkit sa inqas minn 20 %;

(iv) uranju arrikkit sa 20 % u aktar;

(v) plutonju;

(vi) torju.

Artikolu 22

Derogi

1. Operatur jista' jiġi dderogat mir-regoli li jirregolaw il-frekwenza tar-rapporti dwar tibdil fl-inventarju previsti fl-Artikolu 14, sabiex titqies kwalunkwe ċirkostanza partikolari li fiha jintużaw jew jiġu prodotti materjali ssalvagwardjati.

Talba għal tali deroga għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku lill-Kummissjoni mill-operatur ikkonċernat bl-użu tal-format stipulat fl-Anness IX.

Tali deroga tista' tapplika biss għal żona sħiħa ta' bilanċ tal-materjal fejn materjal nukleari ma jiġix ipproċessat jew maħżun flimkien ma' materjal nukleari li għalih ma tingħata l-ebda deroga.

2. Deroga tista' tapplika għal żona ta' bilanċ tal-materjal li jkun fiha:

(a) kwantitajiet ta' materjal nukleari proporzjonati ma' dawk speċifikati fl-Anness I-N, li jinżammu fl-istess stat għal perjodi twal;

(b) uranju mfaqqar, uranju naturali jew torju li jintuża esklużivament f'attivitajiet mhux nukleari;

(c) materjali fissili speċjali meta jintużaw fi kwantitajiet ta' grammi jew anqas bħala komponenti ta' ssensjar fl-istrumenti;

(d) plutonju b'konċentrazzjoni isotopika ta' plutonju-238 li taqbeż it-80 %.

3. L-operatur u l-Istat Membru kkonċernati għandhom jiġu infurmati jekk il-kundizzjonijiet għad-deroga stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 humiex issodisfati. Jekk dawk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, għandu jintbagħat rapport annwali ta' bidla fl-inventarju b'mod elettroniku lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar, bl-użu tal-format stipulat fl-Anness III. Dak ir-rapport għandu jiddeskrivi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti. Fl-istess ħin, rapport ta' bilanċ tal-materjali u elenkar tal-inventarju fiżiku li juri l-lottijiet kollha separatament għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku bl-użu tal-formati stipulati fl-Annessi IV u V.

4. Barra minn hekk, fil-każ ta' bidla fl-inventarju li sseħħ matul is-sena f'żona ta' bilanċ tal-materjal li għaliha tapplika deroga, l-operatur ikkonċernat għandu jibgħat b'mod elettroniku rapport ta' bidla fl-inventarju lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 15-il jum minn tmiem ix-xahar li fih tkun seħħet il-bidla fl-inventarju, bl-użu tal-format stipulat fl-Anness III.

5. Jekk il-kundizzjonijiet għad-deroga stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma jibqgħux jiġu ssodisfati, u wara verifika mal-operatur ikkonċernat, l-operatur ikkonċernat u l-Istat Membru rilevanti għandhom jiġu infurmati li d-deroga ma għadhiex tapplika.

KAPITOLU IV

TRASFERIMENTI BEJN L-ISTATI

Artikolu 23

Esportazzjonijiet u vjeġġi

1. L-operaturi għandhom jagħtu notifika antiċipata lill-Kummissjoni jekk kwalunkwe materjal sors jew materjal fissili speċjali:

(a) jiġi esportat lejn pajjiż terz;

(b) jintbagħat minn Stat Membru mingħajr armi nukleari lejn Stat Membru b'armi nukleari; jew

(c) jintbagħat minn Stat Membru b'armi nukleari lejn Stat Membru mingħajr armi nukleari.

2. Notifika antiċipata għandha tkun meħtieġa biss:

(a) fejn il-kunsinna taqbeż kilogramm wieħed effettiv;

jew

(b) fejn installazzjoni tittrasferixxi kwantità totali ta' materjali lill-istess Stat li taqbeż jew tista' taqbeż kilogramm wieħed effettiv f'kull perjodu konsekuttiv ta' 12-il xahar, anke jekk l-ebda kunsinna waħedha ma taqbeż kilogramm wieħed effettiv.

3. In-notifika antiċipata għandha tingħata wara l-konklużjoni tal-arranġamenti kuntrattwali li jwasslu għat-trasferiment, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VI, u għandha tasal għand il-Kummissjoni mill-anqas 8 ijiem ta' xogħol qabel ma l-materjal irid jiġi ppakkjat għat-trasferiment.

4. Meta jkun meħtieġ kunsens minn qabel minn pajjiż terz għat-trasferiment, it-trasferiment ma għandux isir qabel ma l-Kummissjoni tikkonferma li jkun ingħata dan il-kunsens minn qabel.

5. Fuq talba motivata mill-operatur, jistgħu jiġu miftiehma arranġamenti speċjali dwar il-forma u t-trażmissjoni tan-notifika antiċipata.

6. L-esportazzjonijiet u l-vjeġġi ta' materjal nukleari li jinsab fi skart jew minerali ma humiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 24

Importazzjonijiet u wasliet

1. L-operaturi għandhom jagħtu notifika antiċipata lill-Kummissjoni jekk kwalunkwe materjal sors jew materjal fissili speċjali:

(a) jiġi importat minn pajjiż terz;

(b) jiġi riċevut fi Stat Membru mingħajr armi nukleari mingħand Stat Membru b'armi nukleari; jew

(c) jiġi riċevut fi Stat Membru b'armi nukleari mingħand Stat Membru mingħajr armi nukleari.

2. Notifika antiċipata għandha tkun meħtieġa biss:

(a) fejn il-kunsinna taqbeż kilogramm wieħed effettiv;

jew

(b) fejn installazzjoni timporta jew tirċievi kwantità totali ta' materjali mill-istess Stat li taqbeż jew tista' taqbeż kilogramm wieħed effettiv fi kwalunkwe perjodu konsekuttiv ta' 12-il xahar, anke jekk l-ebda kunsinna waħedha ma taqbeż kilogramm wieħed effettiv.

3. Din in-notifika antiċipata għandha tingħata kemm jista' jkun bil-quddiem qabel il-wasla mistennija tal-materjal u, mhux aktar tard mid-data tal-wasla, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VII, u għandha tasal għand il-Kummissjoni mill-anqas 5 ijiem ta' xogħol qabel ma l-materjal jitneħħa mill-ippakkjar.

4. Fuq talba motivata mill-operatur, jistgħu jiġu miftiehma arranġamenti speċjali dwar il-forma u t-trażmissjoni tan-notifika antiċipata.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-importazzjonijiet u wasliet ta' materjal nukleari li jinsab fi skart jew minerali.

Artikolu 25

Telf jew dewmien matul it-trasferiment

Rapport speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 16 għandu jiġi ppreżentat, mill-operaturi li jinnotifikaw trasferiment skont l-Artikolu 23 jew 24 fejn, wara ċirkostanzi eċċezzjonali jew inċident, ikunu rċevew informazzjoni li materjali nukleari jkunu ntilfu jew jidher li jkunu ntilfu, jew fejn kien hemm dewmien konsiderevoli matul it-trasferiment. F'każijiet bħal dawn, ir-rapport speċjali għandu jinkludi deskrizzjoni tal-inċident jew taċ-ċirkostanzi u jista' jinkludi wkoll kwalunkwe azzjoni ulterjuri li tkun ittieħdet.

Għal kull installazzjoni, aktar dettalji dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 26

Komunikazzjoni ta' bidla fid-data

Kwalunkwe bidla fid-dati indikati għall-ippakkjar qabel it-trasferiment, it-trasport jew it-tneħħija mill-ippakkjar ta' materjali nukleari fin-notifiki antiċipati msemmija fl-Artikoli 23 u 24 għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien, b'indikazzjoni tad-dati riveduti jekk ikunu magħrufa, sakemm dik il-bidla ma twassalx għal rapport speċjali.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Article 27

Installazzjonijiet tal-minerali

1. Kull operatur ta' installazzjoni msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(c) fit-territorju ta' Stat Membru għandu jiddikjara l-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-installazzjoni lill-Kummissjoni, bl-użu tal-kwestjonarju fl-Anness I-Q, mill-anqas 120 jum qabel ma tibda l-estrazzjoni tal-minerali, u għandu jikkomunika l-programm ta' attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 7.

2. B'deroga mill-Artikoli 9, 10 u 11, kull operatur li jestratta jew iżomm il-minerali għandu jżomm reġistri ta' kontabbiltà li jindikaw, b'mod partikolari, il-kwantitajiet tal-minerali estratti, bil-kontenut medju ta' uranju u torju, u l-istokk tal-minerali estratti mill-minjiera. Ir-reġistri għandu jkun fihom ukoll dettalji dwar il-vjeġġi, u għandu jkollhom id-data, id-destinatarju u l-kwantità f'kull każ.

Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu għal mill-anqas 5 snin.

3. Kull operatur ta' installazzjoni msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (27)(c), fit-territorju ta' Stat li jaderixxi mal-Unjoni Ewropea għandu jiddikjara lill-Kummissjoni l-karatteristiċi tekniċi bażiċi ta' dik l-installazzjoni fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat.

Artikolu 28

Rapporti ta' vjeġġi/esportazzjoni ta' minerali

B'deroga mill-Artikoli 12 sa 19 u l-Artikolu 21, kull operatur li jwettaq estrazzjoni ta' minerali jew iżomm il-minerali għandu jirrapporta lill-Kummissjoni, billi juża l-formola stipulata fl-Anness VIII, dwar:

(a) l-ammont ta' materjal mibgħut minn kull minjiera, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena għas-sena kalendarja preċedenti;

u

(b) l-esportazzjonijiet ta' minerali lejn pajjiżi terzi, sa mhux aktar tard mid-data ta' meta jintbagħtu.

Artikolu 29

Trasportaturi u aġenti għall-ħżin temporanju

Kwalunkwe persuna jew impriża involuta, fit-territorji tal-Istati Membri, fit-trasport, jew fil-ħżin temporanju matul it-trasport, ta' materjali nukleari għandha tilqa' jew tgħaddi dawn il-materjali nukleari biss b'irċevuta ffirmata u ddatata kif suppost. Din l-irċevuta għandha turi l-ismijiet tal-partijiet li jkunu qed jgħaddu u jirċievu l-materjali nukleari u tindika l-kwantitajiet li qed jinġarru kif ukoll il-kategorija, il-forma u l-kompożizzjoni tal-materjali nukleari.

Jekk ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' protezzjoni fiżika, id-deskrizzjoni tal-materjali nukleari ttrasferiti tista' tiġi ssostitwita b'identifikazzjoni xierqa tal-kunsinna. Din l-identifikazzjoni għandha tkun tista' tiġi ttraċċata għar-reġistri miżmuma mill-operaturi li jibagħtu u jirċievu l-materjali nukleari.

Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu mill-partijiet kontraenti għal mill-anqas 5 snin.

Artikolu 30

Reġistri ta' sostituzzjoni għal trasportaturi u aġenti għall-ħżin temporanju

Ir-reġistri diġà miżmuma minn persuni jew impriżi f'konformità mar-regolamenti eżistenti li japplikaw għalihom fit-territorju tal-Istati Membri li fihom joperaw jistgħu jitqiesu bħala r-reġistri msemmija fl-Artikolu 29, dment li dawn ir-reġistri jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt dak l-Artikolu.

Artikolu 31

Intermedjarji

Kull intermedjarju li jieħu sehem fil-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt għall-forniment ta' materjali nukleari, bħal aġenti awtorizzati, sensara jew aġenti li jitħallas kummissjoni, għandu jżomm ir-reġistri kollha relatati mat-tranżazzjonijiet magħmula minnhu jew f'isimu għal mill-anqas 5 snin wara l-iskadenza tal-kuntratt. Dawn ir-reġistri għandu jkun fihom l-ismijiet tal-partijiet kontraenti u jindikaw id-data tal-kuntratt kif ukoll il-kwantità, il-kategorija, il-forma, il-kompożizzjoni, l-oriġini u d-destinazzjoni tal-materjali.

Artikolu 32

Trażmissjoni ta' informazzjoni u data

Il-Kummissjoni tista' tibgħat lill-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika informazzjoni u data miksuba skont dan ir-Regolament.

Artikolu 33

Lista inizjali tal-istokkijiet tal-iskart u reġistri ta' kontabbiltà

1. Kwalunkwe operatur fit-territorju ta' Stat li jaderixxi mal-Unjoni Ewropea li jkollu materjal nukleari fi skart ikkundizzjonat li fih ikunu ġew itterminati s-salvagwardji tal-IAEA għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat, lista inizjali tal-istokkijiet tal-materjal nukleari kollu ta' dan it-tip skont il-kategorija.

2. Kwalunkwe operatur li jitratta jew jaħżen materjal nukleari li qabel kien ġie ddikjarat bħala skart miżmum jew ikkundizzjonat għandu jżomm reġistri ta' kontabbiltà ta' dan.

B'deroga mill-Artikoli 9 sa 13, l-Artikolu 15 u l-Artikolu 19(1) għal materjal li qabel kien ġie ddikjarat bħala skart miżmum u mill-Artikoli 9 sa 15 u l-Artikolu 19(1) għal materjal li qabel kien ġie ddikjarat bħala skart ikkundizzjonat, dawk ir-reġistri għandhom jinkludu:

(a) id-data operattiva użata biex jiġu ddeterminati bidliet fil-kwantitajiet u l-kompożizzjoni ta' materjal nukleari;

(b) lista tal-istokk li għandha tiġi aġġornata kull sena wara t-teħid tal-inventarju fiżiku;

(c) deskrizzjoni tas-sekwenza ta' azzjonijiet meħuda bi tħejjija għal inventarju fiżiku u t-teħid tiegħu, u biex ikun żgurat li l-inventarju jkun korrett u komplet;

(d) deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħuda bl-għan li jiġu aċċertati l-kawża u d-daqs ta' kwalunkwe telf aċċidentali li seta' seħħ;

(e) il-bidliet kollha tal-istokk, biex l-inventarju fil-kotba jkun jista' jiġi stabbilit meta mitlub.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tar-rapportar għall-ipproċessar tal-iskart jistgħu jiġu speċifikati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 34

Ipproċessar tal-iskart

L-operaturi għandhom jagħtu notifika antiċipata lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kampanja ta' pproċessar ta' materjal li qabel kien ġiet ddikjarat bħala skart miżmum jew ikkundizzjonat, minbarra l-imballaġġ mill-ġdid jew il-kundizzjonament ulterjuri mingħajr separazzjoni tal-elementi.

Dik in-notifika antiċipata għandha tinkludi informazzjoni dwar l-ammont ta' plutonju, uranju arrikkit għoli u uranju-233 għal kull lott, il-forma, bħall-ħġieġ jew likwidu attiv għoli, it-tul mistenni tal-kampanja, u l-post tal-materjal qabel u wara l-kampanja. Din in-notifika għandha tiġi kkomunikata b'mod elettroniku lill-Kummissjoni bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XII, mill-anqas 200 jum qabel tibda l-kampanja.

Artikolu 35

Trasferimenti ta' skart ikkkundizzjonat

L-operaturi għandhom jippreżentaw b'mod elettroniku, sal-31 ta', rapporti annwali dwar:

(a) il-vjeġġi u l-esportazzjonijiet ta' skart ikkundizzjonat lejn installazzjoni fit-territorji tal-Istati Membri jew barra minnhom, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XIII;

(b) il-wasliet jew l-importazzjonijiet ta' skart ikkundizzjonat minn installazzjoni fit-territorji tal-Istati Membri jew barra minnhom, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XIV;

(c) it-trasferiment ta' skart ikkundizzjonat li jkun fih il-plutonju, l-uranju arrikkit għoli jew l-uranju-233, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XV.

Artikolu 36

Terminazzjoni ta' salvagwardji

1. Is-salvagwardji taħt dan ir-Regolament jistgħu jintemmu fir-rigward ta' materjal nukleari kif ġej:

(a) materjal nukleari li huwa mkejjel jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li ntrema irrevokabbilment fl-ambjent bħala riżultat ta' rimi ppjanat; għal dan l-għan, ir-rimi fl-ambjent għandu jiġi ddikjarat fir-rapport ta' bidla fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 14;

(b) materjal nukleari meqjus bħala li ma jistax jiġi rkuprat għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi li huwa inkorporat fi prodotti finali użati għal skopijiet mhux nukleari bħal liegi jew ċeramika; għal dan il-għan, it-terminazzjoni tal-użu għandha tiġi ddikjarata fir-rapport ta' bidla fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 14;

(c) materjal nukleari li jinsab fi skart f'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna mkejla jew stmati fuq il-bażi ta' kejl, anki jekk dawn il-materjali ma jiġux disponuti; għal dan l-għan, it-terminazzjoni tas-salvagwardji għandha tiġi ddikjarata fir-rapport ta' bidla fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 14;

(d) materjal nukleari li jinsab fi skart ikkundizzjonat f'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna, li diġà ġie disponut. Għal dan l-għan, it-terminazzjoni tas-salvagwardji għandha tiġi ddikjarata fir-rapport ta' bidla fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 14.

2. Għat-terminazzjoni tas-salvagwardji skont il-paragrafu 1, il-punti (b), (c) u (d), għandha tintbagħat talba motivata u ġġustifikata minn operatur lill-Kummissjoni. L-operatur ikkonċernat u l-Istat Membru rilevanti għandhom jiġu infurmati dwar jekk il-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni tas-salvagwardji humiex issodisfati.

Artikolu 37

LOF nazzjonali

1. LOF nazzjonali, li jkun magħmul minn detenturi individwali ta' ammonti żgħar ta' materjal nukleari ("detenturi żgħar") f'dak l-Istat Membru, jista' jiġi stabbilit fuq talba mill-awtorità responsabbli ta' Stat Membru lill-Kummissjoni. Diversi LOFs nazzjonali jistgħu jiġu stabbiliti fi Stat Membru.

2. L-awtorità responsabbli għandha tissorvelja l-LOF nazzjonali u tiżgura l-implimentazzjoni tal-Artikoli 3 sa 7, 12 sa 19, 21 u 23 sa 26.

3. L-inventarju kkombinat tal-materjal sors u tal-materjal fissili speċjali f'LOF nazzjonali ma għandux jaqbeż kilogramm wieħed effettiv.

4. Id-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi tal-LOF nazzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-awtorità responsabbli lill-Kummissjoni bl-użu tal-kwestjonarju fl-Anness I-M. Kwalunkwe aġġornament għandu jiġi ppreżentat, mhux aktar tard minn meta jintbagħat l-elenkar tal-inventarju fiżiku msemmi fl-Artikolu 15.

5. Id-dikjarazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi għandha tiddeskrivi kif ir-responsabbiltajiet jinqasmu bejn l-awtorità responsabbli u d-detenturi żgħar individwali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 9 sa 11.

6. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 9, 14 u 15, l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li:

(a) l-inventarju fiżiku jittieħed mid-detenturi żgħar individwali kollha li jinkludu l-LOF nazzjonali u d-data mingħand id-detenturi żgħar tirrifletti l-inventarju effettiv fid-data tat-teħid fiżiku ddeterminat mill-awtorità responsabbli;

(b) l-inventarji fiżiċi ta' kull detentur żgħir individwali jistgħu jiġu identifikati fl-elenkar tal-inventarju fiżiku li jintbagħat lill-Kummissjoni;

(c) ir-rapporti tal-kontabbiltà jiġu ssostanzjati b'reġistri tat-tħaddim rilevanti msemmija fl-Artikolu 10(1);

(d) id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma implimentati b'mod effettiv fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LOF nazzjonali.

Artikolu 38

Obbligi internazzjonali

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 34 u l-Artikolu 35, il-punt (c), għandhom jiġu applikati f'konformità mal-obbligi tal-Komunità u tal-Istati Membri mingħajr armi nukleari, taħt il-Protokoll Addizzjonali 1999/188/Euratom.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikoli 19, 20, 23 u 24 għandhom jiġu applikati f'konformità mal-NCAs fis-seħħ bejn il-Komunità u pajjiżi terzi u b'tali mod li l-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tal-Komunità dwar il-materjali nukleari taħt tali NCAs.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikoli 9 sa 18, 22 sa 26 u 36, għandhom jiġu applikati f'konformità mal-obbligi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha taħt kwalunkwe Ftehim ta' Salvagwardja konkluż mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI APPLIKABBLI FIT-TERRITORJU TAL-ISTATI MEMBRI B'ARMI NUKLEARI

Artikolu 39

Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli fl-Istati Membri b'armi nukleari

1. Dan ir-Regolament ma għandux japplika:

(a) għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet li ġew assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża u li jinsabu fit-territorju tal-Istat Membru b'armi nukleari;

u lanqas

(b) għal materjali nukleari li ġew assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża mill-Istat Membru b'armi nukleari.

2. Għal materjali nukleari, installazzjonijiet u partijiet ta' installazzjonijiet li jistgħu jiġu assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża u li jinsabu fit-territorju tal-Istat Membru b'armi nukleari, il-livell tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-proċeduri li japplika taħthom għandhom jiġu ddefiniti bi qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru b'armi nukleari, filwaqt li jqisu l-Artikolu 84, it-tieni paragrafu, tat-Trattat. Dawn il-proċeduri huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-ispetturi tal-Kummissjoni japplikaw salvagwardji dwar il-materjali nukleari ċivili u jiżguraw konformità mal-Artikolu 77 tat-Trattat. Dawn il-proċeduri jinkludu dispożizzjonijiet għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet taħt dekummissjonar. B'deroga, jista' jiġi miftiehem, fuq bażi ta' każ b'każ, li jiġu ppreżentati reġistri speċifiċi lill-ispetturi tal-Kummissjoni minflok id-dokumenti tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 10(1)(a).

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(1), 4 u 8 għandhom japplikaw għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet li f'ċerti żminijiet jiġu mħaddma esklużivament b'materjali nukleari li jistgħu jiġu assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża iżda li fi żminijiet oħrajn jiġu mħaddma esklużivament b'materjali nukleari ċivili;

(b) id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(1), 4 u 8 għandhom japplikaw, b'eċċezzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, għal installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet li għalihom l-aċċess jista' jkun limitat għal dawn ir-raġunijiet iżda li jipproduċu, jittrattaw, jisseparaw, jirriproċessaw, jaħżnu jew jużaw bi kwalunkwe mod ieħor, simultanjament, kemm materjali nukleari ċivili kif ukoll materjali nukleari assenjati jew li jistgħu jiġu assenjati biex jissodisfaw rekwiżiti ta' difiża;

(c) id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 7, l-Artikoli 9 sa 37, il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 41, 42 u 43 għandhom japplikaw fir-rigward tal-materjali nukleari ċivili kollha li jinsabu f'installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;

(d) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6, l-Artikolu 34 u l-Artikolu 35, il-punt (c), ma għandhomx japplikaw fit-territorji tal-Istat Membru b'armi nukleari.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 40

Kunfidenzjalità tad-data

1. L-informazzjoni miksuba jew ittrattata mill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament hija soġġetta għar-regoli ta' sigurtà stipulati fid-Deċiżjonijiet (UE,Euratom) 2015/443 u (UE,Euratom) 2015/444, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (Euratom) Nru 3.

2. Is-sigurtà tat-trażmissjoni tal-informazzjoni għandha tkun f'konformità mar-regoli tal-Kummissjoni u mar-rekwiżiti tal-Istati Membri għat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni.

Artikolu 41

Installazzjonijiet ikkontrollati minn barra l-Komunità

Meta installazzjoni tkun ikkontrollata minn persuna jew impriża stabbilita barra mill-Komunità, kwalunkwe obbligu stipulat f'dan ir-Regolament għandu jiġi ssodisfat mill-ġestjoni lokali ta' dik l-installazzjoni.

Artikolu 42

Implimentazzjoni u monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta u tippubblika linji gwida għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' rakkomandazzjoni, u, jekk meħtieġ, taġġornahom fid-dawl tal-esperjenza miksuba, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u wara li tkun kisbet osservazzjonijiet minn partijiet interessati.

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien 10 snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Hija għandha tirrapporta dwar is-sejbiet ewlenin lill-Kunsill.

Artikolu 43

Tħassir

Ir-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 huwa mħassar b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, l-Annessi III sa IX u XII sa XV għandhom jitħassru b'effett mis-16 ta' Ottubru 2028, u l-Annessi I, II u XI għandhom jitħassru b'effett mis-16 ta' Diċembru 2025.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 44

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Annessi III sa X u XII sa XV għandhom japplikaw mis-16 ta' Ottubru 2028, u l-Annessi I, II, XI u XVI għandhom japplikaw mis-16 ta' Diċembru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

KWESTJONARJU GĦAD-DIKJARAZZJONI TAL-KARATTERISTIĊI TEKNIĊI BAŻIĊI (BTC) TAL-INSTALLAZZJONIJIET

NB:

1. Meta titqies il-varjetà wiesgħa ta' installazzjonijiet fil-Komunità, xi mistoqsijiet jistgħu ma jkunux pertinenti għal xi installazzjonijiet. It-tweġiba "mhux applikabbli" tista' tingħata meta l-mistoqsija titqies li mhijiex pertinenti fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tal-installazzjoni. F'każ bħal dan, ir-raġuni għaliex il-mistoqsija titqies li mhijiex applikabbli trid tiġi spjegata fil-qosor.

2. Il-BTC iddikjarati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi sakemm jinbidlu.

3. Għal aġġornamenti tad-dikjarazzjoni, jekk jogħġbok enfasizza l-modifiki introdotti. Fil-każ ta' aġġornamenti, il-BTC sħaħ għandhom jiġu trażmessi b'numru tal-verżjoni ġdid.

4. Il-Kummissjoni tagħmel disponibbli mudelli elettroniċi għall-kwestjonarji kollha permezz ta' pjattaforma ddedikata.

5. Id-dikjarazzjoni, mimlija u ffirmata kif xieraq (diġitalment jekk possibbli), għandha tintbagħat b'mod elettroniku lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS I-A.

REATTURI TAL-ENERĠIJA U TAR-RIĊERKA

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).

10. It-tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, ir-reattur(i) u ż-żoni ta' ħżin, il-konfini, il-bini, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess);

    (b) żona tal-ħżin ta' materjal dieħel;

    (c) żona tar-reattur(i);

    (d) żona tal-ittestjar u tal-esperimenti, laboratorji;

    (e) żona tal-ħżin tal-materjal ħiereġ;

    (f) żona tal-ħżin tal-iskart.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar ir-reattur

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).

14. L-output termiku u tal-elettriku nominali (meta applikabbli).

15. Għadd ta' unitajiet.

16. Tip ta' reattur.

17. Tip ta' riforniment tal-fjuwil (tul taċ-ċiklu, bit-tagħbija jew mingħajr tagħbija, perċentwal ta' llowdjar mill-ġdid tal-fjuwil).

18. Il-medda ta' arrikkiment tal-qalba u l-konċentrazzjoni ta' Pu (f'ekwilibriju għar-reatturi b'tagħbija, inizjali u finali għar-reatturi mingħajr tagħbija).

19. Moderatur.

20. Likwidu għat-tkessiħ.

21. Gverta, riflettur.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

22. Tipi ta' fjuwil frisk.

23. L-arrikkiment tal-fjuwil frisk (U-235) u/jew il-kontenut ta' Pu (arrikkiment medju għal kull tip ta' assemblaġġ).

24. Piż nominali ta' fjuwil f'elementi/assemblaġġi b'tolleranzi tad-disinn.

25. Deskrizzjoni dettaljata tal-assemblaġġi tar-reattur:
    (a) it-tip ta' assemblaġġi tal-fjuwil;
    (b) l-għadd ta' assemblaġġi tal-fjuwil, l-assemblaġġi ta' kontroll u ta' shim, l-assemblaġġi sperimentali fil-qalba, f'żona/i tal-gverta;
    (c) l-għadd u t-tipi ta' vireg/elementi tal-fjuwil;
    (d) l-arrikkiment medju u/jew il-kontenut ta' Pu għal kull assemblaġġ;
    (e) l-istruttura ġenerali;
    (f) il-forma ġeometrika;
    (g) id-dimensjonijiet kumplessivi;
    (h) il-materjal ta' tlibbis.

26. Deskrizzjoni dettaljata ta' kull tip ta' fjuwil frisk:
    (a) il-forma fiżika u kimika tal-fjuwil;
    (b) il-materjal nukleari u l-kwantità tiegħu;
    (c) l-arrikkiment u/jew il-kontenut ta' Pu;
    (d) il-forma ġeometrika;
    (e) id-dimensjonijiet;
    (f) l-għadd ta' vireg/labar għal kull element;
    (g) il-kompożizzjoni kimika jew il-kostitwenti ewlenin tal-liga;
    (h) il-materjal tat-tlibbis (ħxuna, kompożizzjoni tal-materjal, legatur).

27. Dispożizzjoni għall-iskambju tal-labra f'kull tip ta' assemblaġġ tal-fjuwil. Indika jekk dan huwiex previst li jsir operazzjoni ta' rutina.

28. Unitajiet ta' kontabbiltà operazzjonali bażiċi (elementi/assemblaġġi tal-fjuwil, eċċ.).

29. Tipi oħrajn ta' unitajiet ta' kontabbiltà.

30. Mezzi ta' materjal nukleari u/jew identifikazzjoni tal-fjuwil.

31. Materjal nukleari ieħor u provi (eż. ilqugħ, kmamar tal-fissjoni, sorsi, eċċ.).

Fluss ta' materjal nukleari

32. Flowsheet skematika għall-materjal nukleari (li tidentifika l-punti tal-kejl, iż-żoni ta' kontabbiltà, il-postijiet tal-inventarju).

33. Inventarju bil-medda ta' kwantità li tinkludi l-arrikkiment tal-uranju u l-kontenut tal-plutonju, l-għadd ta' oġġetti f'Punti ta' Kejl Ewlenin (f'kundizzjonijiet operattivi normali):
    (a) fil-ħżin ta' fjuwil frisk;
    (b) fil-qalba tar-reattur;
    (c) fil-ħżin tal-fjuwil użat;
    (d) f'postijiet oħrajn.

34. Fattur tat-tagħbija.

35. Tagħbija tal-qalba tar-reattur (għadd ta' elementi u assemblaġġi).

36. Rekwiżiti ta' riforniment tal-fjuwil.

37. Ħruq, medju u massimu.

38. Indika l-mod kif għandhom jiġu mmaniġġati l-assemblaġġi tal-fjuwil irradjat (li għandhom jinħażnu jew jiġu riproċessati fin-niexef/fl-umdu).

Immaniġġar tal-materjal nukleari

39. Arranġament ġenerali għall-fjuwil frisk:
    (a) it-tqassim, il-pjan tal-ħżin u l-imballaġġ;
    (b) il-kapaċità tal-ħżin;
    (c) il-preparazzjoni tal-fjuwil u l-kamra tal-assaġġ u ż-żona tat-tagħbija tar-reattur, id-deskrizzjoni u l-indikazzjoni tat-tqassim u l-arranġament ġenerali.

40. Tagħmir għat-trasferiment tal-fjuwil (inkluż magna tar-riforniment tal-fjuwil).

41. Rotot li jgħaddi minnhom fjuwil frisk, fjuwil irradjat, gverta u materjal nukleari ieħor.

42. Reċipjent tar-reattur (li juri l-post tal-qalba, l-aċċess għar-reċipjent, il-feħiet tar-reċipjent u l-immaniġġar tal-fjuwil fir-reċipjent).

43. Dijagramma tal-qalba tar-reattur (li turi d-dispożizzjoni ġenerali, il-kannizzati, il-forma, il-piċċ, id-dimensjonijiet tal-qalba, ir-riflettur, il-gverta, il-post, il-forom u d-dimensjonijiet tal-elementi/assemblaġġi tal-fjuwil, l-elementi/assemblaġġi ta' kontroll, l-elementi/assemblaġġi sperimentali).

44. Għadd u daqs tal-kanali għall-elementi jew l-assemblaġġi tal-fjuwil u għall-elementi ta' kontroll fil-qalba.

45. Medja aritmetika tal-fluss tan-newtroni fil-qalba (termali/veloċi).

46. Strumentazzjoni għall-kejl tal-fluss tan-newtroni u tal-gamma.

47. Arranġament ġenerali għall-fjuwil irradjat:

(a) it-tqassim, il-ħżin tal-fjuwil użat;

(b) il-metodu tal-ħżin;

(c) il-kapaċità tad-disinn tal-ħżin;

(d) il-perjodu minimu u normali ta' tkessiħ qabel il-vjeġġ;

(e) deskrizzjoni tat-tagħmir tat-trasport tal-fjuwil irradjat u tal-bettija tat-trasport.

48. Livell massimu ta' radjazzjoni tal-fjuwil/gverta wara r-riforniment tal-fjuwil (rata tad-doża fuq is-superfiċje u f'distanza ta' metru).

49. Metodi u tagħmir użati għall-immaniġġar tal-fjuwil irradjat (tneħħija tal-labar, żennuna ta' fuq).

50. Żona ta' ttestjar tal-materjal nukleari (jekk applikabbli):

(a) deskrizzjoni fil-qosor tal-attivitajiet imwettqa;

(b) deskrizzjoni tat-tagħmir ewlieni (eż. ċellola taħraq, tneħħija tat-tlibbis tal-assemblaġġ tal-fjuwil u tagħmir li jħoll);

(c) deskrizzjoni tal-kontejners tat-trasport u tal-ħżin għal materjal nukleari u ta' imballaġġ ta' skart u fdalijiet (eż. biex jiġi ddeterminat jekk hux possibbli l-issiġillar);

(d) deskrizzjoni taż-żona tal-ħżin għal materjal nukleari mhux irradjat u rradjat;

(e) tqassim u arranġament ġenerali.

Data tal-likwidu ta' tkessiħ

51. Dijagramma tal-fluss (li tindika l-fluss tal-massa, it-temperatura u l-pressjoni f'punti ewlenin, eċċ.).

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

52. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

53. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

54. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà użata biex tiġi rreġistrata u rrapportata d-data tal-kontabbiltà, inkluż il-metodu ta' reġistrazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment tal-bilanċ tal-materjal;

(b) Bidliet ewlenin fl-inventarju

Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. il-wasliet, il-vjeġġi (inkluż l-iskart), it-telf u l-produzzjoni nukleari, inkluż deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet jiġu ddeterminati. Għandhom jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-data tas-sors (eż. formoli ta' riċeviment u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl);

(c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inkluż metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika ta' materjali nukleari friski u rradjati;

(d) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dożinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

55. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, kameras, lasers, trażmissjoni ta' data mill-bogħod, eċċ.).

56. Għal kull punt ta' kejl taż-żona ta' bilanċ tal-materjal ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:

(a) il-post, it-tip, l-identifikazzjoni;

(b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju;

(c) il-possibbiltà li dan il-punt ta' kejl jintuża għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(d) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari;

(e) il-kontenituri u l-imballaġġ tal-materjal nukleari;

(f) il-proċeduri tal-kampjunar u t-tagħmir użat;

(g) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl użati għall-għadd tal-oġġetti, il-fluss tan-newtroni, il-livell tal-enerġija, il-ħruq u l-produzzjoni nukleari eċċ.;

(h) is-sors u l-livell ta' akkuratezza;

(i) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat;

(j) il-programm għall-evalwazzjoni kontinwa tal-akkuratezza tal-metodi u t-tekniki użati;

(k) il-metodu tal-konverżjoni tad-data tas-sors għad-data tal-lott (proċeduri kalkolattivi, kostant użat, eċċ.);

(l) il-fluss mistenni ta' lottijiet fis-sena;

(m) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju;

(n) l-għadd mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;

(o) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità stmata ta' materjal nukleari għal kull lott (medja), il-forma tal-materjal nukleari u l-kompożizzjoni isotopika tipika;

(p) l-aċċess għall-materjal nukleari u l-post fejn jinsab.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

57. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

58. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

59. Informazzjoni u dijagrammi fakultattivi oħrajn li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-B

INSTALLAZZJONIJIET KRITIĊI U SUBKRITIĊI

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess);

    (b) żona/i ta' ħżin tal-materjal nukleari;

    (c) żoni ta' ħżin tal-iskart;

    (d) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;

    (e) żoni għat-testijiet u l-esperimenti, laboratorji.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar l-installazzjoni

13. Għadd ta' assemblaġġi kritiċi fl-installazzjoni u l-post tagħhom.

14. Enerġija ta' tħaddim u/jew fluss tan-newtroni massimi mistennija.

15. Deskrizzjoni tal-moderatur, tar-riflettur, tal-gverta u tal-element ta' tkessiħ.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

16. It-tipi ewlenin ta' materjal nukleari/fjuwil u l-piż nominali tal-materjal nukleari fl-installazzjoni.

17. Medda ta' arrikkiment tal-fjuwil u kontenut ta' Pu.

18. Deskrizzjoni, permezz ta' dijagrammi jew mod ieħor, tal-materjal tal-fjuwil (għal kull tip):
    (a) il-kompożizzjoni kimika jew il-kostitwenti ewlenin tal-liga;
    (b) il-forma u d-dimensjonijiet;
    (c) l-għadd ta' vireg/labar għal kull element;
    (d) l-arrikkiment;
    (e) il-piż nominali tal-materjal nukleari, b'tolleranzi tad-disinn;
    (f) il-kompożizzjoni tal-liga, eċċ.

19. Materjal tat-tlibbis (ħxuna, kompożizzjoni tal-materjal u legatur).

20. Subassemblaġġi tal-fjuwil (għadd ta' elementi tal-fjuwil għal kull assemblaġġ nukleari, arranġament ta' elementi tal-fjuwil fis-subassemblaġġ, konfigurazzjoni u piż nominali tal-materjal nukleari għal kull subassemblaġġ b'tolleranza tad-disinn).

21. Unità ta' kontabbiltà operazzjonali bażika (elementi/assemblaġġi tal-fjuwil, eċċ.).

22. Tipi oħrajn ta' unitajiet.

23. Mezzi ta' identifikazzjoni tal-materjal nukleari/tal-fjuwil.

24. Materjal nukleari ieħor u provi (fil-qosor semmi l-materjal, l-iskop u l-metodu tal-użu, eż. bħala vireg ta' spinta, ilqugħ, kmamar tal-fissjoni, sorsi).

Fluss ta' materjal nukleari

25. Flowsheet skematika għall-materjal nukleari (identifikazzjoni tal-punti tal-kejl, taż-żoni ta' kontabbiltà, tal-postijiet tal-inventarju, eċċ., għal finijiet ta' operatur).

26. Inventarju bil-medda ta' kwantità li tinkludi l-arrikkiment tal-uranju u l-kontenut tal-plutonju:
    (a) għall-ħżin tal-materjal nukleari;
    (b) għaż-żona/i tal-qalba;
    (c) għall-qalba/qalbiet tal-assemblaġġ innifsu;
    (d) għal postijiet oħrajn.

Post u mmaniġġar tal-materjal nukleari (għal kull żona ta' kontabbiltà)

27. Dijagramma tal-qalba (għal kull assemblaġġ kritiku li turi d-dispożizzjoni ġenerali, l-istruttura ta' appoġġ tal-qalba, l-arranġamenti għall-ilqugħ u għat-tneħħija tas-sħana, il-kanali għall-elementi tal-fjuwil jew is-subassemblaġġi, il-vireg ta' kontroll, il-moderatur, ir-riflettur, it-tubi tar-raġġi, id-dimensjonijiet, eċċ.).

28. Meded tal-massa kritika u radju massimu.

29. Deskrizzjoni tal-konfigurazzjonijiet l-aktar komuni.

30. Medja aritmetika tal-fluss tan-newtroni fil-qalba (termali/veloċi).

31. L-istrumenti għall-kejl tal-fluss tan-newtroni u tal-fluss gamma (l-akkuratezza u t-tip ta' strumenti; il-post tal-indikatur u tar-reġistratur).

32. Livell massimu ta' radjazzjoni barra/ġewwa l-ilqugħ f'postijiet speċifikati (rata tad-doża).

33. Livell massimu ta' radjazzjoni tal-fjuwil wara r-riforniment/it-tħaddim (rata tad-doża fuq is-superfiċje u f'distanza ta' metru).

34. Ħżin tal-materjal nukleari:

(a) deskrizzjoni tal-imballaġġ;

(b) il-pjan u l-arranġamenti tal-ħżin;

(c) il-kapaċità tal-ħżin;

(d) it-tħejjija tal-materjal nukleari (deskrizzjoni u identifikazzjoni tat-tqassim u tal-arranġament ġenerali).

35. Rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari.

36. Tagħmir ewlieni użat għal:

(a) l-assemblaġġ u ż-żarmar tal-fjuwil;

(b) l-ittestjar tal-materjal nukleari;

(c) il-kejl tal-materjal nukleari.

37. Tagħmir għat-trasferiment tal-fjuwil, jekk ikun hemm.

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

38. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

39. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

40. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà użata biex tiġi rreġistrata u rrapportata d-data tal-kontabbiltà, inkluż il-metodu ta' reġistrazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment tal-bilanċ tal-materjal;

(b) Bidliet ewlenin fl-inventarju

Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. il-wasliet u l-vjeġġi, inkluż deskrizzjoni ta' kif jiġu ddeterminati dawn il-bidliet. Għandhom jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-data tas-sors (eż. formoli ta' riċeviment u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl);

(c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inkluż metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika ta' materjali nukleari friski u rradjati;

(d) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dežinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

41. Il-frekwenza taż-żarmar tal-qalba biex tkun tista' ssir il-verifika ta' materjal nukleari li fiha.

42. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, kameras, lasers, trażmissjoni ta' data mill-bogħod, eċċ.).

43. Għal kull punt ta' kejl taż-żona ta' bilanċ tal-materjal ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju;

(c) il-possibbiltajiet li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(d) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari (b'deskrizzjoni tal-materjali tat-tlibbis);

(e) il-kontenituri, l-imballaġġ tal-materjal nukleari;

(f) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat;

(g) il-metodu/i ta' kejl u t-tagħmir użat;

(h) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi (kejl);

(i) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat;

(j) il-metodu tal-konverżjoni tad-data tas-sors għad-data tal-lott;

(k) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(l) ir-rata mistennija tal-fluss tal-lott fis-sena;

(m) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju;

(n) l-għadd mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;

(o) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità ta' materjal nukleari għal kull lott, il-piż totali tal-materjal nukleari f'oġġett, il-kompożizzjoni isotopika meta jkun xieraq u l-forma tal-materjal nukleari.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

44. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

45. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

46. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-C.

INSTALLAZZJONIJIET TAL-KONVERŻJONI U TAL-MANIFATTURA TAL-FJUWIL

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess;

    (b) konteniment ta' ċerti partijiet tal-installazzjoni;

    (c) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;

    (d) żoni ta' ħżin tal-materjal nukleari;

    (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-ipproċessar;

    (f) żoni ta' ttestjar u sperimentali;

    (g) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;

    (h) laboratorju analitiku.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Parametri ġenerali tal-proċess

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).

14. Deskrizzjoni tal-proċess (li tindika t-tip ta' konverżjoni, il-metodu ta' manifattura, il-metodi ta' kampjunar, eċċ., li tindika wkoll il-modifika tal-forom fiżiċi u kimiċi).

15. Il-kapaċità tad-disinn (fil-piż tal-prodotti prinċipali fis-sena).

16. Produzzjoni mistennija (fil-forma ta' programm bil-quddiem li jindika l-proporzjon ta' diversi tipi ta' alimentazzjoni u prodotti).

17. Oġġetti importanti oħrajn ta' tagħmir li juża, jipproduċi jew jipproċessa materjal nukleari (bħal tagħmir ta' ttestjar u sperimentali).

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-KONTABBILTÀ TAL-MATERJAL, IL-KONTENIMENT U S-SORVELJANZA

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal ewlieni (alimentazzjoni, prodott intermedju, prodott):
    (a) il-forma kimika u fiżika (għall-prodott inkludi t-tipi ta' element/assemblaġġi tal-fjuwil, agħti deskrizzjoni dettaljata li tindika l-istruttura ġenerali u l-istruttura kumplessiva u d-dimensjonijiet kumplessivi tal-element/assemblaġġ tal-fjuwil, inkluż il-kontenut tal-materjal nukleari u l-arrikkiment);
    (b) il-produzzjoni, il-meded ta' arrikkiment u l-kontenut ta' Pu (għal operazzjoni normali tal-flowsheet li tindika jekk ikunx hemm taħlit u/jew riċiklaġġ);
    (c) id-daqs tal-lott/ir-rata tal-fluss u l-perjodu tal-kampanja, il-mezz ta' identifikazzjoni tal-lott;
    (d) il-valur massimu tal-inventarju tal-ħżin/tal-impjant;
    (e) il-frekwenza tal-wasliet jew tal-vjeġġi (lottijiet/unitajiet fix-xahar).

19. Fdalijiet tal-materjal.

20. Materjal ta' skart (inkluż tagħmir ikkontaminat u skart miżmum). Għal kull fluss ta' skart, deskrizzjoni ta':
    (a) il-kontributi (sorsi) ewlenin;
    (b) it-tipi ta' skart;
    (c) il-forma kimika u fiżika (likwidu, solidu, eċċ.);
    (d) il-meded stmati ta' arrikkiment u kontenut tal-uranju/plutonju;
    (e) il-kwantitajiet stmati fis-sena, il-perjodu tal-ħżin;
    (f) ir-rati tal-ġenerazzjoni tal-iskart (bħala % tal-input/tal-produzzjoni, kwantitajiet fix-xahar);
    (g) il-medda tal-inventarju u l-kapaċità massima tal-ħżin;
    (h) il-metodu u l-frekwenza tal-irkupru/tar-rimi.

21. Sistema tat-trattament tal-iskart (ehmeż id-dijagrammi).

22. Materjal nukleari ieħor fl-installazzjoni u l-post fejn jinsab, jekk ikun hemm.

23. Flowsheet skematika għall-materjal nukleari (li tidentifika l-punti ta' kampjunar, il-punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, iż-żoni ta' kontabbiltà, il-postijiet tal-inventarju, eċċ.).

24. It-tipi, il-forma, il-meded ta' kontenut ta' materjal nukleari (inkluż l-arrikkiment, kif applikabbli), il-meded tal-kwantitajiet ta' fluss ta' materjal nukleari għal kull żona ta' mmaniġġar tal-materjal nukleari.

25. Il-proċessi tar-riċiklaġġ (deskrizzjoni fil-qosor ta' kwalunkwe proċess bħal dan li jagħti s-sors u l-forma tal-materjal, il-metodu tal-ħżin, l-inventarju normali, il-frekwenza tal-ipproċessar, id-durata tal-ħżin temporanju, l-iskedi għal kwalunkwe riċiklaġġ estern, il-metodu tal-kejl tal-kontenut fissili tal-materjal irriċiklat).

26. Kapaċità massima:

(a) waqt il-proċess (fi ħdan l-impjant u t-tagħmir matul it-tħaddim normali, indika l-kwantità, il-medda ta' arrikkiment, il-kontenut ta' Pu, il-forma u l-postijiet ewlenin u kwalunkwe bidla sinifikanti fil-ħin jew fil-produzzjoni; indika l-akkumulazzjoni tal-materjal residwu mistennija u l-mekkaniżmu, eż. l-akkumulazzjoni ta' materjal fuq superfiċji oħra, il-kondensazzjoni);

(b) ħażniet ta' alimentazzjoni u prodotti;

(c) postijiet oħrajn (kwantità, firxa ta' arrikkiment, kontenut ta' Pu, forma u post tal-inventarju mhux diġà speċifikati).

Immaniġġar tal-materjal nukleari

27. Deskrizzjoni ta' kontenituri, imballaġġ u ż-żona tal-ħżin.

Iddeskrivi għall-alimentazzjoni, għall-prodotti u għall-iskart: it-tip u d-daqs tal-kontejners tal-ħżin u tat-trasport u l-imballaġġ użati (inkluż il-kapaċità nominali u l-kapaċità għat-tħaddim normali, u t-tip ta' materjal); il-metodu ta' ħżin jew imballaġġ, il-proċeduri ta' mili u tbattil, l-ilqugħ; u kwalunkwe karatteristika ta' identifikazzjoni speċjali.

28. Metodi u mezzi ta' trasferiment tal-materjal nukleari (iddeskrivi wkoll it-tagħmir użat għall-immaniġġar tal-alimentazzjoni, tal-prodott, tal-iskart).

29. Rotot ta' trasport li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari (b'referenza għat-tqassim tal-impjant).

30. Ilqugħ (għall-ħżin, it-trasferiment u ż-żona tal-ipproċessar).

Manutenzjoni tal-installazzjoni

31. Manutenzjoni, dekontaminazzjoni, tindif (f'każijiet fejn it-tindif u/jew il-kampjunar ma jkunx possibbli, indika kif titkejjel jew tiġi kkalkolata l-akkumulazzjoni tal-materjal nukleari):

(a) il-manutenzjoni normali tal-installazzjoni;

(b) l-installazzjoni u d-dekontaminazzjoni tat-tagħmir u l-irkupru sussegwenti tal-materjal nukleari;

(c) l-installazzjoni u t-tindif tat-tagħmir, inkluż il-mezzi biex jiġi żgurat li r-reċipjenti jkunu vojta;

(d) il-ftuħ tal-installazzjoni u l-għeluq tal-impjant (jekk ikunu differenti mit-tħaddim normali).

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

32. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

33. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi (jekk ikunu estensivi, ehmeż separatament).

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

34. Deskrizzjoni tas-sistema NMAC, il-metodu ta' reġistrazzjoni u rapportar tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċi tal-materjal, il-frekwenza tat-teħid tal-inventarju fiżiku, il-proċeduri għall-aġġustament tal-kontijiet wara l-inventarju tal-impjant, l-iżbalji, eċċ., taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Data tas-sors (eż. formoli tat-trasport u tal-wasla, dokumenti ta' trasferiment intern, formoli tal-inventarju fiżiku, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl). Proċeduri biex isiru l-aġġustamenti u l-korrezzjonijiet (li jindikaw kif l-aġġustamenti huma awtorizzati u ssostanzjati);

(b) Wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati d-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u l-korrezzjonijiet sussegwenti tal-kontabbiltà; il-kontrolli u l-kejl użati biex jiġi kkonfermat il-kontenut tal-materjal nukleari);

(c) Vjeġġi (prodotti, skart);

(d) Trasferimenti għall-iskart miżmum (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu u perjodu previst ta' ħżin, użi sussegwenti possibbli tal-iskart miżmum);

(e) Rimi fl-ambjent (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu ta' rimi);

(f) Bidliet oħrajn fl-inventarju, eż. trasferimenti għal skart ikkundizzjonat, telf mhux imkejjel (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet);

(g) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, id-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom, inkluż il-metodu ta' assaġġ rilevanti), l-aċċessibbiltà u l-metodu ta' verifika possibbli għall-materjal nukleari, l-akkuratezza mistennija, u l-aċċess għall-materjal nukleari. B'mod partikolari, id-deskrizzjoni tal-proċeduri għandha tipprovdi wkoll l-approċċ tal-inventarju bażiku li għandu jintuża, jiġifieri l-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twettiq tat-teħid tal-inventarju, ir-responsabbiltà primarja għat-teħid tal-inventarju, it-tindif tal-proċess, il-kontabbiltà tal-akkumulazzjoni tal-materjal residwu tal-proċess;

(h) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri). Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(i) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dežinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

35. Karatteristiċi relatati mal-miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza (deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri applikati jew possibbli b'referenza għall-pjan tal-art jew għat-tqassim tal-impjant).

36. Għal kull punt ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, u l-punti ta' kampjunar taż-żoni ta' kontabbiltà, agħti dawn li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi ta' bidliet fl-inventarju mistennija f'dan il-punt ta' kejl u l-possibbiltà li dan il-punt ta' kejl jintuża għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(c) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari (inkluż il-medda ta' arrikkiment, il-kontenut ta' Pu, u deskrizzjoni tal-materjali tat-tlibbis);

(d) il-kontenituri, l-imballaġġ u l-metodu ta' ħżin tal-materjal nukleari;

(e) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat (inkluż l-għadd ta' kampjuni meħuda, il-frekwenza u l-kriterji ta' rifjut);

(f) il-metodu/i ta' kejl/analiżi u t-tagħmir użati u l-akkuratezzi korrispondenti;

(g) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi għall-alimentazzjoni, għall-prodott, għall-fdalijiet, għall-iskart (piż, volum, kampjunar, analiżi);

(h) it-tekniki kalkolattivi u ta' propagazzjoni tal-iżbalji;

(i) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat, u l-istandards użati;

(j) il-programm għall-evalwazzjoni kontinwa tal-akkuratezza tal-piż, tal-volum, tat-tekniki tal-kampjunar u dawk analitiċi u tal-metodi tal-kejl;

(k) il-programm għall-evalwazzjoni statistika tad-data minn (i) u (j);

(l) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(m) ir-rata mistennija tal-fluss tal-lott fis-sena;

(n) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju;

(o) l-għadd mistenni ta' oġġetti għal kull fluss u għal-lottijiet tal-inventarju;

(p) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità ta' materjal nukleari għal kull lott (b'indikazzjoni tad-data tal-lott, il-piż totali ta' kull element ta' materjal nukleari u l-forma ta' materjal nukleari);

(q) karatteristiċi relatati mal-miżuri ta' sorveljanza u ta' konteniment.

37. Limitu ġenerali ta' żball. Iddeskrivi l-proċeduri biex tiġi kkombinata d-determinazzjoni tal-iżball tal-kejl individwali sabiex jinkiseb il-limitu ġenerali ta' żball għal:

(a) id-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur;

(b) l-inventarju fil-kotba;

(c) l-inventarju fiżiku;

(d) materjal mhux kontabilizzat (MUF).

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

38. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

39. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

40. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-D

INSTALLAZZJONIJIET TAR-RIPROĊESSAR

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari u/jew tal-assemblaġġi tal-fjuwil. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess;

    (b) konteniment ta' ċerti partijiet tal-installazzjoni;

    (c) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;

    (d) żoni ta' ħżin tal-materjal nukleari;

    (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-ipproċessar;

    (f) żoni ta' ttestjar u sperimentali;

    (g) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;

    (h) laboratorju analitiku.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Parametri ġenerali tal-proċess

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).

14. Deskrizzjoni tal-proċess (li tindika wkoll il-modifika ta' forom fiżiċi u kimiċi).

15. Il-kapaċità tad-disinn (fil-piż tal-prodotti prinċipali fis-sena).

16. Produzzjoni mistennija (fil-forma ta' programm bil-quddiem li jindika l-proporzjon ta' diversi tipi ta' alimentazzjoni u prodotti).

17. Oġġetti importanti oħrajn ta' tagħmir li juża, jipproduċi jew jipproċessa materjal nukleari (bħal tagħmir ta' ttestjar u sperimentali).

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-KONTABBILTÀ TAL-MATERJAL, IL-KONTENIMENT U S-SORVELJANZA

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal ewlieni (alimentazzjoni, prodott (U, Pu)):
    (a) il-forma kimika u fiżika (għall-alimentazzjoni inkludi tipi ta' elementi/assemblaġġi ta' fjuwil, agħti deskrizzjoni dettaljata li tindika l-istruttura ġenerali u l-istruttura kumplessiva u d-dimensjonijiet kumplessivi tal-elementi/l-assemblaġġi tal-fjuwil, inkluż il-kontenut tal-materjal nukleari u l-arrikkiment);
    (b) il-produzzjoni, il-meded ta' arrikkiment u l-kontenut ta' Pu (għal operazzjoni normali tal-flowsheet li tindika jekk ikunx hemm taħlit u/jew riċiklaġġ);
    (c) id-daqs tal-lott/ir-rata tal-fluss u l-perjodu tal-kampanja, il-mezz ta' identifikazzjoni tal-lott;
    (d) inventarju tal-ħżin u tal-impjant (li jindika kwalunkwe bidla bil-produzzjoni);
    (e) il-frekwenza tal-wasliet jew tal-vjeġġi (lottijiet/unitajiet fix-xahar).

19. Materjal ta' skart (inkluż tagħmir ikkontaminat u skart miżmum). Għal kull fluss ta' skart, deskrizzjoni ta':
    (a) il-kontributi (sorsi) ewlenin;
    (b) it-tipi ta' skart wara l-ipproċessar tal-iskart;
    (c) il-forma kimika u fiżika (likwidu, solidu, eċċ.) ta' skart tal-alimentazzjoni, ta' skart fi ħżin intermedju u tal-prodott tal-iskart wara l-ipproċessar;
    (d) għal kull materjal fil-punt (c), il-kontenut tal-uranju u l-meded ta' arrikkiment tiegħu, il-kontenut tal-plutonju;
    (e) il-kwantitajiet stmati fis-sena, il-perjodu tal-ħżin;
    (f) ir-rati tal-ġenerazzjoni tal-iskart (bħala % tal-input/tal-produzzjoni, kwantitajiet fix-xahar);
    (g) il-medda tal-inventarju u l-kapaċità massima tal-ħżin;
    (h) il-metodu u l-frekwenza tal-irkupru/tar-rimi.

20. Sistema tat-trattament tal-iskart (ehmeż id-dijagrammi).

21. Materjal nukleari ieħor fl-installazzjoni u l-post fejn jinsab, jekk ikun hemm.

22. Flowsheet skematika għall-materjal nukleari (li tidentifika l-punti ta' kampjunar, il-punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, iż-żoni ta' kontabbiltà, il-postijiet tal-inventarju, eċċ.).

23. It-tipi, il-forma, il-meded ta' kontenut ta' materjal nukleari (inkluż l-arrikkiment, kif applikabbli), il-meded tal-kwantitajiet ta' fluss ta' materjal nukleari għal kull żona ta' mmaniġġar tal-materjal nukleari.

24. Il-proċessi tar-riċiklaġġ (deskrizzjoni fil-qosor ta' kwalunkwe proċess bħal dan li jagħti s-sors u l-forma tal-materjal, il-metodu tal-ħżin, l-inventarju normali, il-frekwenza tal-ipproċessar, id-durata tal-ħżin temporanju, l-iskedi għal kwalunkwe riċiklaġġ estern, il-metodu tal-kejl tal-kontenut fissili tal-materjal irriċiklat).

25. Kapaċità massima:

(a) waqt il-proċess (fi ħdan l-impjant u t-tagħmir matul it-tħaddim normali, indika l-kwantità, il-medda ta' arrikkiment, il-kontenut ta' Pu, il-forma u l-postijiet ewlenin u kwalunkwe bidla sinifikanti fil-ħin jew fil-produzzjoni; indika l-akkumulazzjoni tal-materjal residwu mistennija u l-mekkaniżmu, eż. l-akkumulazzjoni ta' materjal fuq superfiċji oħra, il-kondensazzjoni);

(b) ħażniet ta' alimentazzjoni u prodotti;

(c) postijiet oħrajn (kwantità, firxa ta' arrikkiment, kontenut ta' Pu, forma u post tal-inventarju mhux diġà speċifikati).

Immaniġġar tal-materjal nukleari

26. Deskrizzjoni ta' kontenituri, imballaġġ u ż-żona tal-ħżin.

Deskrizzjoni għall-alimentazzjoni, għall-prodotti u għall-iskart tat-tip u d-daqs tal-kontejner tal-ħżin u tat-trasport u l-imballaġġ użat (inkluż il-kapaċità nominali u l-kapaċità għat-tħaddim normali, u t-tip ta' materjal). Deskrizzjoni tal-proċeduri ta' ħżin, imballaġġ, mili u tbattil.

27. Metodi u mezzi ta' trasferiment tal-materjal nukleari (iddeskrivi wkoll it-tagħmir użat għall-immaniġġar tal-alimentazzjoni, tal-prodott, tal-iskart).

28. Rotot ta' trasport li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari (b'referenza għat-tqassim tal-impjant).

29. Ilqugħ (għall-ħżin u t-trasferiment).

Manutenzjoni tal-installazzjoni

30. Manutenzjoni, dekontaminazzjoni, tindif (f'każijiet fejn it-tindif u/jew il-kampjunar ma jkunx possibbli, indika kif titkejjel jew tiġi kkalkolata l-akkumulazzjoni tal-materjal nukleari):

(a) il-manutenzjoni normali tal-installazzjoni;

(b) l-installazzjoni u d-dekontaminazzjoni tat-tagħmir u l-irkupru sussegwenti tal-materjal nukleari;

(c) l-installazzjoni u t-tindif tat-tagħmir, inkluż il-mezzi biex jiġi żgurat li r-reċipjenti jkunu vojta;

(d) il-ftuħ tal-installazzjoni u l-għeluq tal-impjant (jekk ikunu differenti mit-tħaddim normali).

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

31. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

32. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi (jekk ikunu estensivi, ehmeż separatament).

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

33. Deskrizzjoni tas-sistema NMAC, il-metodu ta' reġistrazzjoni u rapportar tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċi tal-materjal, il-frekwenza tat-teħid tal-inventarju fiżiku, il-proċeduri għall-aġġustament tal-kontijiet wara l-inventarju tal-impjant, l-iżbalji, eċċ., taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Data tas-sors (eż. formoli tat-trasport u tal-wasla, dokumenti ta' trasferiment intern, formoli tal-inventarju fiżiku, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl). Proċeduri biex isiru l-aġġustamenti u l-korrezzjonijiet (li jindikaw kif l-aġġustamenti huma awtorizzati u ssostanzjati);

(b) Wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati d-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u l-korrezzjonijiet sussegwenti tal-kontabbiltà; il-kontrolli u l-kejl użati biex jiġi kkonfermat il-kontenut tal-materjal nukleari);

(c) Vjeġġi (prodotti, skart);

(d) Trasferimenti għall-iskart miżmum (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu u perjodu previst ta' ħżin, użi sussegwenti possibbli tal-iskart miżmum);

(e) Rimi fl-ambjent (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu ta' rimi);

(f) Bidliet oħrajn fl-inventarju, eż. trasferimenti għal skart ikkundizzjonat, telf mhux imkejjel (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet);

(g) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, id-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom, inkluż il-metodu ta' assaġġ rilevanti), l-aċċessibbiltà u l-metodu ta' verifika possibbli għall-materjal nukleari, l-akkuratezza mistennija, u l-aċċess għall-materjal nukleari. B'mod partikolari, id-deskrizzjoni tal-proċeduri għandha tipprovdi wkoll l-approċċ tal-inventarju bażiku li għandu jintuża, jiġifieri l-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twettiq tat-teħid tal-inventarju, ir-responsabbiltà primarja għall-inventarju, it-tindif tal-proċess, il-kontabbiltà tal-akkumulazzjoni tal-materjal residwu tal-proċess;

(h) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri). Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(i) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dożinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

34. Karatteristiċi relatati mal-miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza (deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri applikati jew possibbli b'referenza għall-pjan tal-art jew għat-tqassim tal-impjant).

35. Għal kull punt ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, u l-punti ta' kampjunar taż-żoni ta' kontabbiltà, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, fejn applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi ta' bidliet fl-inventarju mistennija f'dan il-punt ta' kejl u l-possibbiltà li dan il-punt ta' kejl jintuża għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(c) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari (inkluż il-medda ta' arrikkiment, il-kontenut ta' Pu, u deskrizzjoni tal-materjali tat-tlibbis);

(d) il-kontenituri, l-imballaġġ u l-metodu ta' ħżin tal-materjal nukleari;

(e) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat (inkluż l-għadd ta' kampjuni meħuda, il-frekwenza u l-kriterji ta' rifjut);

(f) il-metodu/i ta' kejl/analiżi u t-tagħmir użati u l-akkuratezzi korrispondenti;

(g) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi għall-alimentazzjoni, għall-prodott, għall-fdalijiet, għall-iskart (piż, volum, kampjunar, analiżi);

(h) it-tekniki kalkolattivi u ta' propagazzjoni tal-iżbalji;

(i) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat, u l-istandards użati;

(j) il-programm għall-evalwazzjoni kontinwa tal-akkuratezza tal-piż, tal-volum, tat-tekniki tal-kampjunar u dawk analitiċi u tal-metodi tal-kejl;

(k) il-programm għall-evalwazzjoni statistika tad-data minn (i) u (j);

(l) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(m) ir-rata mistennija tal-fluss tal-lott fis-sena;

(n) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju;

(o) l-għadd mistenni ta' oġġetti għal kull fluss u għal-lottijiet tal-inventarju;

(p) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità ta' materjal nukleari għal kull lott (b'indikazzjoni tad-data tal-lott, il-piż totali ta' kull element ta' materjal nukleari u l-forma ta' materjal nukleari);

(q) karatteristiċi relatati mal-miżuri ta' sorveljanza u ta' konteniment.

36. Limitu ġenerali ta' żball. Iddeskrivi l-proċeduri biex tiġi kkombinata d-determinazzjoni tal-iżball tal-kejl individwali sabiex jinkiseb il-limitu ġenerali ta' żball għal:

(a) id-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur;

(b) l-inventarju fil-kotba;

(c) l-inventarju fiżiku;

(d) materjal mhux kontabilizzat (MUF).

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

37. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

38. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

39. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-E

INSTALLAZZJONIJIET GĦALL-ARRIKKIMENT TAL-ISOTOPI

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli)

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari u/jew tal-assemblaġġi tal-fjuwil. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess;

    (b) konteniment ta' ċerti partijiet tal-installazzjoni;

    (c) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;

    (d) żoni ta' ħżin tal-materjal nukleari;

    (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-ipproċessar;

    (f) żoni ta' ttestjar u sperimentali;

    (g) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;

    (h) laboratorju analitiku.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Parametri ġenerali tal-proċess

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).

14. Deskrizzjoni tal-proċess (l-identifikazzjoni tal-kampjunar u tal-punti ewlenin tal-kejl, l-MBAs, il-postijiet tal-inventarju).

15. Kapaċità tad-disinn (il-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija).

16. Produzzjoni mistennija (fil-forma ta' programm bil-quddiem li jindika l-proporzjon ta' diversi tipi ta' alimentazzjoni u prodotti).

17. Oġġetti importanti oħrajn ta' tagħmir li juża, jipproduċi jew jipproċessa materjal nukleari (bħal tagħmir ta' ttestjar u sperimentali).

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-KONTABBILTÀ TAL-MATERJAL, IL-KONTENIMENT U S-SORVELJANZA

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal ewlieni (alimentazzjoni, prodott, residwi):
    (a) forma kimika u fiżika;
    (b) meded ta' produzzjoni u ta' arrikkiment (għal operazzjoni normali tal-flowsheet li tindika jekk ikunx hemm taħlit u/jew riċiklaġġ);
    (c) daqs tal-lott/ir-rata tal-fluss u l-perjodu tal-kampanja;
    (d) kapaċità massima bħala konċentrazzjoni tal-ogħla prodott (nat. U feed);
    (e) inventarju tal-ħżin;
    (f) frekwenza tal-wasliet jew tal-vjeġġi.

19. Materjal ta' skart:
    (a) sors u forma (bl-indikazzjoni tal-kontributuri ewlenin; likwidu jew solidu; il-firxa tal-kostitwenti; il-limitu tal-arrikkiment; inkluż it-tagħmir ikkontaminat);
    (b) medda tal-inventarju tal-ħżin, metodu u frekwenza tal-irkupru/tar-rimi.

20. Deskrizzjonijiet tal-kontenitur u taż-żona tal-ħżin.

21. Rimi fl-ambjent, skart ikkundizzjonat u skart miżmum bħala % tal-input.

22. Inventarju waqt il-proċess (fi ħdan l-impjant u t-tagħmir matul it-tħaddim normali; indika l-kwantità, il-forma u l-post prinċipali u kwalunkwe bidla sinifikanti bil-ħin jew bil-produzzjoni).

Manutenzjoni tal-installazzjoni

23. Manutenzjoni, dekontaminazzjoni, tindif:
    (a) il-manutenzjoni normali tal-installazzjoni;
    (b) l-installazzjoni u d-dekontaminazzjoni tat-tagħmir u l-irkupru sussegwenti tal-materjal nukleari;
    (c) l-installazzjoni u t-tindif tat-tagħmir inkluż mezzi biex jiġi żgurat li r-reċipjenti jkunu vojta.

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

24. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

25. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi (jekk ikunu estensivi, ehmeż separatament).

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

26. Deskrizzjoni tas-sistema NMAC, il-metodu ta' reġistrazzjoni u rapportar tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċi tal-materjal, il-frekwenza tat-teħid tal-inventarju fiżiku, il-proċeduri għall-aġġustament tal-kontijiet wara l-inventarju tal-impjant, l-iżbalji, eċċ., taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Data tas-sors (eż. formoli tat-trasport u tal-wasla, dokumenti ta' trasferiment intern, formoli tal-inventarju fiżiku, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl). Proċeduri biex isiru l-aġġustamenti u l-korrezzjonijiet (li jindikaw kif l-aġġustamenti huma awtorizzati u ssostanzjati);

(b) Wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati d-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u l-korrezzjonijiet sussegwenti tal-kontabbiltà; il-kontrolli u l-kejl użati biex jiġi kkonfermat il-kontenut tal-materjal nukleari);

(c) Vjeġġi (prodotti, skart);

(d) Trasferimenti għall-iskart miżmum (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu u perjodu previst ta' ħżin, użi sussegwenti possibbli tal-iskart miżmum);

(e) Rimi fl-ambjent (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu ta' rimi);

(f) Bidliet oħrajn fl-inventarju, eż. trasferimenti għal skart ikkundizzjonat, telf mhux imkejjel (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet);

(g) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, id-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom, inkluż il-metodu ta' assaġġ rilevanti), l-aċċessibbiltà u l-metodu ta' verifika possibbli għall-materjal nukleari, l-akkuratezza mistennija, u l-aċċess għall-materjal nukleari. B'mod partikolari, id-deskrizzjoni tal-proċeduri għandha tipprovdi wkoll l-approċċ tal-inventarju bażiku li għandu jintuża, jiġifieri l-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twettiq tat-teħid tal-inventarju, ir-responsabbiltà primarja għall-inventarju, it-tindif tal-proċess, il-kontabbiltà tal-akkumulazzjoni tal-materjal residwu tal-proċess;

(h) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri). Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(i) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dożinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

27. Karatteristiċi relatati mal-miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza (deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri applikati jew possibbli b'referenza għall-pjan tal-art jew għat-tqassim tal-impjant).

28. Għal kull punt ta' kejl ewlieni ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, fejn applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi ta' bidliet fl-inventarju mistennija f'dan il-punt ta' kejl u l-possibbiltà li dan il-punt ta' kejl jintuża għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(c) il-forma kimika u fiżika tal-materjal;

(d) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat;

(e) il-metodu ta' kejl/analiżi u t-tagħmir użati;

(f) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi (użin, volum, kampjunar, analiżi);

(g) it-teknika ta' propagazzjoni kalkolattiva u ta' żball;

(h) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat;

(i) il-programm għall-evalwazzjoni kontinwa tal-akkuratezza tal-piż, tal-volum, tat-tekniki tal-kampjunar u tal-metodi tal-kejl;

(j) il-programm għall-evalwazzjoni statistika tad-data minn (h) u (i).

29. Limitu ġenerali ta' żball. Iddeskrivi l-proċeduri biex tiġi kkombinata d-determinazzjoni tal-iżball tal-kejl individwali sabiex jinkiseb il-limitu ġenerali ta' żball għal:

(a) id-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur;

(b) l-inventarju fil-kotba;

(c) l-inventarju fiżiku;

(d) materjal mhux kontabilizzat (MUF).

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

30. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (Dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

31. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

32. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-F

INSTALLAZZJONIJIET TAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP (R&D)

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess);

    (b) żoni ta' ħżin tal-materjal nukleari;

    (c) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;

    (d) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;

    (e) żona tal-ittestjar u tal-esperimenti, laboratorji.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar l-installazzjoni

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (b'indikazzjoni taż-żoni ta' kontabbiltà).

14. Inventarju totali stmat għal kull post u għal kull kategorija.

15. Produzzjoni annwali mistennija għal kull kategorija.

16. Deskrizzjoni tal-użu tal-materjal nukleari.

17. Oġġetti importanti ta' tagħmir li juża, jipproduċi jew jipproċessa materjal nukleari.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

18. Tipi ewlenin ta' unitajiet ta' kontabbiltà li għandhom jiġu mmaniġġati fl-installazzjoni.

19. Deskrizzjoni, permezz ta' dijagrammi jew mod ieħor, tal-materjal nukleari kollu għal kull żona ta' kontabbiltà, li turi:
    (a) forma kimika u fiżika (b'deskrizzjoni tal-materjali tat-tlibbis);
    (b) il-medda ta' arrikkiment u l-kontenut ta' Pu;
    (c) il-piż nominali stmat tal-materjal nukleari.

20. Materjal ta' skart:
    (a) sors u forma (bl-indikazzjoni tal-kontributuri ewlenin; likwidu jew solidu; il-firxa tal-kostitwenti, il-medda ta' arrikkiment u l-kontenut ta' Pu, inkluż tagħmir ikkontaminat);
    (b) il-kwantitajiet fil-ħżin u f'postijiet oħrajn;
    (c) il-metodu u l-frekwenza tal-irkupru/tar-rimi.

21. Materjal nukleari ieħor, mhux imsemmi qabel, u l-post fejn jinsab.

22. Mezzi ta' identifikazzjoni tal-materjal nukleari.

23. Medda tal-livelli ta' radjazzjoni f'postijiet ta' materjal nukleari (rati ta' doża f'postijiet speċifikati).

Fluss ta' materjal nukleari

24. Flowsheet skematika għall-materjal nukleari (identifikazzjoni tal-punti tal-kejl, taż-żoni ta' kontabbiltà, tal-postijiet tal-inventarju, eċċ., għall-finijiet tal-operatur).

25. Tipi, forma u medda ta' kwantitajiet ta' materjal nukleari fiż-żoni tat-tħaddim, fiż-żona tal-ħżin u f'postijiet oħrajn (data medja għal kull post).

Post u mmaniġġar tal-materjal nukleari (għal kull żona ta' kontabbiltà)

26. Deskrizzjoni ta' kull żona ta' ħżin ta' materjal nukleari (li tindika l-kapaċità, l-inventarju mistenni u l-produzzjoni, eċċ.).

27. Kwantità massima ta' materjal nukleari li għandu jiġi mmaniġġat fiż-żoni ta' kontabbiltà.

28. Modifika tal-forma fiżika/kimika waqt it-tħaddim.

29. Trasferiment ta' materjal nukleari.

30. Frekwenza tal-wasliet u tal-vjeġġi.

31. Tagħmir għat-trasferiment tal-materjal nukleari (jekk applikabbli).

32. Deskrizzjoni ta' kontenituri użati għall-ħżin u għall-immaniġġar.

33. Rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari.

34. Ilqugħ (għall-ħżin u t-trasferiment).

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

35. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

36. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

37. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà użata biex tiġi rreġistrata u rrapportata d-data tal-kontabbiltà, inkluż il-metodu ta' reġistrazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment tal-bilanċ tal-materjal;

(b) Bidliet ewlenin fl-inventarju

Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. il-wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati d-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u l-korrezzjonijiet ta' kontabbiltà sussegwenti), il-vjeġġi u bidliet fl-inventarji relatati mal-iskart, bl-inklużjoni ta' deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet jiġu ddeterminati. Għandhom jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-data tas-sors (eż. formoli ta' riċeviment u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl);

(c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inkluż metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika ta' materjali nukleari friski u rradjati;

(d) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dożinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

38. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' kontenjment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, kameras, lasers, trażmissjoni ta' data mill-bogħod, eċċ.).

39. Għal kull punt ta' kejl taż-żona ta' bilanċ tal-materjal, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju;

(c) il-possibbiltà li dan il-punt ta' kejl jintuża għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(d) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari (b'deskrizzjoni tal-materjali tat-tlibbis);

(e) il-kontenituri, l-imballaġġ tal-materjal nukleari;

(f) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat;

(g) il-metodu/i ta' kejl u t-tagħmir użat;

(h) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi (piż, volum, teħid ta' kampjuni, test mhux distruttiv);

(i) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat;

(j) il-metodu tal-konverżjoni tad-data tas-sors għad-data tal-lott;

(k) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(l) ir-rata mistennija tal-fluss tal-lott fis-sena;

(m) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju;

(n) l-għadd mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;

(o) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità ta' materjal nukleari għal kull lott, il-piż totali tal-materjal nukleari f'oġġett, il-kompożizzjoni isotopika meta jkun xieraq u l-forma tal-materjal nukleari.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

40. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

41. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

42. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-G

INSTALLAZZJONIJIET TAL-ĦŻIN

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess);

    (b) żoni ta' ħżin tal-materjal nukleari;

    (c) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;

    (d) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;

    (e) żona tal-ittestjar u tal-esperimenti, laboratorji.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar il-ħżin

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir għal kull żona tal-ħżin).

14. Kapaċità tad-disinn.

15. Produzzjoni u inventarju annwali mistennija.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

16. Deskrizzjoni tal-użu tal-materjal nukleari.

17. Deskrizzjoni, permezz ta' dijagrammi jew mod ieħor, tal-materjal nukleari kollu fl-installazzjoni, li turi:
    (a) it-tipi kollha ta' oġġetti mmaniġġati fl-installazzjoni;
    (b) il-kompożizzjoni kimika jew il-kostitwenti ewlenin tal-liga;
    (c) il-forma u d-dimensjonijiet;
    (d) il-medda ta' arrikkiment u l-kontenut ta' Pu;
    (e) il-piż nominali tal-materjal nukleari, b'tolleranzi tad-disinn;
    (f) il-materjali ta' tlibbis;
    (g) il-metodi ta' identifikazzjoni tal-oġġetti;
    (h) il-medda tal-livelli ta' radjazzjoni fil-post tal-materjal nukleari (ir-rati ta' doża f'postijiet speċifikati).

Fluss ta' materjal nukleari

18. Flowsheet skematika għall-materjal nukleari (identifikazzjoni tal-punti tal-kejl, taż-żoni ta' kontabbiltà, tal-postijiet tal-inventarju, eċċ., għall-finijiet tal-operatur).

Post u mmaniġġar tal-materjal nukleari

19. Deskrizzjoni ta' kull żona ta' ħżin tal-materjal nukleari (postijiet tal-inventarju).

20. Il-medda stmata ta' inventarji ta' materjal nukleari f'kull żona ta' ħżin.

21. Il-metodu ta' pożizzjonament tal-materjal nukleari fil-ħżin.

22. Ir-rotot u t-tagħmir użati għall-immaniġġar u l-moviment ta' materjal nukleari.

23. Il-frekwenza tal-wasliet u tal-vjeġġi.

24. Kontejners għall-ħżin u/jew għat-trasport ta' materjal nukleari u lqugħ.

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

25. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

26. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

27. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:
    (a) Ġenerali

        Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà użata biex tiġi rreġistrata u rrapportata d-data tal-kontabbiltà, inkluż il-metodu ta' reġistrazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment tal-bilanċ tal-materjal;

(b) Bidliet ewlenin fl-inventarju

Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. il-wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati d-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u l-korrezzjonijiet ta' kontabbiltà sussegwenti), il-vjeġġi u bidliet fl-inventarji relatati mal-iskart, bl-inklużjoni ta' deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet jiġu ddeterminati. Għandhom jiġu identifikati r-reġistri operazzjonali korrispondenti u d-data tas-sors (eż. formoli ta' riċeviment u ta' trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl);

(c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inkluż metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika ta' materjali nukleari friski u rradjati;

(d) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dożinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

28. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, kameras, lasers, trażmissjoni ta' data mill-bogħod, eċċ.).

29. Għal kull punt ta' kejl taż-żona ta' bilanċ tal-materjal, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju;

(c) il-possibbiltà li dan il-punt ta' kejl jintuża għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(d) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari;

(e) il-kontenituri tal-materjal nukleari;

(f) il-proċeduri tal-kampjunar u t-tagħmir użat;

(g) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl;

(h) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi (piż, volum, teħid ta' kampjuni, test mhux distruttiv);

(i) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat;

(j) il-metodu tal-konverżjoni tad-data tas-sors għad-data tal-lott;

(k) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(l) il-fluss mistenni ta' lottijiet fis-sena;

(m) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju b'kapaċità ta' ħżin relatata;

(n) l-għadd mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;

(o) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità ta' materjal nukleari għal kull lott, il-piż stmat ta' kull element ta' materjal nukleari, il-kompożizzjoni isotopika meta jkun xieraq u l-forma tal-materjal nukleari.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

30. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

31. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

32. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-H

INSTALLAZZJONIJIET TAT-TRATTAMENT, TAL-ĦŻIN U TAD-DISPONIMENT TAL-ISKART

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar, magħluqa (għall-installazzjonijiet tad-disponiment biss)).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni:

    (a) konteniment strutturali, reċinti u rotot ta' aċċess;

    (b) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari;

    (c) żoni ta' ħżin tal-iskart;

    (d) żoni għad-disponiment tal-iskart;

    (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-ipproċessar;

    (f) żoni ta' ttestjar u sperimentali;

    (g) laboratorju analitiku.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Parametri ġenerali tal-proċess

13. Deskrizzjoni tal-installazzjoni (li tindika l-oġġetti ewlenin tat-tagħmir).

14. Deskrizzjoni tal-proċess (li tindika wkoll il-modifika ta' forom fiżiċi u kimiċi).

15. Il-kapaċità tad-disinn (fil-piż tal-prodotti prinċipali fis-sena).

16. Produzzjoni mistennija (fil-forma ta' programm bil-quddiem li jindika l-proporzjon ta' diversi tipi ta' alimentazzjoni u prodotti).

17. Oġġetti importanti oħrajn ta' tagħmir li juża, jipproduċi jew jipproċessa materjal nukleari (bħal tagħmir ta' ttestjar u sperimentali).

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-KONTABBILTÀ TAL-MATERJAL, IL-KONTENIMENT U S-SORVELJANZA

Deskrizzjoni tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal ewlieni:
    (a) forom kimiċi u fiżiċi (inkluż il-kontenut tal-materjal nukleari u l-arrikkiment);
    (b) id-daqs tal-lott/ir-rata tal-fluss u l-perjodu tal-kampanja, il-mezz ta' identifikazzjoni tal-lott;
    (c) żoni ta' ħżin tal-materjal nukleari u l-inventarju tal-impjanti (li jindikaw kwalunkwe bidla bil-produzzjoni);
    (d) il-frekwenza tal-wasliet jew tal-vjeġġi (lottijiet/unitajiet fix-xahar).

19. Materjal nukleari ieħor fl-installazzjoni u fil-post fejn tinsab, jekk ikun hemm.

20. Flowsheet skematika għall-materjal nukleari (li tidentifika l-punti ta' kampjunar, il-punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, iż-żoni ta' kontabbiltà, il-postijiet tal-inventarju, eċċ.).

21. It-tipi, il-forma, il-meded ta' kontenut ta' materjal nukleari (inkluż l-arrikkiment, kif applikabbli), il-meded tal-kwantitajiet ta' fluss ta' materjal nukleari għal kull żona ta' mmaniġġar tal-materjal nukleari.

Immaniġġar tal-materjal nukleari

22. Deskrizzjoni ta' kontenituri, imballaġġ u ż-żona tal-ħżin.

23. Metodi u mezzi tat-trasferiment tal-materjal nukleari (iddeskrivi wkoll it-tagħmir użat).

24. Rotot ta' trasport li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari (b'referenza għat-tqassim tal-impjant).

25. Ilqugħ (għall-ħżin u t-trasferiment).

Manutenzjoni tal-installazzjoni

26. Manutenzjoni, dekontaminazzjoni, tindif (f'każijiet fejn it-tindif u/jew il-kampjunar ma jkunx possibbli, indika kif titkejjel jew tiġi kkalkolata l-akkumulazzjoni tal-materjal nukleari):
    (a) il-manutenzjoni normali tal-installazzjoni;
    (b) l-installazzjoni u d-dekontaminazzjoni tat-tagħmir u l-irkupru sussegwenti tal-materjal nukleari;
    (c) l-installazzjoni u t-tindif tat-tagħmir, inkluż il-mezzi biex jiġi żgurat li r-reċipjenti jkunu vojta;
    (d) il-ftuħ tal-installazzjoni u l-għeluq tal-impjant (jekk ikunu differenti mit-tħaddim normali).

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

27. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

28. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi (jekk ikunu estensivi, ehmeż separatament).

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

29. Deskrizzjoni tas-sistema NMAC, il-metodu ta' reġistrazzjoni u rapportar tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment ta' bilanċi tal-materjal, il-frekwenza tat-teħid tal-inventarju fiżiku, il-proċeduri għall-aġġustament tal-kontijiet wara t-teħid tal-inventarju tal-impjant, l-iżbalji, eċċ., taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Data tas-sors (eż. formoli tat-trasport u tal-wasla, dokumenti ta' trasferiment intern, formoli tal-inventarju fiżiku, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u folji ta' kontroll tal-kejl). Proċeduri biex isiru l-aġġustamenti u l-korrezzjonijiet (li jindikaw kif l-aġġustamenti huma awtorizzati u ssostanzjati);

(b) Wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati d-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u l-korrezzjonijiet sussegwenti tal-kontabbiltà; il-kontrolli u l-kejl użati biex jiġi kkonfermat il-kontenut tal-materjal nukleari);

(c) Vjeġġi (prodotti, skart);

(d) Trasferimenti għall-iskart miżmum (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu u perjodu previst ta' ħżin, użi sussegwenti possibbli tal-iskart miżmum);

(e) Rimi fl-ambjent (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet, metodu ta' rimi);

(f) Bidliet oħrajn fl-inventarju, eż. trasferimenti għal skart ikkundizzjonat, telf mhux imkejjel (metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-kwantitajiet);

(g) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, id-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom, inkluż il-metodu ta' assaġġ rilevanti), l-aċċessibbiltà u l-metodu ta' verifika possibbli għall-materjal nukleari, l-akkuratezza mistennija, u l-aċċess għall-materjal nukleari. B'mod partikolari, id-deskrizzjoni tal-proċeduri għandha tipprovdi wkoll l-approċċ tal-inventarju bażiku li għandu jintuża, jiġifieri l-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twettiq tat-teħid tal-inventarju, ir-responsabbiltà primarja għat-teħid tal-inventarju, it-tindif tal-proċess, il-kontabbiltà tal-akkumulazzjoni tal-materjal residwu tal-proċess;

(h) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri). Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(i) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dežinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

30. Għal kull punt ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, u l-punti ta' kampjunar taż-żoni ta' kontabbiltà, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, fejn applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi ta' bidliet fl-inventarju mistennija f'dan il-punt ta' kejl u l-possibbiltà li dan il-punt ta' kejl jintuża għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(c) il-forma kimika u fiżika tal-materjal;

(d) il-proċedura tal-kampjunar u t-tagħmir użat;

(e) il-metodu ta' kejl/analiżi u t-tagħmir użati;

(f) is-sors u l-livell ta' żbalji aleatorji u sistematiċi (użin, volum, kampjunar, analiżi);

(g) it-teknika ta' propagazzjoni kalkolattiva u ta' żball;

(h) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat;

(i) il-programm għall-evalwazzjoni kontinwa tal-akkuratezza tal-piż, tal-volum, tat-tekniki tal-kampjunar u tal-metodi tal-kejl;

(j) il-programm għall-evalwazzjoni statistika tad-data minn (h) u (i).

31. Limitu ġenerali ta' żball. Iddeskrivi l-proċeduri biex tiġi kkombinata d-determinazzjoni tal-iżball tal-kejl individwali sabiex jinkiseb il-limitu ġenerali ta' żball għal:

(a) id-differenzi bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur;

(b) l-inventarju fil-kotba;

(c) l-inventarju fiżiku;

(d) materjal mhux kontabilizzat (MUF).

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

32. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

33. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;

(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;

(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

34. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-J

INSTALLAZZJONIJIET TAL-INKAPSULAMENT TAL-FJUWIL UŻAT

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — indika l-kodiċi MBA (ladarba jiġi attribwit).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. L-istatus preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni inkluż id-dijagrammi tal-art u tas-sezzjoni:

    (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (konteniment strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess);

    (b) ir-rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari, il-kaxxetti tad-disponiment u l-btieti tal-fjuwil użat;

    (c) il-materjal nukleari u ż-żoni tal-ħżin tal-kaxxetti tad-disponiment;

    (d) iż-żona tal-ħżin tal-iskart;

    (e) kull żona ewlenija ta' pproċessar u laboratorju tal-ipproċessar;

    (f) żona tal-ittestjar u tal-esperimenti, laboratorji analitiċi, jekk applikabbli.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar l-installazzjoni

13. Deskrizzjoni tal-proċess u tal-postijiet li jindikaw:

(a) l-istadji kollha tal-proċess;

(b) iż-żoni kollha tal-wasliet, tal-vjeġġi, tal-proċess u tal-ħżin.

14. Deskrizzjoni tal-proċess inkluż il-folja tal-fluss tal-proċess.

15. Kapaċità tad-disinn.

16. Fluss annwali mistenni u l-inventarju taż-żoni tal-ħżin u tal-proċess.

17. Oġġetti ewlenin tat-tagħmir użati fl-installazzjoni inkluż it-tagħmir tas-sorveljanza u tal-kejl, anke għall-ittestjar u għall-iskop sperimentali.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL NUKLEARI

Deskrizzjoni u fluss tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal nukleari:

(a) tipi ewlenin ta' materjal nukleari, u unitajiet ta' kontabbiltà li għandhom jiġu mmaniġġati fl-installazzjoni;

(b) forma fiżika (mekkanika), tlibbis u dimensjonijiet ġenerali tal-assemblaġġi tal-fjuwil użat;

(c) forma fiżika (mekkanika), dimensjonijiet ġenerali u kapaċità tal-kaxxetti tad-disponiment;

(d) forma fiżika u dimensjonijiet ġenerali u kapaċità ta' tipi oħrajn ta' kontenituri u imballaġġ;

(e) mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott u tal-oġġett, daqs tal-lott, rata tal-fluss, u perjodu tal-kampanja;

(f) medda ta' piżijiet inizjali tal-metall tqil u arrikkimenti inizjali ta' assemblaġġi tal-fjuwil;

(g) medda ta' ħruq ta' fjuwil użat, ħinijiet tat-tkessiħ, u kontenut ta' Pu ta' assemblaġġi tal-fjuwil;

(h) medda tal-livelli ta' radjazzjoni f'żoni ta' ħżin u ta' proċess ta' materjal nukleari (rati ta' doża);

(i) medda tal-livelli ta' radjazzjoni u ta' sħana fuq barra tal-kontenituri tat-trasport u tad-disponiment (rati ta' doża u temperaturi).

19. Materjal nukleari ieħor fl-installazzjoni minbarra fjuwil użat (tip, forma, kwantità, u post).

20. Fluss ta' materjal nukleari:

(a) folja u d-dijagrammi skematiċi tal-fluss;

(b) punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, żoni ta' kontabbiltà, postijiet tal-inventarju;

(c) frekwenza tal-wasliet u tal-vjeġġi.

21. Kwantitajiet tal-fluss tal-materjal nukleari għal kull żona tal-immaniġġar tal-materjal nukleari, inkluż medda u kwantitajiet massimi ta' materjal nukleari:

(a) żoni tal-wasliet u tal-vjeġġi;

(b) żona tal-proċess (jiġifieri ċellola tal-immaniġġar);

(c) post tal-ħżin;

(d) postijiet oħrajn.

22. Medda tad-disinn tal-inventarji tal-materjal nukleari f'kull żona ta' ħżin u ta' proċess.

Immaniġġar tal-materjal nukleari

23. Deskrizzjoni tal-kontenitur, tal-kaxxetta u tal-imballaġġ li fih jiġi ttrasportat il-materjal nukleari (inkluż id-daqs, id-disinn, id-disinn tal-basket intern, il-materjal użat, il-kapaċità, l-għeluq eċċ.). Irreferi għad-dijagrammi meta disponibbli.

24. Deskrizzjoni ta' kull żona tal-ħżin u tal-proċess ta' materjal nukleari.

25. Ilqugħ f'żoni differenti ta' proċess, ħżin u trasferiment.

26. Metodi u mezzi tal-immaniġġar u t-trasport ta' materjal nukleari u ta' kontenituri tat-trasport f'żoni ta' proċess u ta' ħżin.

27. Rotot tat-trasport li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari, kontenituri u kaxxetti b'referenza għat-tqassim tal-installazzjoni.

28. Manutenzjoni u dekontaminazzjoni:

(a) manutenzjoni normali tal-impjant;

(b) dekontaminazzjoni tal-impjanti u tat-tagħmir.

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

29. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

30. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI

31. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà użata biex tiġi rreġistrata u rrapportata d-data tal-kontabbiltà, inkluż il-metodu ta' reġistrazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment tal-bilanċ tal-materjal;

(b) Bidliet ewlenin fl-inventarju

Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju eż. wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati l-korrezzjonijiet tal-kontabbiltà, il-kontrolli u l-kejl użati biex jiġu kkonfermati l-oġġetti tal-fjuwil użat), ir-rigruppar tal-lottijiet, il-vjeġġi ta' kaxxetti tad-disponiment u materjal nukleari ieħor (inkluż l-iskart), inkluż deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet huma ddeterminati. Għandhom jiġu identifikati r-reġistri tat-tħaddim korrispondenti u d-data tas-sors (eż. formoli tal-wasla u tat-trasport);

(c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, tal-metodu tat-teħid tal-inventarju tal-operatur, tal-frekwenza skedata, tad-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, tal-aċċessibbiltà u tal-metodu ta' verifika;

(d) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dežinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

32. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, kameras, lasers, trażmissjoni ta' data mill-bogħod, eċċ.).

33. Għal kull punt ta' kejl taż-żona ta' bilanċ tal-materjal, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju u l-possibbiltà li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(c) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari;
(d) il-kontenituri tal-materjal nukleari;
(e) il-proċeduri tal-kampjunar u t-tagħmir użat;
(f) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl użati inkluż il-kejl tar-radjazzjoni fiċ-ċellola tal-immaniġġar;
(g) is-sors u l-livell ta' akkuratezza;
(h) it-teknika u l-frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir użat;
(i) il-metodu tal-konverżjoni tad-data tas-sors għad-data tal-lott;
(j) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott;
(k) il-fluss mistenni ta' lottijiet fis-sena;
(l) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju;
(m) l-għadd mistenni ta' oġġetti għal kull fluss;
(n) it-tip, il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-materjal nukleari għal kull lott, il-piż totali ta' kull element ta' materjal nukleari, il-kompożizzjoni isotopika meta jkun xieraq u l-forma tal-materjal nukleari.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-TĦADDIM

34. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar).

35. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej:
(a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;
(b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;
(c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

36. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti għas-salvagwardja tal-installazzjoni.

ANNESS I-K

REPOŻITORJI ĠEOLOĠIĊI

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (karatteristiċi ewlenin biss).

6. L-iskop u t-tip ta' installazzjoni.

7. Status preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, fażi ta' wara t-tħaddim).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Mod ta' tħaddim normali (is-sistema ta' xiftijiet adottata, id-dati approssimattivi tal-perjodi ta' tħaddim matul is-sena, eċċ.).

10. Tqassim taż-żona (mappa li turi l-installazzjoni, il-konfini, il-binjiet, it-toroq, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

11. Tqassim tal-installazzjoni inkluż dijagrammi relatati:

    (a) l-identifikazzjoni taż-żoni ewlenin (kontenitur strutturali, ċnut u rotot ta' aċċess);

    (b) rotot li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari, kaxxetti tad-disponiment;

    (c) materjal nukleari, iż-żoni tal-ħżin tal-kaxxetti tad-disponiment;

    (d) żona tad-disponiment;

    (e) rotot ewlenin ta' aċċess għall-vetturi u għall-persunal u għax-xafts tal-ventilazzjoni (inkluż id-daqs tax-xafts u tal-vents);

    (f) mini għall-aċċess u għad-disponiment;

    (g) żona tal-ittestjar u tal-esperimenti, laboratorji analitiċi, jekk applikabbli;

    (h) Deskrizzjoni taż-żona ristretta u żoni kkontrollati oħrajn stabbiliti madwar ir-repożitorju.

12. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

Data ġenerali dwar l-installazzjoni

13. Deskrizzjoni tad-data ġeoloġika:

(a) informazzjoni dwar il-ġeoloġija ospitanti tar-repożitorju ġeoloġiku (evidenza u konklużjonijiet dwar l-integrità tal-formazzjoni ġeoloġika li tospita d-disponiment);

(b) sistemi ta' monitoraġġ għall-attivitajiet ta' skavar (inkluż tipi, postijiet eżatti u l-fond tas-sensuri; sistemi ta' monitoraġġ oħrajn, inkluż il-monitoraġġ tas-sikurezza; tagħmir ieħor inkluż tagħmir ta' ttestjar u sperimentali);

(c) informazzjoni dwar id-disinn taż-żoni tas-superfiċje (inkluż il-wasliet, il-ħżin u t-tħejjija tal-kaxxetti tad-disponiment);

(d) informazzjoni dwar id-disinn taż-żona taħt l-art tar-repożitorju ġeoloġiku, (inkluż it-tqassim, il-bibien ta' iżolament, il-miżuri għat-tisħiħ jew l-istabbilizzazzjoni tal-ħitan u tas-soqfa tal-iskavar; daqs u karatteristiċi tax-xafts u tal-vents, eċċ.);

(e) informazzjoni dwar ir-rotot tal-aċċess għall-persunal u għall-materjali; provvista ta' utilitajiet; żoni għall-wasliet u l-ħżin ta' kaxxetti tad-disponiment;

14. Deskrizzjoni tal-proċess, inkluż it-tħaddim ta' fuq u ta' taħt l-art, l-iskavar tar-rampa, tal-mina u tax-xaft, it-tneħħija tal-materjal skavat, it-tħejjija tal-kaxxetti, it-trasport u l-ħżin u l-mili mill-ġdid u l-għeluq tal-mina bi skeda nominali ta' proċessi differenti.

15. Kapaċità tad-disinn.

16. Pjan annwali ta' disponiment mistenni.

17. Tagħmir ewlieni użat fl-installazzjoni inkluż tagħbijiet ta' piż massimu tal-vettura tat-trasport tal-paranki u tal-kaxxetti.

ARRANĠAMENTI ĠENERALI FL-INSTALLAZZJONI, INKLUŻ DAWK RELATATI MAL-UŻU U L-IMMANIĠĠAR TAL-MATERJAL NUKLEARI

Deskrizzjoni u fluss tal-materjal nukleari

18. Deskrizzjoni tal-materjal nukleari:

(a) tipi ta' materjal nukleari, inkluż materjal nukleari ieħor fl-installazzjoni għajr fjuwil użat jekk applikabbli (tip, forma, kwantità, u post);

(b) tipi ta' materjali radjuattivi oħra fl-installazzjoni;

(c) tipi ta' unitajiet ta' responsabbiltà (eż. kaxxetti tad-disponiment u kontenituri oħrajn) li għandhom jiġu mmaniġġati fl-installazzjoni;

(d) dehra, mezzi ta' identifikazzjoni u dimensjonijiet ġenerali tal-unitajiet ta' responsabbiltà;

(e) għadd ta' assemblaġġi tal-fjuwil jew kwantità ta' materjal nukleari ieħor għal kull kaxxetta tad-disponiment jew kontenitur ieħor;

(f) kwantità ta' materjal radjuattiv ieħor għal kull kaxxetta tad-disponiment jew kontenitur ieħor;

(g) għadd ta' kaxxetti tad-disponiment jew kontenituri oħrajn għal kull reċipjent tat-trasport jew vettura tat-trasport;

(h) medda tal-piż tal-materjal nukleari għal kull kaxxetta tad-disponiment jew reċipjent ieħor;

(i) medda ta' livelli ta' radjazzjoni u ta' sħana fuq barra tal-kaxxetti u/jew tal-kontenituri tad-disponiment (rati tad-doża fuq is-superfiċje u f'distanza ta' metru, u temperaturi).

19. Fluss ta' materjal nukleari:

(a) folja skematika tal-fluss;

(b) punti ta' kejl tal-fluss u tal-inventarju, żoni ta' kontabbiltà, postijiet tal-inventarju;

(c) frekwenza tal-wasliet ta' unitajiet relatati mal-kontabbiltà u trasferimenti taħt l-art;

(d) rotot segwiti u tqegħid ta' kaxxetti tad-disponiment jew reċipjenti oħrajn.

20. Medda ddeżinjata ta' inventarji ta' materjal nukleari f'kull żona ta' ħżin.

Tħaddim u mmaniġġar tal-installazzjoni ta' materjal nukleari

21. Deskrizzjoni tal-kontenitur, tal-kaxxetta u tal-imballaġġ li fih jiġi ttrasportat il-materjal nukleari (inkluż id-daqs, id-disinn, id-disinn tal-basket intern, il-materjal użat, il-kapaċità, l-għeluq eċċ.). Irreferi għad-dijagrammi meta disponibbli.

22. Ilqugħ f'żoni differenti ta' ħżin u ta' trasferiment.

23. Metodi u mezzi ta' mmaniġġar u trasferiment ta' materjal nukleari u ta' kaxxetti f'żoni ta' ħżin u ta' tqegħid inkluż deskrizzjoni tal-vettura ta' trasferiment.

24. Rotot tat-trasport li jgħaddi minnhom il-materjal nukleari b'referenza għat-tqassim tal-installazzjoni.

25. Deskrizzjoni ta' kull żona ta' ħżin ta' materjal nukleari.

26. Metodu ta' pożizzjonament tal-materjal nukleari fiż-żoni ta' ħżin.

27. Metodu ta' tqegħid u ta' mili mill-ġdid ta' materjal nukleari.

28. Deskrizzjoni u numru ta' żona ta' tqegħid tal-materjal nukleari u mina tad-disponiment.

29. Deskrizzjoni tal-attivitajiet u taż-żoni ta' manutenzjoni.

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

30. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

31. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza għall-konformità tal-ispetturi.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

32. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà użata biex tiġi rreġistrata u rrapportata d-data tal-kontabbiltà, inkluż il-metodu ta' reġistrazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment tal-bilanċ tal-materjal;

(b) Bidliet ewlenin fl-inventarju

Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. wasliet (inkluż il-metodu ta' kif jiġu ttrattati l-korrezzjonijiet ta' kontabbiltà, il-verifiki użati) u l-vjeġġi ta' kaxxetti tad-disponiment, jekk ikunu seħħew u t-trasferimenti kif xieraq. Jenħtieġ li jiġu identifikati r-reġistri tat-tħaddim korrispondenti u d-data tas-sors eż. il-formoli tal-wasla u tat-trasport;

(c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, tal-metodu tat-teħid tal-inventarju tal-operatur, tal-frekwenza skedata, tad-distribuzzjoni stmata tal-materjal nukleari, tal-aċċessibbiltà u tal-metodu ta' verifika;

(d) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dożinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

33. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri eżistenti jew possibbli ta' konteniment u sorveljanza (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, ta' kameras, ta' lasers, ta' trażmissjoni ta' data mill-bogħod, eċċ.).

34. Għal kull punt ta' kejl taż-żona ta' bilanċ tal-materjal (eż. żona tal-ħżin, mina tad-depożizzjoni), ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tip, identifikazzjoni;

(b) it-tipi mistennija ta' bidliet fl-inventarju u l-possibbiltà li jintuża dan il-punt ta' kejl għat-teħid ta' inventarju fiżiku;

(c) it-tagħmir użat għall-immaniġġar u t-trasferiment;

(d) il-metodi ta' verifika u t-tagħmir użati;

(e) il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(f) l-għadd mistenni ta' lottijiet tal-inventarju u l-fluss fis-sena.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

35. Informazzjoni fakultattiva oħra li l-operatur iqis rilevanti. Dan jista' jinkludi fost l-oħrajn:

— informazzjoni addizzjonali dwar il-ġeoloġija ospitanti tar-repożitorju ġeoloġiku (inkluż l-istratifikazzjoni ġeoloġika; il-ġeokimika; il-ġeofiżika; l-identifikazzjoni tar-radjonuklidi li jinsabu fl-ambjent tar-repożitorju;

— attivitajiet ta' karatterizzazzjoni tar-repożitorju ġeoloġiku (eż. skavar tas-sottosuperfiċje u attivitajiet ta' esplorazzjoni).

ANNESS I-L

POST BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF)

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (il-karatteristiċi ewlenin).

6. Għan (użu maħsub ta' materjal nukleari).

7. Status preżenti (eż. qed tinbena, qed taħdem, magħluqa u/jew taħt dekummissjonar).

8. Tqassim taż-żona (li juri l-post tal-installazzjoni, it-toroq ta' aċċess, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

9. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

10. Kategoriji ta' materjal nukleari użat fl-installazzjoni.

11. Deskrizzjoni ta' materjal nukleari:
    (a) għal kull kategorija iddeskrivi l-lottijiet u l-oġġetti tipiċi;
    (b) forma kimika u fiżika;
    (c) medda ta' arrikkiment u kontenut ta' Pu;
    (d) ammont ta' materjal nukleari li normalment jinżamm fil-post/għal kull kategorija.

12. Mezzi ta' identifikazzjoni tal-materjal nukleari.

13. Medda tal-livelli ta' radjazzjoni fil-postijiet tal-materjal nukleari (rati ta' doża f'postijiet speċifikati) (jekk rilevanti).

14. Deskrizzjoni ta' kontenituri ewlenin użati għat-trasport, għall-ħżin u għall-immaniġġar.

15. Tagħmir għat-trasferiment ta' materjal nukleari.

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

16. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

17. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

18. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta bl-inklużjoni ta' deskrizzjoni tal-proċeduri għas-sistema ta' kontabbiltà u kontroll tal-materjal nukleari inkluż il-proċeduri għat-teħid ta' inventarju fiżiku (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom). Mil-lista ta' oġġetti tal-inventarju u l-Elenkar tal-Inventarju Fiżiku, kif ukoll għar-reġistri tat-tħaddim u dawk ta' kontabbiltà, il-post ta' kull oġġett/lott iddikjarat għandu jkun identifikabbli.

19. Dispożizzjonijiet relatati mal-miżuri eżistenti jew previsti ta' konteniment u sorveljanza (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' sigilli, kameras, eċċ.).

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

20. Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-operatur iqis rilevanti għall-applikazzjoni tas-salvagwardji.

ANNESS I-M

POST NAZZJONALI BARRA MILL-FAĊILITAJIET (LOF NAZZJONALI)

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. L-isem, l-indirizz postali, il-posta elettronika (il-kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown tal-entità (eż. l-awtorità) responsabbli għal-LOF nazzjonali.

   — Indika l-kodiċi MBA (ladarba jiġi attribwit).

2. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Lista tal-installazzjonijiet differenti li jappartjenu għal-LOF nazzjonali. Huwa meħtieġ numru ta' identifikazzjoni uniku għall-identifikazzjoni ta' kull installazzjoni.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI

4. Id-deskrizzjoni dwar kif ir-responsabbiltajiet jinqasmu bejn l-awtoritajiet responsabbli u d-detenturi żgħar individwali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 9 sa 11.

5. Deskrizzjoni tal-proċeduri għas-sistema ta' kontabbiltà u kontroll tal-materjal nukleari inkluż il-proċeduri għat-teħid ta' inventarju fiżiku (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom). Mil-lista ta' oġġetti tal-inventarju u l-PIL, id-detentur ta' kull oġġett/lott iddikjarat għandu jkun identifikabbli.

Barra minn hekk, għal kull installazzjoni li tappartjeni għal-LOF nazzjonali:

1. Isem l-installazzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni.

2. Post.

3. L-operatur (korp jew individwu legalment responsabbli).

4. Deskrizzjoni tal-użu tal-materjal nukleari.

ANNESS I-N

INSTALLAZZJONIJIET TAL-MBA KOMPRENSIVI (CAM) F'PAJJIŻI KANDIDATI

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

NB:

L-informazzjoni pprovduta fl-ambitu ta' dan l-Anness ma titqiesx bħala informazzjoni tal-kontabbiltà dwar il-materjal nukleari li għandha tiġi pprovduta bħala rapport ta' bidla fl-inventarju u lista ta' oġġetti fl-inventarju.

L-użu ta' mudell differenti huwa meħtieġ jekk l-installazzjoni ma tkunx jew ma tkunx għadha intitolata li tkun parti mill-MBA komprensivi jew jekk ikun stabbilit LOF nazzjonali fl-Istat Membru.

Għal dawn id-detenturi ta' ammonti żgħar ta' materjali nukleari (detenturi żgħar), l-inventarju totali huwa kkalkolat bħala s-somma tal-istokk ta' kull kategorija ta' materjal nukleari miżmum, kull waħda espressa bħala perċentwali tal-limiti li ġejjin:

uranju mfaqqar	350 000 g jew
torju	200 000 g jew
uranju naturali	100 000 g jew
uranju b'arrikkiment baxx	1 000 g jew
uranju b'arrikkiment għoli	5 g jew
plutonju	5 g

Pereżempju:

(a) detentur b'4 g ta' plutonju għandu perċentwali ta' inventarju ugwali għal 80 % (4/5);

(b) detentur b'1 g ta' uranju b'arrikkiment għoli biż-żieda addizzjoni ta' 20 000 g ta' uranju naturali għandu perċentwali ta' inventarju ugwali għal 40 % (1/5 + 20 000/100 000).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. Isem.

2. Sid u/jew operatur.

3. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

4. Tip u kwantità tal-materjal nukleari.

5. Deskrizzjoni ta' kontenituri użati għal ħżin u għal immaniġġar.

6. Deskrizzjoni tal-użu tal-materjal nukleari.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

L-obbligi tad-detenturi ż-żgħar ġew issimplifikati kif ġej:

A. Limiti fuq pussessi/ċaqliq

Jekk wasla individwali ta' materjal nukleari taqbeż il-kwantitajiet indikati hawn fuq jew jekk "il-perċentwali tal-inventarju" tal-installazzjoni jaqbeż il-100 % fi kwalunkwe ħin, il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata immedjatament.

B. Reġistri ta' kontabbiltà/tħaddim li għandhom jinżammu

Reġistri ta' kontabbiltà/tħaddim għandhom jinżammu b'mod li jippermettu verifika immedjata tar-rapporti magħmula lill-Kummissjoni u ta' kull korrezzjoni tagħhom.

C. Rapporti ta' bidla fl-inventarju (ICR)

Rapport annwali ta' bidla fl-inventarju għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, sakemm ma tkun seħħet l-ebda bidla fl-inventarju matul il-perjodu. Dan ir-rapport għandu jiddeskrivi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti.

Fil-każ ta' kwalunkwe bidla fl-inventarju li sseħħ matul is-sena, għandu jintbagħat rapport ta' bidla fl-inventarju lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u, mhux aktar tard minn 15-il jum mit-tmiem tax-xahar li fih seħħet il-bidla fl-inventarju.

Ir-rapporti ta' bidla fl-inventarju għandhom jiġu pprovduti f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness III, f'forma elettronika bl-użu ta' mudell tal-Excel iddedikat tal-ICR li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni.

D. Lista tal-oġġetti tal-inventarju (LII)

Lista annwali ta' oġġetti tal-inventarju li turi l-oġġetti kollha separatament għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, f'konformità mar-rekwiżiti għall-elenkar tal-inventarju fiżiku stipulati fl-Anness V. L-LII għandu jintbagħat f'forma elettronika. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipprovdi mudell tal-Excel iddedikat LII.

ANNESS I-P

INSTALLAZZJONIJIET OĦRAJN LI JUŻAW MATERJAL NUKLEARI LI JAQBEŻ KILOGRAMM WIEĦED EFFETTIV

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi(jiet) MBA (ladarba jiġi/jiġu attribwit(i)).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

4. L-operatur (il-korp jew l-individwu legalment responsabbli) bid-dettalji ta' kuntatt.

5. Deskrizzjoni (il-karatteristiċi ewlenin).

6. Għan (użu maħsub ta' materjal nukleari).

7. Status preżenti (eż. fażi tad-disinn, qed tinbena, qed taħdem, magħluqa jew taħt dekummissjonar).

8. Informazzjoni ta' qabel it-tħaddim

   Id-dati tal-iskeda tad-disinn u tal-kostruzzjoni, id-dati stmati għall-kummissjonar u għall-bidu tat-tħaddim. Id-dati tal-liċenzji mitlubin u/jew approvati (eż. id-dati tad-deċiżjoni fil-prinċipju, tat-talba għal-liċenzja tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim mistennija). Informazzjoni dwar id-data mistennija tal-wasliet tal-materjal nukleari. Dijagrammi tad-disinn tal-installazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati malli dawn ikunu disponibbli.

9. Tqassim taż-żona (li juri l-post tal-installazzjoni, it-toroq ta' aċċess, ix-xmajjar, il-ferroviji, eċċ.).

10. Tqassim tal-installazzjoni (li juri ż-żoni tal-immaniġġar u tal-ħżin tal-materjal nukleari, il-laboratorji, il-kaxex tal-ingwanti, il-konfini, iċ-ċnut eċċ.).

11. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

12. Kategoriji ta' materjal nukleari użat fl-installazzjoni.

13. Deskrizzjoni ta' materjal nukleari:

   (a) għal kull kategorija iddeskrivi l-lottijiet u l-oġġetti tipiċi;

   (b) forma kimika u fiżika;

   (c) medda ta' arrikkiment u kontenut ta' Pu;

   (d) ammont ta' materjal nukleari li normalment jinżamm fil-post/għal kull kategorija.

14. Mezzi ta' identifikazzjoni tal-materjal nukleari.

15. Medda tal-livelli ta' radjazzjoni fil-postijiet tal-materjal nukleari (rati ta' doża f'postijiet speċifikati).

16. Deskrizzjoni ta' kontenituri ewlenin użati għat-trasport, għall-ħżin u għall-immaniġġar.

17. Tagħmir għat-trasferiment ta' materjal nukleari.

18. Identifikazzjoni tal-punti tal-kejl, taż-żoni ta' kontabbiltà, tal-postijiet tal-inventarju, tal-folja tal-fluss skematika jekk disponibbli.

Regoli dwar il-protezzjoni u s-sikurezza

19. Regoli speċifiċi għall-aċċess fiżiku għall-materjal nukleari għal informazzjoni għall-ispetturi.

20. Regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni radjoloġika u s-saħħa u s-sikurezza.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI (NMAC)

21. Is-sistema NMAC għandha tiġi deskritta taħt l-intestaturi li ġejjin:

(a) Ġenerali

Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà użata biex tiġi rreġistrata u rrapportata d-data tal-kontabbiltà, inkluż il-metodu ta' reġistrazzjoni tad-data tal-kontabbiltà u l-istabbiliment tal-bilanċ tal-materjal;

(b) Bidliet ewlenin fl-inventarju Deskrizzjoni tal-bidliet tipiċi fl-inventarju, eż. il-wasliet, il-vjeġġi, il-bidliet relatati mal-iskart, l-arrotondament u l-aġġustamenti (għandhom jinżammu reġistri u data tas-sors), inkluż deskrizzjoni ta' kif dawn il-bidliet jiġu ddeterminati. Għandhom jiġu identifikati r-reġistri tat-tħaddim korrispondenti u d-data tas-sors (eż. formoli tal-wasla u tat-trasport, ir-reġistrazzjoni inizjali tal-kejl u tal-folji ta' kontroll tal-kejl);

(c) Inventarju fiżiku

Deskrizzjoni tal-proċeduri, il-frekwenza skedata, il-metodi tat-teħid tal-inventarju tal-operatur (kemm għall-għadd ta' oġġetti kif ukoll għall-piżijiet tal-materjal nukleari tagħhom), inkluż metodi ta' assaġġ rilevanti u l-akkuratezza mistennija, l-aċċess għall-materjal nukleari, metodi possibbli għall-verifika fiżika tal-materjali nukleari;

(d) Reġistri tat-tħaddim u ta' kontabbiltà (inkluż formoli ta' trasferiment intern, metodu ta' aġġustament jew korrezzjoni, miżuri ta' kontroll u responsabbiltà għar-reġistri).

Deskrizzjoni ta' kif jinżammu dawn ir-reġistri, inkluż meta jkun meħtieġ aġġustament jew korrezzjoni, il-post fejn jistgħu jiġu kkonsultati r-reġistri, il-ħin taż-żamma u l-lingwa;

(e) Dispożizzjonijiet partikolari ta' kontabbiltà

Deskrizzjoni ta' dispożizzjonijiet partikolari, eż. għad-dežinjazzjoni ta' IDs tal-lott u metodi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni fi żmien xieraq ta' diskrepanzi fil-kontabbiltà.

22. Dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' konteniment u ta' sorveljanza eżistenti jew previsti (deskrizzjoni ġenerali b'referenza għall-pjan tal-art u għat-tqassim tal-installazzjoni li jippermettu l-installazzjoni ta' siġilli, kameras, lasers, trażmissjoni ta' data mill-bogħod, eċċ.).

23. Għal kull punt ta' kejl taż-żona ta' bilanċ tal-materjal ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, meta applikabbli:

(a) deskrizzjoni tal-post, tat-tip u tal-identifikazzjoni;

(b) il-forma fiżika u kimika tal-materjal nukleari (bid-deskrizzjoni tal-materjal tat-tlibbis);

(c) il-metodi u t-tagħmir tal-kejl użati;

(d) il-metodi ta' konverżjoni tad-data tas-sors lejn data tal-lottijiet;

(e) il-mezz ta' identifikazzjoni tal-lottijiet u deskrizzjoni tad-data.

INFORMAZZJONI TA' WARA T-THADDIM

24. Dati tal-iskeda tad-dekummissjonar (dati ta' tmiem it-tħaddim u tad-dekummissjonar) (fejn applikabbli).

25. Pjan ta' dekummissjonar, li għandu jinkludi dan li ġej (fejn applikabbli):
    (a) l-avvenimenti ewlenin tal-pjan ta' dekummissjonar;
    (b) it-tneħħija u l-irkupru ta' materjal nukleari. Ipprovdi pjan li jkun fih stimi ta' kif, fejn u meta l-materjal nukleari ser jiġi rkuprat u/jew imneħħi (eż. materjal sfuż ikkonsolidat f'oġġetti, tneħħija ta' oġġetti, irkupru/tneħħija ta' materjal minn attivitajiet ta' dekontaminazzjoni, u rkupru/tneħħija ta' materjal nukleari fl-iskart) u kif ser jiġi kontabilizzat;
    (c) it-tneħħija ta' tagħmir essenzjali għall-funzjonament tal-installazzjoni jew li dan isir inoperabbli, għall-immaniġġar jew għall-ħżin ta' materjal nukleari.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

26. Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-operatur iqis rilevanti għall-applikazzjoni tas-salvagwardji.

ANNESS I-Q

INSTALLAZZJONIJIET TAL-MINERALI

Dettalji amministrattivi:

(a) id-data (data tat-tlestija tal-BTC);

(b) il-verżjoni (numru uniku għar-referenza);

(c) l-uffiċjal responsabbli (isem u dettalji ta' kuntatt).

IDENTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-MATERJAL NUKLEARI

1. Isem l-installazzjoni (indika l-abbrevjazzjoni tas-soltu, jekk applikabbli).

   — Indika l-kodiċi MBA (ladarba jiġi attribwit).

2. Il-post, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

3. Is-sid (korp jew individwu legalment responsabbli).

4. L-operatur (korp jew individwu legalment responsabbli).

5. Tip ta' materjal nukleari (minerali tal-uranju, minerali tat-torju jew it-tnejn).

6. Deskrizzjoni tal-kontenituri użati għal ħżin u mmaniġġar (eż. biex jiġi ddeterminat jekk l-issiġillar huwiex possibbli).

7. Deskrizzjoni tal-estrazzjoni tal-minerali, l-ipproċessar u l-użu tal-materjali sors, inkluż it-tqassim tal-installazzjoni.

8. Il-produzzjoni annwali potenzjali tal-installazzjoni.

9. L-istatus kurrenti (eż. qed tinbena, qed taħdem jew magħluqa).

10. Dawk responsabbli għas-salvagwardji, anke għall-kontabbiltà tal-materjal nukleari, bl-indirizz elettroniku (kaxxa postali funzjonali meta disponibbli) u n-numru tat-telefown.

KONTABBILTÀ U KONTROLL TAL-MATERJAL NUKLEARI

11. Deskrizzjoni tal-proċeduri għall-kontabbiltà u l-kontroll ta' materjal nukleari inkluż proċeduri għat-teħid tal-inventarju fiżiku.

INFORMAZZJONI RILEVANTI OĦRA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' SALVAGWARDJI

12. Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-operatur iqis rilevanti għall-applikazzjoni tas-salvagwardji.

ANNESS II

DESKRIZZJONI ĠENERALI TAS-SIT ([1])

Identifikazzjoni tas-sit

Dikjarazzjoni Nru ([2])

Data tad-dikjarazzjoni

Perjodu tar-rapport ([3])

Isem ir-rappreżentant tas-sit

Kummenti ([4])

Entrata ([5])	Ref. ([6])	Kodiċi MBA ([7])	Bini ([8])	Deskrizzjoni ġenerali, li tinkludi l-użu tal-kontenuti ([9])	Kummenti ([10])

Noti ta' spjegazzjoni

(1) Id-dikjarazzjoni inizjali għandha tinkludi l-installazzjonijiet nukleari kollha, u kull bini ieħor fis-siti tagħhom. Għandha ssir entrata separata għal kull binja fis-sit. Id-dikjarazzjonijiet ta' aġġornamenti annwali sussegwenti għandhom jinkludu biss dawk is-siti u l-binjiet li sarulhom xi bidliet mid-dikjarazzjoni preċedenti. Mappa tas-sit għandha tinħemeż mad-dikjarazzjonijiet inizjali u aġġornata meta jkun meħtieġ.

(2) In-"Nru tad-Dikjarazzjoni" huwa numru sekwenzjali għal kull sit, li jibda minn "1" għad-dikjarazzjoni tas-sit inizjali.

(3) Il-"Perjodu ta' rapportar" għad-dikjarazzjoni inizjali huwa data "minn", filwaqt li għall-aġġornamenti annwali kollha sussegwenti l-entrata xierqa hija d-data tal-bidu u tat-tmiem tal-perjodu ta' żmien. Huwa mifhum li l-informazzjoni pprovduta hija valida mid-data tat-tmiem.

(4) Kummenti applikabbli għas-sit kollu.

(5) Kull "Entrata" f'kull dikjarazzjoni għandha tkun innumerata sekwenzjalment, u tibda bil-"1".

(6) Il-kolonna "Ref." għandha tintuża biex tirreferi għal entrata oħra. Il-kontenut tal-kolonna "Ref." jikkonsisti fid-dikjarazzjoni rilevanti u n-numri tal-entrata (eż. 10-20 jirreferu għal entrata 20 tad-dikjarazzjoni 10). Ir-referenza tindika li l-entrata kurrenti żżid ma' jew taġġorna informazzjoni rrapportata qabel. Bosta referenzi jistgħu jiddaħħlu, jekk meħtieġ.

(7) Il-kolonna "Kodiċi MBA" għandha tagħmel referenza għall-kodiċi MBA li għalih jappartjeni l-bini f'din l-entrata.

(8) Il-kolonna "Bini" għandha tinkludi numru ta' binja jew dežinjazzjoni oħra li tipprovdi identifikazzjoni mhux ambigwa tal-bini fuq il-mappa skematika tas-sit.

(9) Id-"Deskrizzjoni ġenerali" għal kull binja għandha tinkludi:

(a) id-daqs approssimattiv tal-binja f'dawk li huwa l-għadd ta' sulari u l-metri kwadri totali tal-ispazju tal-art;

(b) l-użu tal-binja, inkluż kull użu preċedenti tal-binja li jista' jkun rilevanti għall-interpretazzjoni ta' informazzjoni oħra, bħal riżultati ta' kampjunar ambjentali, li hija disponibbli għall-Kummissjoni;

u

(c) l-kontenut ewlieni tal-binja, fejn dan ma jkunx ċar immedjatament mill-użu ddikjarat.

Madankollu, deskrizzjonijiet ta' attivitajiet ipprovduti qabel fil-kwestjonarju tal-Karatteristiċi Tekniċi Bażiċi m'hemmx għalfejn jiġu rripetuti.

(10) Kummenti applikabbli għal entrati individwali.

RIMARKI ĠENERALI DWAR IR-RAPPORTI

1. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

2. Ir-rapporti għandhom jitħejjew b'mod elettroniku f'format miftiehem. Dawn għandhom jintbagħtu, jimtlew u jiġu ffirmati kif xieraq (diġitalment jekk possibbli), lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS III

RAPPORT TA' BIDLA FL-INVENTARJU (ICR)

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tirrapporta	1
Report Type	Karattru (1)	I għal Rapport ta' Bidla fl-Inventarju	2
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	3
Report number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	4
Line count	Numru	Għadd totali ta' linji rrapportati	5
Start report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-ewwel jum fil-perjodu ta' rapportar	6
End report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-aħħar jum fil-perjodu ta' rapportar	7
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	8

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Transaction ID	Numru	Numru sekwenzjali	9
IC code	Karattru (2)	Tip ta' bidla fl-inventarju	10
Batch	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal lott ta' materjal nukleari	11
KMP	Karattru (1)	Punt essenzjali ta' kejl	12
Measurement	Karattru (1)	Kodiċi ta' kejl	13
Material form	Karattru (2)	Kodiċi tal-forma tal-materjal	14
Material container	Karattru (1)	Kodiċi tal-kontenitur tal-materjal	15
Material state	Karattru (1)	Kodiċi tal-istat tal-materjal	16
Shipper MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tittrasporta (għal kodiċijiet IC, RD u RF biss)	17
Receiver MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tirċievi (għal kodiċijiet IC, SD u SF biss)	18
Previous batch	Karattru (20)	Isem tal-lott preċedenti (għal kodiċi IC, RB biss)	19
Original date	Data (JJXXSSSS)	Data tal-kontabbiltà tal-linja li trid tiġi kkoreġuta (dejjem tal-ewwel linja fil-katina tal-korrezzjoni)	20
PIT date	Data (JJXXSSSS)	Data tat-teħid tal-inventarju fiżiku (PIT) li għalih jirreferi l-aġġustament MUF (uża mal-kodiċi IC, MF biss)	21
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	22
Accounting date	Data (JJXXSSSS)	Data li fiha seħħet jew sar magħrufa l-bidla fl-inventarju	23

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Number of items	Numru	Għadd ta' oġġetti	24
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-materjal nukleari	25
Element weight	Numru (24,3)	Piż tal-element	26
Isotope	Karattru (1)	G għal U-235, K għal U-233, J għal taħlita ta' U-235 u U-233	27
Fissile weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu fissili	28
Isotopic composition	Numru (24,3) (għal kull isotopu)	U, piżijiet isotopiċi Pu (biss jekk miftiehem f'dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja)	29
Obligation	Karattru (5)	Obbligu ta' salvagwardja	30
Previous element category	Karattru (1)	Kategorija ta' element preċedenti ta' materjal nukleari (uża għal kodiċijiet IC, CB, CC u CE biss)	31
Previous obligation	Karattru (5)	Obbligu preċedenti (uża għal kodiċijiet IC, BR, CR, PR u SR biss)	32
Shipper CAM code	Karattru (8)	Kodiċi biex ikun identifikat id-detentur żgħir li qed jibgħat	33
Receiver CAM code	Karattru (8)	Kodiċi biex ikun identifikat id-detentur żgħir li jirċievi	34
Document	Karattru (70)	Referenza ddefinita mill-operatur għad-dokumenti ta' appoġġ	35
Container ID	Karattru (20)	Identifikatur iddefinit mill-operatur għall-kontenitur	36
Correction	Karattru (1)	D għal tħassir, A għal addizzjonijiet li jagħmlu parti minn par ta' tħassir/addizzjoni, L għal linji tard (addizzjonijiet waħedhom)	37
Previous report	Numru	Numru tar-rapport tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	38
Previous line	Numru	Numru tal-linja tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	39
Comment	Karattru (256)	Kumment tal-operatur	40
Burn-up	Numru	Ħruq f'MWjiem/tunnellata (użu għal kodiċijiet IC, NL u NP f'reatturi nukleari biss)	41
CRC	Numru	Kodiċi tal-hash tal-linja għal għanijiet ta' kontroll tal-kwalità	42
Previous CRC	Numru	Kodiċi tal-hash tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	43
Advance notification reference code	Karattru (12)	Kodiċi ta' referenza għal notifika antiċipata mibgħuta lill-Euratom (uża għal kodiċijiet IC, RD, RF, SD u SF biss)	44
Campaign	Karattru (12)	Identifikatur tal-kampanja għal installazzjonijiet ta' riproċessar	45
Reactor	Karattru (12)	Kodiċi tar-reattur għal kampanji ta' riproċessar	46
Safeguards info	Karattru (256)	Kodiċi għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali	47

Noti ta' spjegazzjoni

1. MBA/MBA: Kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: I għal rapporti ta' bidla fl-inventarju.

3. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.

4. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali użat għar-rapporti ta' bidla fl-inventarju, għar-rapporti dwar il-bilanċ materjali u għall-elenkar tal-inventarju fiżiku, mingħajr spazji.

5. Line count/Għadd ta' linji: Għadd totali ta' linji rrapportati.

6. Start report/Rapport tal-bidu: Data tal-ewwel jum tal-perjodu ta' rapportar.

7. End report/Rapport tat-tmiem: Data tal-aħħar jum tal-perjodu ta' rapportar.

8. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

9. Transaction ID/ID tat-tranżazzjoni: Numru sekwenzjali. Dan huwa użat biex jiġu identifikati l-linji ta' bidla fl-inventarju kollha relatati mal-istess tranżazzjoni fiżika.

10. IC code/Kodiċi IC:

Għandu jintuża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin:

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Wasla	RD	Wasla ta' materjal nukleari minn żona ta' bilanċ tal-materjal fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
Importazzjoni	RF	Importazzjoni ta' materjal nukleari minn pajjiż terz.
Wasla minn attività mhux issalvagwardata	RN	Wasla ta' materjal nukleari minn attività mhux issalvagwardata (l-Artikolu 39).
Vjeġġi	SD	Trasferiment ta' materjal nukleari lejn żona ta' bilanċ tal-materjal fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
Esportazzjoni	SF	Esportazzjoni ta' materjal nukleari lejn pajjiż terz
Vjeġġi lejn attività mhux issalvagwardata	SN	Trasferiment ta' materjal nukleari lejn attività mhux issalvagwardata (l-Artikolu 39).
Trasferiment lejn skart ikkundizzjonat	TC	Materjal nukleari li jinsab fl-iskart li huwa mkejjel jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li kien ikkundizzjonat b'mod (pereżempju fi ħġieġ, siment, konkrit jew bitum) li mhux tajjeb għal aktar użu nukleari. L-installazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw dan il-kodiċi abbażi ta' talba rraġunata u ġġustifikata u modalitajiet ta' rapportar miftiehma. Għandhom jinżammu reġistri separati għal dan it-tip ta' materjal.
Trasferiment lejn żona ta' disponiment ġeoloġiku	TG	Trasferiment ta' materjal nukleari li la jitqies bħala skart miżmum u lanqas ikkundizzjonat f'żona ta' disponiment ġeoloġiku. L-installazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw dan il-kodiċi abbażi ta' talba rraġunata u ġġustifikata u modalitajiet ta' rapportar miftiehma.

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Rimi fl-ambjent	TE	Materjal nukleari li huwa mkejjel jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li ntrema rrevokabbilment fl-ambjent bħala riżultat ta' rimi ppjanat (l-Artikolu 36(1)(a)).
Trasferiment ta' skart miżmum	TW	Materjal nukleari maħluq minn ipproċessar jew minn aċċident operazzjonali li jinsab fl-iskart li huwa mkejjel jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li kien ittrasferit f'post speċifiku fi ħdan iż-żona ta' bilanċ tal-materjal li fiha jista' jerġa' jinkiseb u li jitqies li ma jkunx jista' jiġi rkuprat f'dak il-mument. Għandhom jinżammu reġistri separati għal dan it-tip ta' materjal.
Trasferiment mill-ġdid minn skart ikkundizzjonat	FC	Trasferiment mill-ġdid ta' skart ikkundizzjonat għall-inventarju taż-żona ta' bilanċ tal-materjal. Dan japplika kull darba li skart ikkundizzjonat jgħaddi mill-ipproċessar.
It-trasferiment mill-ġdid minn żona ta' disponiment ġeoloġiku	FG	L-irkupru ta' materjal nukleari minn żona ta' disponiment ġeoloġiku wara li jkun ġie ddikjarat bħala trasferiment għal dik iż-żona ta' disponiment ġeoloġiku. L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi li jintbagħat rapport speċjali lill-Kummissjoni.
Trasferiment mill-ġdid minn skart miżmum	FW	Trasferiment mill-ġdid ta' skart miżmum fl-inventarju taż-żona ta' bilanċ tal-materjal. Dan japplika kull meta l-iskart miżmum jittieħed mill-post speċifiku fi ħdan iż-żona ta' bilanċ ta' materjal li ġie ttrasferit fih, jew għal kwalunkwe pproċessar fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal jew għal kwalunkwe vjeġġ miż-żona ta' bilanċ tal-materjal.
Telf aċċidentali	LA	Telf li ma jinstabx u bi żball ta' kwantità ta' materjal nukleari bħala riżultat ta' aċċident operazzjonali. L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi li jintbagħat rapport speċjali lill-Kummissjoni.
Gwadann aċċidentali	GA	Materjal nukleari misjub bla mistenni, ħlief meta misjub waqt teħid ta' inventarju fiżiku. L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi li jintbagħat rapport speċjali lill-Kummissjoni.
Gwadann mid-dekummissjonar	GD	Materjal nukleari li jiġi matul attivitajiet ta' dekummissjonar jew operazzjonijiet eċċezzjonali. L-installazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw dan il-kodiċi abbażi ta' talba rraġunata u ġġustifikata.
Bidla ta' kategorija	CE	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn kategorija waħda (l-Artikolu 21) għal oħra bħala riżultat ta' proċess ta' arrikkiment (linja waħda biss trid tkun irrapportata għal kull bidla ta' kategorija).
Bidla ta' kategorija	CB	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn kategorija waħda (l-Artikolu 21) għal oħra bħala riżultat ta' operazzjoni ta' taħlit (linja waħda biss trid tkun irrapportata għal kull bidla ta' kategorija).

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Bidla ta' kategorija	CC	It-trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn kategorija waħda (l-Artikolu 21) għal oħra għat-tipi kollha ta' bidla fil-kategorija, bħal matul l-irradjazzjoni jew għal raġunijiet eċċezzjonali u ġġustifikati, li la huma koperti mill-kodiċijiet CE u CB (linja waħda biss għandha tiġi rrapportata għal kull bidla fil-kategorija) u lanqas korrezzjoni.
Rigruppar tal-lottijiet	RB	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn lott għal ieħor (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull rigruppar tal-lottijiet).
Bidla f'obbligu partikolari	BR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), biex ikun ibbilanċjat l-istokk totali ta' uranju wara operazzjoni ta' taħlit (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu).
Bidla f'obbligu partikolari	PR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), użat meta materjal nukleari jidħol jew joħroġ minn accountancy pool (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu).
Bidla f'obbligu partikolari	SR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), wara bidla jew sostituzzjoni ta' obbligu (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu). L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel (l-Artikolu 20(1)).
Bidla f'obbligu partikolari	CR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), għall-każijiet kollha mhux koperti bil-kodiċijiet BR, PR jew SR (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu).
Produzzjoni nukleari	NP	Żieda fil-kwantità ta' materjal nukleari minħabba trasformazzjoni nukleari.
Telf nukleari	NL	Tnaqqis fil-kwantità ta' materjal nukleari minħabba trasformazzjoni nukleari.
Differenza bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur	DI	Differenza bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur.
Kejl ġdid	NM	Kwantità ta' materjal nukleari, f'lott wieħed partikolari, kontabilizzata fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal nukleari, li hija d-differenza bejn kwantità ġdida mkejla u l-kwantità kontabilizzata qabel, u li la hija differenza bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u lanqas korrezzjoni.
Materjal mhux kontabilizzat	MF	Aġġustament fil-kotba għal materjal mhux kontabilizzat. Għandu jkun ugwali għad-differenza bejn l-inventarju fiżiku finali (PE) u l-inventarju finali fil-kotba (BA) irrapportata fir-rapport ta' bilanċ tal-materjal (Anness IV). Id-data oriġinali għandha tkun dik tat-teħid tal-inventarju fiżiku, filwaqt li d-data tal-kontabbiltà għandha tkun wara d-data tat-teħid tal-inventarju fiżiku.

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Tqarrib	RA	Aġġustament ta' tqarrib biex is-somma tal-kwantitajiet irrapportati f'perjodu partikolari tkun taqbel mal-inventarju finali fil-kotba taż-żona ta' bilanċ tal-materjal.
Aġġustament tal-isotopu	R5	Aġġustament biex is-somma ta' kwantitajiet ta' isotopu rrapportat tkun taqbel mal-inventarju finali fil-kotba għall-U-235 taż-żona ta' bilanċ tal-materjal.
Produzzjoni tal-materjal	MP	Kwantità ta' materjal nukleari, miksuba minn sustanzi oriġinarjament mhux soġġetti għal salvagwardji, li saret soġġetta għal salvagwardji għaliex il-konċentrazzjoni tagħha issa taqbeż il-livelli minimi.
Tmiem tal-użu	TU	Il-kwantità ta' materjal nukleari meqjus bħala irrekuperabbli għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi li huwa inkorporat fi prodotti finali użati għal skopijiet mhux nukleari (l-Artikolu 36(1)(b)). L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel.
Terminazzjoni ta' salvagwardji	TZ	Il-kwantità ta' materjal nukleari meqjus bħala irrekuperabbli għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi li jinsab fl-iskart f'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna mkejla jew stmati abbażi tal-kejl, anke jekk dawn il-materjali ma jiġux disponuti (l-Artikolu 36(1)(c)). L-installazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw dan il-kodiċi abbażi ta' talba rraġunata u ġġustifikata u modalitajiet ta' rapportar miftiehma.
Inventarju finali fil-kotba	BA	Inventarju fil-kotba fi tmiem il-perjodu ta' rapportar u fid-data tal-PIT, separat għal kull kategorija ta' materjal nukleari u għal kull obbligu partikolari ta' salvagwardja.

11. Batch/Lott: Id-dežinjazzjoni tal-lott tista' tintgħażel mill-operatur, iżda:

(a) fil-każ tal-bidla fl-inventarju "Wasla (RD)", id-dežinjazzjoni tal-lott użata mill-konsenjatur għandha tiġi rrapportata;

(b) dežinjazzjoni ta' lott ma għandhiex terġa' tintuża għal lott ieħor fl-istess żona ta' bilanċ tal-materjal.

12. KMP/KMP: Punt essenzjali ta' kejl. Il-kodiċijiet huma nnotifikati lill-installazzjoni kkonċernata u elenkati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja. Jekk ma jiġu nnotifikati l-ebda kodiċijiet speċifikati, għandha tintuża "&".

13. Measurement/Kejl: Il-bażi li fuqha l-kwantità ta' materjal nukleari rrapportata kienet ibbażata għandha tkun indikata. Għandu jintuża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin:

Imkejla	Stmat	Spjegazzjoni
M	E	Fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta.
N	F	F'żona ta' bilanċ tal-materjal oħra.
T	G	Fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta meta l-pożizzjoni diġà ngħataw f'rapport ta' bidla fl-inventarju jew elenkar tal-inventarju fiżiku preċedenti.

Imkejla	Stmat	Spjegazzjoni
L	H	F'żona ta' bilanċ tal-materjal oħra meta l-piżijiet diġà ngħataw f'rapport ta' bidla fl-inventarju jew elenkar tal-inventarju fiżiku preċedenti għaż-żona ta' bilanċ tal-materjal preżenti.

14. Material form/Forma tal-materjal:

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Tip ewlieni ta' forma tal-materjal	Sottotip	Kodiċi
Minerali		JEW
Konċentrati		YC
Eżafluworur tal-uranju (UF6)		U6
Tetrafluworur tal-uranju (UF4)		U4
Diossidu tal-uranju (UO2)		U2
Triossidu tal-uranju (UO3)		U3
Ossidu tal-uranju (U3O8)		U8
Ossidu tat-torju (ThO2)		T2
Soluzzjonijiet	Nitrat	LN
	Fluworur	LF
	Oħrajn	LO
Trab	Omoġenu	PH
	Eteroġenu	PN
Ċeramika	Pellets	CP
	Sferi	CS
	Oħrajn	CO
Metall	Pur	MP
	Ligi	MA
Fjuwil	Vireg, labar	ER
	Pjanċi	EP
	Gzuz	EB
	Immuntar	EA
	Oħrajn	EO
Sorsi ssiġillati		QS
Kwantitajiet żgħar/kampjuni		SS
Fdal	Omoġenu	SH
	Etereġenu (tindif, nagaturi, skart, multi, oħrajn)	SN

Tip ewlieni ta' forma tal-materjal	Sottotip	Kodiċi
Skart solidu	Qxur	AH
	Imħallat (plastik, ingwanti, karti, eċċ.)	AM
	Tagħmir ikkontaminat	AC
	Oħrajn	AO
Skart likwidu	Attività baxxa	WL
	Attività medja	WM
	Attività għolja	WH
Skart ikkundizzjonat	Ħġieġ	NG
	Bitum	NB
	Konkrit	NC
	Oħrajn	NO

15. Material container/Kontenitur tal-materjal:

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Tip ta' kontenitur	Kodiċi
Ċilindru	C
Pakkett	P
Tank	D
Unità tal-fjuwil diskreta	S
Gaġġa tal-għasafar	B
Flixkun	F
Tank	T
Oħrajn	O

16. Material state/Stat tal-materjal:

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Stat	Kodiċi
Materjal nukleari frisk	F
Materjal nukleari rradjat	I
Skart	W
Materjal li ma jistax jerġa' jiġi rkuprat	N

17. Shipper MBA/Konsenjatur MBA: Uża biss għall-kodiċijiet ta' bidla fl-inventarju RD u RF. Għall-kodiċi ta' bidla fl-inventarju RD, jiġi rrapportat il-kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal tat-trasport. Jekk dan il-kodiċi mhux magħruf, il-kodiċi "F" jew "W" (għall-MBA li tittrasporta fi Franza jew Stat mingħajr armi nukleari) huwa rrapportat u l-isem u l-indirizz sħaħ tal-konsenjatur għandhom jiddaħħlu fis-sezzjoni tal-kummenti (40). Għall-kodiċi RF ta' bidla fl-inventarju, il-kodiċi tal-pajjiż tal-istat esportatur, jew il-kodiċi MBA tal-installazzjoni li tesporta jekk magħruf, huwa rrapportat, u l-isem u l-indirizz sħaħ tal-konsenjatur għandhom jiddaħħlu fis-sezzjoni tal-kummenti (40).

18. Receiver MBA/MBA li tirċievi: Uża biss għal kodiċijiet SD u SF ta' bidla fl-inventarju. Għall-kodiċi SD ta' bidla fl-inventarju, il-kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirċievi huwa rrapportat. Jekk dan il-kodiċi ma huwiex magħruf, il-kodiċi "F" jew "W" (għall-MBA li tirċievi fi Franza jew Stat mingħajr armi nukleari) huwa rrapportat u l-isem u l-indirizz sħaħ tar-riċevitur għandhom jiddaħħlu fis-sezzjoni tal-kummenti (40). Għall-kodiċi SF ta' bidla fl-inventarju, il-kodiċi tal-pajjiż tal-istat importatur jew il-kodiċi MBA tal-installazzjoni li timporta jekk magħruf, huwa rrapportat, u l-isem u l-indirizz sħaħ tar-riċevitur għandhom jiddaħħlu fis-sezzjoni tal-kummenti (40).

19. Previous batch/Lott preċedenti: Dežinjazzjoni tal-lott qabel ir-rigruppar tal-lottijiet. Id-dežinjazzjoni tal-lott wara r-rigruppar tal-lottijiet għandha tiġi rrapportata fis-sezzjoni 11.

20. Original date/Data oriġinali: F'każ ta' korrezzjoni, il-jum, ix-xahar u s-sena meta l-linja li għandha tiġi kkoreġuta kienet oriġinarjament iddaħħlet għandhom jiġu rrapportati. Għal ktajjen ta' korrezzjoni, id-data oriġinali hija dejjem id-data tal-kontabbiltà tal-ewwel linja fil-katina. Għal linji tard (żidiet waħedhom), id-data oriġinali hija d-data li fiha seħħet il-bidla fl-inventarju.

21. PIT date/Data tal-PIT: Id-data tat-teħid tal-inventarju fiżiku kif irrapportata fir-rapport ta' bilanċ tal-materjal li fuqu huwa bbażat l-aġġustament fil-kotba għall-MUF (materjal mhux kontabilizzat). Uża biss mal-kodiċi MF tal-bidla fl-inventarju.

22. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1 f'kull rapport, mingħajr spazji.

23. Accounting date/Data ta' kontabbiltà: Data li fiha seħħet jew saret magħrufa l-bidla fl-inventarju.

24. Number of items/Għadd ta' oġġetti: L-għadd ta' oġġetti li jifformaw il-lott għandu jiġi rrapportat. Jekk bidla fl-inventarju tikkonsisti f'diversi linji, is-somma tal-għadd ta' oġġetti rrapportati għandha tkun daqs l-għadd totali ta' oġġetti li jappartjenu għall-istess ID tat-tranżazzjoni. Jekk it-tranżazzjoni tinvolvi aktar minn element wieħed l-għadd ta' oġġetti għandu jkun iddikjarat fil-linja/i għall-kategorija tal-element tal-ogħla valur strateġiku biss (f'ordni dixxendenti: P, H, L, N, D, T).

25. Element category/Kategorija tal-element:

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Kategorija tal-materjal nukleari	Kodiċi
Plutonju	P
Uranju arrikkit għoli (20 % ta' arrikkiment u ogħla)	H
Uranju arrikkit baxx (ogħla min-naturali iżda anqas minn 20 % arrikkiment)	L
Uranju naturali	N
Uranju mfaqqar	D
Torju	T

26. Element weight/Piż tal-element: Il-piż tal-kategorija tal-element imsemmi fis-sezzjoni 25 għandu jiġi rrapportat. Il-piżijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fi grammi. In-numri deċimali li jidhru fil-linji tal-kontabbiltà jistgħu jiġu rrapportati sa massimu ta' tliet postijiet deċimali.

27. Isotope/Isotopi: Dan il-kodiċi jindika l-isotopi fissili involuti u għandu jintuża meta l-piż ta' isotopi fissili huwa rrapportat (28).

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Isotopu/i fissili	Kodiċi
Uranju-235	G
Uranju-233	K
Taħlita ta' uranju-235 u uranju-233	J

28. Fissile weight/Piż fissili: Sakemm mhux iddikjarat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja, il-piż ta' isotopi fissili għandu jiġi rrapportat biss għal uranju arrikkit u bidliet fil-kategorija li jinvolvu uranju arrikkit. Il-piżijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fi grammi. In-numri deċimali li jidhru fil-linji tal-kontabbiltà jistgħu jiġu rrapportati sa massimu ta' tliet postijiet deċimali.

29. Isotopic composition/Kompożizzjoni isotopika: Jekk miftiehem fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja l-kompożizzjoni isotopika tal-U u/jew Pu għandha tiġi rrapportata fil-format bħala lista ta' piżijiet isseparati b'punt u virgola biex turi l-piż tal-U-233, U-234, U-235, U-236, U-238 jew Pu-238, Pu-239, Pu-240, Pu-241, Pu-242. In-numri deċimali li jidhru fil-linji tal-kontabbiltà jistgħu jiġu rrapportati sa massimu ta' tliet postijiet deċimali.

30. Obligation/Obbligu: Indikazzjoni tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja assunt mill-Komunità skont Ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, li għalih huwa soġġett il-materjal (l-Artikolu 19). Din tista' tikkorrispondi wkoll għal pool code, meta jkun awtorizzat skont l-Artikolu 20. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kodiċijiet xierqa lill-installazzjonijiet fuq talba.

31. Previous element category/Kategorija ta' element preċedenti: Kodiċi tal-kategorija tal-element ta' materjal nukleari qabel il-bidla tal-kategorija. Il-kodiċi korrispondenti wara l-bidla għandu jiġi rrapportat fis-sezzjoni 25. Uża biss mal-kodiċijiet CE, CB e CC ta' bidla fl-inventarju.

32. Previous obligation/Obbligu preċedenti: Kodiċi tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja li għalih kien soġġett il-materjal nukleari qabel il-bidla. Il-kodiċi tal-obbligu korrispondenti wara l-bidla għandu jiġi rrapportat fis-sezzjoni 30. Uża biss mal-kodiċijiet BR, CR, PR u SR tal-bidla fl-inventarju.

33. Shipper CAM code/Kodiċi CAM tal-konsenjatur: Kodiċi ta' installazzjoni li tittrasporta l-materjal tal-Anness I-N. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-operatur jew lill-entità l-kodiċi xieraq. Proċeduri ta' rapportar issimplifikati japplikaw għal dawn l-operaturi.

34. Receiver CAM code/Kodiċi CAM tar-riċevitur: Kodiċi ta' installazzjoni tal-materjal li tirċievi tal-Anness I-N. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-operatur jew lill-entità l-kodiċi xieraq. Proċeduri ta' rapportar issimplifikati japplikaw għal dawn l-operaturi.

35. Document/Dokument: Referenza ddefinita mill-operatur għad-dokument(i) ta' appoġġ.

36. Container ID/ID tal-kontenitur: Numru tal-kontenitur iddefinit mill-operatur. Element fakultattiv tad-data li jista' jintuża f'dawk il-każijiet fejn in-numru tal-kontenitur ma jidhirx fid-dežinjazzjoni tal-lott.

37. Correction/Korrezzjoni: Il-korrezzjonijiet għandhom isiru bit-tħassir tal-linja/i ħażina/ħżiena u ż-żieda ta' dik/dawk korretta/i, fejn xieraq.

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Kodiċi	Spjegazzjoni
D	Tħassir. Il-linja li għandha titħassar trid tkun jew: — identifikata billi fis-sezzjoni 38 jiġi indikat in-numru tar-rapport (4) u fis-sezzjoni 39 in-numru tal-linja (22), kif ukoll fis-sezzjoni 43 jiġi indikat is-CRC (42) li ġew iddikjarati għal-linja oriġinali. Sezzjonijiet oħrajn m'hemmx għalfejn jiġu rrapportati;

Kodiċi	Spjegazzjoni
	jew — ripetuta fl-intier tagħha, ħlief għad-data ta' kontabbiltà (23) li għandha turi d-data li fiha jkun sar it-tħassir fir-reġistri ta' kontabbiltà. Is-sezzjonijiet jista' jkun fihom kodiċijiet li ma għadhomx jintużaw fl-ambitu ta' dan ir-Regolament
A	Żieda (li tagħmel parti minn par tħassir/żieda). Il-linja korretta għandha tiġi rrapportata bil-kampijiet tad-data kollha, inkluż is-sezzjoni (38) "rapport preċedenti" u s-sezzjoni (39) "linja preċedenti". Is-sezzjoni (39) "linja preċedenti" għandha tirrepeti n-numru tal-linja (22) tal-linja li tkun qed tiġi ssostitwita mill-par tħassir/żieda. Id-data ta' kontabbiltà (23) għandha turi d-data li fiha tkun saret iż-żieda fir-reġistri ta' kontabbiltà
L	Linja tard (żieda waħedha). Il-linja tard li għandha tiżdied għandha tiġi rrapportata bil-kampijiet tad-data kollha, inkluż is-sezzjoni (38) "rapport preċedenti". Is-sezzjoni (38) "rapport preċedenti" għandu jkun fiha n-numru tar-rapport (4) tar-rapport li fih il-linja tard kellha tkun inkluża. Id-data ta' kontabbiltà (23) għandha turi d-data li fiha ġiet introdotta l-linja tard fir-reġistri ta' kontabbiltà

38. Previous report/Rapport preċedenti: Indika n-numru tar-rapport (4) tal-linja li għandha tiġi kkoreġuta.

39. Previous line/Linja preċedenti: Għat-tħassir, jew addizzjonijiet li jagħmlu parti mill-par tħassir/addizzjoni, indika n-numru tal-linja (22) tal-linja li trid tiġi korretta.

40. Comment/Kumment: Sezzjoni tal-kummenti b'test liberu għal kummenti qosra mill-operatur.

41. Burn-Up/Ħruq: Għal bidliet fl-inventarju tat-tip NP jew NL f'reatturi nukleari, ħruq f'MWjiem/tunnellata.

42. CRC/CRC: Kodiċi tal-hash tal-linja għal għanijiet ta' kontroll tal-kwalità. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-operatur bl-algoritmu li għandu jintuża.

43. Previous CRC/CRC preċedenti: Kodiċi tal-hash tal-linja li għandu jiġi kkoreġut.

44. Advance notification reference code/Kodiċi ta' referenza tan-notifika antiċipata: Kodiċi ta' referenza użat għan-notifika antiċipata. Għandu jintuża bil-kodiċijiet tal-inventarju SF, RF, SD u RD meta jkun meħtieġ hekk (l-Artikoli 23 u 24).

45. Campaign/Kampanja: Identifikatur uniku għall-kampanja ta' riproċessar. Uża biss għal bidliet fl-inventarju fiż-żona(i) ta' bilanċ tal-materjal tal-ipproċessar ta' installazzjonijiet ta' riproċessar ta' fjuwil użat.

46. Reactor/Reattur: Identifikatur uniku għar-reattur li minnu fjuwil irradjat qed ikun maħżun jew riproċessat. Uża biss għal bidliet fl-inventarju f'installazzjonijiet għall-ħżin jew ir-riproċessar ta' fjuwil użat.

47. Safeguards info/Informazzjoni dwar is-salvagwardji: Informazzjoni addizzjonali, jekk din tkun meħtieġa mill-Kummissjoni.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Fil-każ ta' trasferiment ta' materjal nukleari, il-konsenjatur għandu jipprovdi lir-riċevitur bl-informazzjoni kollha meħtieġa għar-rapport ta' bidla fl-inventarju.

2. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

3. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

4. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

5. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

6. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS IV

RAPPORT TAL-BILANĊ TAL-MATERJAL (MBR)

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tirrapporta	1
Report type	Karattru (1)	M għar-Rapport ta' Bilanċ tal-Materjal	2
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	3
Start report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-bidu tal-MBR (data tal-aħħar PIT + jum 1)	4
End report	Data (JJXXSSSS)	Data tat-tmiem tal-MBR (data tal-PIT kurrenti)	5
Report number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	6
Line count	Numru	Għadd totali ta' linji rrapportati	7
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	8

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
IC code	Karattru (2)	Tip ta' bidla fl-inventarju	9
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	10
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-materjal nukleari	11
Element weight	Numru (24,3)	Piż tal-element	12
Isotope	Karattru (1)	G għal U-235, K għal U-233, J għal taħlita ta' U-235 u U-233	13
Fissile weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu fissili	14
Obligation	Karattru (5)	Obbligu ta' salvagwardja	15
Correction	Karattru (1)	D għal tħassir, A għal addizzjonijiet li jagħmlu parti minn par ta' tħassir/addizzjoni, L għal linji tard (addizzjonijiet waħedhom)	16
Previous report	Numru	Numru tar-rapport tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	17
Previous line	Numru	Numru tal-linja tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	18
Comment	Karattru (256)	Kumment tal-operatur	19
CRC	Numru	Kodiċi tal-hash tal-linja għal għanijiet ta' kontroll tal-kwalità	20
Previous CRC	Numru	Kodiċi tal-hash tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	21

Noti ta' spjegazzjoni

1. MBA/MBA: Kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: M għal rapporti ta' bilanċ tal-materjal.

3. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.

4. Start report/Rapport tal-bidu: Data tal-bidu tal-MBR, data tal-jum immedjatament wara l-jum tat-teħid tal-inventarju fiżiku preċedenti.

5. End report/Rapport tat-tmiem: Data tat-tmiem tal-MBR, data tat-teħid tal-inventarju fiżiku kurrenti.

6. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali użat għar-rapporti ta' bidla fl-inventarju, għar-rapporti dwar il-bilanċ materjali u għall-elenkar tal-inventarju fiżiku, mingħajr spazji.

7. Line count/Għadd ta' linji: Għadd totali ta' linji rrapportati.

8. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

9. IC code/Kodiċi IC: It-tipi differenti ta' informazzjoni tal-inventarju u ta' bidla fl-inventarju għandhom jiddaħħlu fis-sekwenza murija hawn taħt.

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Inventarju fiżiku tal-bidu	PB	Inventarju fiżiku fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar (għandu jkun ugwali għall-inventarju fiżiku fi tmiem il-perjodu ta' rapportar preċedenti). Linji separati għal kull element u għal kull obbligu ta' salvagwardja
Bidliet fl-inventarju (kodiċijiet fil-lista ta' hawn taħt biss)		Għal kull tip ta' bidla fl-inventarju, linja waħda kkonsolidata (għal kull element u għal kull obbligu ta' salvagwardja) għandha tiddaħħal għall-perjodu kollu ta' rapportar (l-ewwel iż-żidiet, imbagħad it-tnaqqis).
Inventarju finali fil-kotba	BA	Inventarju fil-kotba fi tmiem il-perjodu ta' rapportar. Għandu jkun ugwali għas-somma aritmetika tal-entraturi MBA hawn fuq. Linji separati għal kull element u għal kull obbligu ta' salvagwardja
Inventarju fiżiku tat-tmiem	PE	Inventarju fiżiku fi tmiem il-perjodu ta' rapportar. Linji separati għal kull element u għal kull obbligu ta' salvagwardja
Materjal mhux kontabilizzat	MF	Materjal mhux kontabilizzat. Għandu jiġi kkalkolat bħala "inventarju fiżiku tat-tmiem (PE)" li minnu jitnaqqas "Inventarju finali fil-kotba (BA)". Linji separati għal kull element u għal kull obbligu ta' salvagwardja

Għal bidliet fl-inventarju, għandu jintuża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin:

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Wasla	RD	Wasla ta' materjal nukleari minn żona ta' bilanċ tal-materjal fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
Importazzjoni	RF	Importazzjoni ta' materjal nukleari minn pajjiż terz.
Wasla minn attività mhux issalvagwardata	RN	Wasla ta' materjal nukleari minn attività mhux issalvagwardata (l-Artikolu 39).

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Vjeġġi	SD	Trasferiment ta' materjal nukleari lejn żona ta' bilanċ tal-materjal fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
Esportazzjoni	SF	Esportazzjoni ta' materjal nukleari lejn pajjiż terz
Vjeġġi lejn attività mhux issalvagwardata	SN	Trasferiment ta' materjal nukleari lejn attività mhux issalvagwardata (l-Artikolu 39).
Trasferiment lejn skart ikkundizzjonat	TC	Materjal nukleari li jinsab fl-iskart li huwa mkejjel jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li kien ikkundizzjonat b'mod (pereżempju fi ħġieġ, siment, konkrit jew bitum) li mhux tajjeb għal aktar użu nukleari. L-installazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw dan il-kodiċi abbażi ta' talba rraġunata u ġġustifikata u modalitajiet ta' rapportar miftiehma. Għandhom jinżammu reġistri separati għal dan it-tip ta' materjal.
Trasferiment lejn żona ta' disponiment ġeoloġiku	TG	Trasferiment ta' materjal nukleari li la jitqies bħala skart miżmum u lanqas ikkundizzjonat f'żona ta' disponiment ġeoloġiku.
Rimi fl-ambjent	TE	Materjal nukleari li huwa mkejjel jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li ntrema rrevokabbilment fl-ambjent bħala riżultat ta' rimi ppjanat (l-Artikolu 36(1)(a)).
Trasferiment ta' skart miżmum	TW	Materjal nukleari maħluq minn ipproċessar jew minn aċċident operazzjonali li jinsab fl-iskart li huwa mkejjel jew stmat fuq il-bażi ta' kejl, u li kien ittrasferit f'post speċifiku fi ħdan iż-żona ta' bilanċ tal-materjal li fiha jista' jerġa' jinkiseb **u li jitqies li ma jkunx jista' jiġi rkuprat f'dak il-mument**. Għandhom jinżammu reġistri separati għal dan it-tip ta' materjal.
Trasferiment mill-ġdid minn skart ikkundizzjonat	FC	Trasferiment mill-ġdid ta' skart ikkundizzjonat għall-inventarju taż-żona ta' bilanċ tal-materjal. Dan japplika kull darba li skart ikkundizzjonat jgħaddi mill-ipproċessar.
It-trasferiment mill-ġdid minn żona ta' disponiment ġeoloġiku	FG	L-irkupru ta' materjal nukleari minn żona ta' disponiment ġeoloġiku wara li jkun ġie ddikjarat bħala trasferiment għal dik iż-żona ta' disponiment ġeoloġiku. L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi li jintbagħat rapport speċjali lill-Kummissjoni.
Trasferiment mill-ġdid minn skart miżmum	FW	Trasferiment mill-ġdid ta' skart miżmum fl-inventarju taż-żona ta' bilanċ tal-materjal. Dan japplika kull meta skart miżmum jittieħed mill-post speċifiku fi ħdan iż-żona ta' bilanċ ta' materjal, jew għal kwalunkwe ipproċessar li jinvolvi s-separazzjoni ta' elementi fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal jew għal kwalunkwe vjeġġi miż-żona ta' bilanċ tal-materjal.

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Telf aċċidentali	LA	Telf li ma jinstabx u bi żball ta' kwantità ta' materjal nukleari bħala riżultat ta' aċċident operazzjonali. L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi li jintbagħat rapport speċjali lill-Kummissjoni.
Gwadann aċċidentali	GA	Materjal nukleari misjub bla mistenni, ħlief meta misjub waqt teħid ta' inventarju fiżiku. L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi li jintbagħat rapport speċjali lill-Kummissjoni.
Gwadann mid-dekummissjonar	GD	Materjal nukleari li nqala' matul l-attivitajiet ta' dekummissjonar jew operazzjonijiet eċċezzjonali. L-installazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw dan il-kodiċi abbażi ta' talba rraġunata u ġġustifikata.
Bidla ta' kategorija	CE	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn kategorija waħda (l-Artikolu 21) għal oħra bħala riżultat ta' proċess ta' arrikkiment (linja waħda biss trid tkun irrapportata għal kull bidla ta' kategorija).
Bidla ta' kategorija	CB	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn kategorija waħda (l-Artikolu 21) għal oħra bħala riżultat ta' operazzjoni ta' taħlit (linja waħda biss trid tkun irrapportata għal kull bidla ta' kategorija).
Bidla ta' kategorija	CC	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn kategorija waħda (l-Artikolu 21) għal oħra għat-tipi kollha ta' bidliet ta' kategorija mhux koperti mill-kodiċijiet CE u CB (linja waħda biss trid tkun irrapportata għal kull bidla ta' kategorija), bħal waqt irradjazzjoni jew għal raġunijiet eċċezzjonali u ġġustifikati.
Bidla f'obbligu partikolari	BR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), biex ikun ibbilanċjat l-istokk totali ta' uranju wara operazzjoni ta' taħlit (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu).
Bidla f'obbligu partikolari	PR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), użat meta materjal nukleari jidħol jew joħroġ minn accountancy pool (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu).
Bidla f'obbligu partikolari	SR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), wara bidla jew sostituzzjoni ta' obbligu (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu). L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel (l-Artikolu 20(1)).
Bidla f'obbligu partikolari	CR	Trasferiment ta' kontabbiltà ta' kwantità ta' materjal nukleari minn obbligu partikolari ta' salvagwardja għal ieħor (l-Artikolu 19(1)), għall-każijiet kollha mhux koperti bil-kodiċijiet BR, PR jew SR (linja waħda biss għandha tkun irrapportata għal kull bidla ta' obbligu).

Kelma Ewlenija	Kodiċi	Spjegazzjoni
Produzzjoni nukleari	NP	Żieda fil-kwantità ta' materjal nukleari minħabba trasformazzjoni nukleari.
Telf nukleari	NL	Tnaqqis fil-kwantità ta' materjal nukleari minħabba trasformazzjoni nukleari.
Differenza bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur	DI	Differenza bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur.
Kejl ġdid	NM	Kwantità ta' materjal nukleari, f'lott wieħed partikolari, kontabilizzata fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal nukleari, li hija d-differenza bejn kwantità ġdida mkejla u l-kwantità kontabilizzata qabel, u li la hija differenza bejn il-konsenjatur/ir-riċevitur u lanqas korrezzjoni.
Tqarrib	RA	Aġġustament ta' tqarrib biex is-somma tal-kwantitajiet irrapportati f'perjodu partikolari tkun taqbel mal-inventarju finali fil-kotba taż-żona ta' bilanċ tal-materjal.
Aġġustament tal-isotopu	R5	Aġġustament biex is-somma ta' kwantitajiet ta' isotopu rrapportat tkun taqbel mal-inventarju finali fil-kotba għall-U-235 taż-żona ta' bilanċ tal-materjal.
Produzzjoni tal-materjal	MP	Kwantità ta' materjal nukleari, miksuba minn sustanzi oriġinarjament mhux soġġetti għal salvagwardji, li saret soġġetta għal salvagwardji għaliex il-konċentrazzjoni tagħha issa taqbeż il-livelli minimi.
Tmiem tal-użu	TU	Il-kwantità ta' materjal nukleari meqjus bħala irrekuperabbli għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi li huwa inkorporat fi prodotti finali użati għal skopijiet mhux nukleari (l-Artikolu 36(1)(b)). L-użu ta' dan il-kodiċi jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel.
Terminazzjoni ta' salvagwardji	TZ	Il-kwantità ta' materjal nukleari meqjus bħala irrekuperabbli għal raġunijiet prattiċi jew ekonomiċi li jinsab fl-iskart f'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna mkejla jew stmati abbażi tal-kejl, anke jekk dawn il-materjali ma jiġux mormija fl-ambjent (l-Artikolu 36(1)(c)). L-installazzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw dan il-kodiċi abbażi ta' talba rraġunata u ġġustifikata u modalitajiet ta' rapportar miftiehma.

10. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1, mingħajr spazji.

11. Element category/Kategorija tal-element: Il-kategorija tal-elementi tal-materjal nukleari, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (25) ta' dan ir-Regolament.

12. Element weight/Piż tal-element: Il-piż tal-kategorija tal-element imsemmi fis-sezzjoni 11 għandu jiġi rrapportat. Il-piżijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fi grammi. In-numri deċimali li jidhru fil-linji tal-kontabbiltà jistgħu jiġu rrapportati sa massimu ta' tliet postijiet deċimali.

13. Isoptope/Isotopi: Dan il-kodiċi jindika t-tip ta' isotopi fissili involuti u għandu jintuża meta l-piż ta' isotopi fissili jiġi rrapportat. Uża l-kodiċijiet kif stabbiliti fl-Anness III (27) ta' dan ir-Regolament.

14. Fissile weight/Piż fissili: Sakemm mhux iddikjarat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja, il-piż ta' isotopi fissili għandu jiġi rrapportat biss għal uranju arrikkit u bidliet fil-kategorija li jinvolvu uranju arrikkit. Il-piżijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fi grammi. In-numri deċimali li jidhru fil-linji tal-kontabbiltà jistgħu jiġu rrapportati sa massimu ta' tliet postijiet deċimali.

15. Obligation/Obbligu: Indikazzjoni tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja assunt mill-Komunità skont Ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, li għalih huwa soġġett il-materjal (l-Artikolu 19). Din tista' tikkorrispondi wkoll għal pool code, meta jkun awtorizzat skont l-Artikolu 20. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kodiċijiet xierqa lill-installazzjonijiet fuq talba.

16. Correction/Korrezzjoni: Il-korrezzjonijiet għandhom isiru bit-tħassir tal-linja/i ħażina/ħżiena u ż-żieda ta' dik/dawk korretta/i, fejn xieraq.

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Kodiċi	Spjegazzjoni
D	Tħassir. Il-linja li għandha titħassar għandha tkun jew: — identifikata billi fis-sezzjoni 17 jiġi indikat in-numru tar-rapport (6) u fis-sezzjoni 18 in-numru tal-linja (11), kif ukoll fis-sezzjoni 21 jiġi indikat is-CRC (20) li ġew iddikjarati għal-linja oriġinali. Sezzjonijiet oħrajn m'hemmx għalfejn jiġu rrapportati; jew — ripetuta fl-intier tagħha. Is-sezzjonijiet jista' jkun fihom kodiċijiet li ma għadhomx jintużaw fl-ambitu ta' dan ir-Regolament
A	Żieda (li tagħmel parti minn par tħassir/żieda). Il-linja korretta għandha tiġi rrapportata bil-kampijiet tad-data kollha, inkluż is-sezzjoni (17) "rapport preċedenti" u s-sezzjoni (18) "linja preċedenti". Is-sezzjoni (18) "linja preċedenti" għandha tirrepeti n-numru tal-linja (10) tal-linja li tkun qed tiġi ssostitwita mill-par tħassir/żieda
L	Linja tard (żieda waħedha). Il-linja tard li għandha tiżdied għandha tiġi rrapportata bil-kampijiet tad-data kollha, inkluż is-sezzjoni (17) "rapport preċedenti". Is-sezzjoni (17) "rapport preċedenti" għandu jkun fiha n-numru tar-rapport (6) tar-rapport li fih kellha tkun inkluż il-linja tard.

17. Previous report/Rapport preċedenti: Indika n-numru tar-rapport (6) tal-linja li għandha tiġi kkoreġuta.

18. Previous line/Linja preċedenti: Għal tħassir, jew addizzjonijiet li jagħmlu parti minn par tħassir/addizzjoni, indika n-numru tal-linja (10) tal-linja li trid tiġi korretta.

19. Comment/Kumment: Sezzjoni tal-kummenti b'test liberu għal kummenti qosra mill-operatur.

20. CRC/CRC: Kodiċi tal-hash tal-linja għal għanijiet ta' kontroll tal-kwalità. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-operatur bl-algoritmu li għandu jintuża.

21. Previous CRC/CRC preċedenti: Kodiċi tal-hash tal-linja li għandu jiġi kkoreġut.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

Rimarki ġenerali 2, 3, 4, 5 u 6 fi tmiem l-Anness III japplikaw mutatis mutandis.

ANNESS V

ELENKAR TAL-INVENTARJU FIŻIKU (PIL)

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tirrapporta	1
Report type	Karattru (1)	P għal elenkar tal-inventarju fiżiku	2
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	3
Report number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	4
PIT date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta ttieħed l-inventarju fiżiku	5
Line count	Numru	Għadd totali ta' linji rrapportati	6
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	7

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Item ID	Karattru (20)	Numru sekwenzjali	8
Batch	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal lott ta' materjal nukleari	9
KMP	Karattru (1)	Punt essenzjali ta' kejl	10
Measurement	Karattru (1)	Kodiċi ta' kejl	11
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-materjal nukleari	12
Material form	Karattru (2)	Kodiċi tal-forma tal-materjal	13
Material container	Karattru (1)	Kodiċi tal-kontenitur tal-materjal	14
Material state	Karattru (1)	Kodiċi tal-istat tal-materjal	15
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	16
Number of items	Numru	Għadd ta' oġġetti	17
Element weight	Numru (24,3)	Piż tal-element	18
Isotope	Karattru (1)	G għal U-235, K għal U-233, J għal taħlita ta' U-235 u U-233	19
Fissile weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu fissili	20
Obligation	Karattru (5)	Obbligu ta' salvagwardja	21
Document	Karattru (70)	Referenza ddefinita mill-operatur għad-dokumenti ta' appoġġ	22
Container ID	Karattru (20)	Identifikatur iddefinit mill-operatur għall-kontenitur	23
Correction	Karattru (1)	D għal tħassir, A għal addizzjonijiet li jagħmlu parti minn par ta' tħassir/addizzjoni, L għal linji tard (addizzjonijiet waħedhom)	24

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Previous report	Numru	Numru tar-rapport tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	25
Previous line	Numru	Numru tal-linja tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	26
Comment	Karattru (256)	Kumment tal-operatur	27
CRC	Numru	Kodiċi tal-hash tal-linja għal għanijiet ta' kontroll tal-kwalità	28
Previous CRC	Numru	Kodiċi tal-hash tal-linja li trid tiġi kkoreġuta	29

Noti ta' spjegazzjoni

1. MBA/MBA: Kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: P għal elenkar tal-inventarju fiżiku.

3. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.

4. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali użat għar-rapporti ta' bidla fl-inventarju, għar-rapporti dwar il-bilanċ materjali u għall-elenkar tal-inventarju fiżiku, mingħajr spazji.

5. PIT date/Data tal-PIT: Jum, xahar u sena meta ttieħed l-inventarju fiżiku, li jirrifletti s-sitwazzjoni f'24:00.

6. Line count/Għadd ta' linji: Għadd totali ta' linji rrapportati.

7. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

8. Item ID/ID tal-entrata: Numru sekwenzjali, komuni għal-linji kollha tal-PIL relatati mal-istess oġġett fiżiku.

9. Batch/Lott: Jekk fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja hemm bżonn ta' segwitu tal-lott, għandha tintuża d-dežinjazzjoni tal-lott preċedenti użata għal-lott f'rapport ta' bidla fl-inventarju jew fl-elenkar preċedenti tal-inventarju fiżiku.

10. KMP/KMP: Punt essenzjali ta' kejl. Il-kodiċijiet huma nnotifikati lill-installazzjoni kkonċernata u elenkati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja. Jekk ma jiġu nnotifikati l-ebda kodiċijiet speċifikati, għandha tintuża "&".

11. Measurement/Kejl: Il-bażi li fuqha ġiet stabbilita l-kwantità ta' materjal nukleari rrapportat għandha tiġi indikata, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (13) ta' dan ir-Regolament.

12. Element category/Kategorija tal-element: Il-kategorija tal-elementi tal-materjal nukleari, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (25) ta' dan ir-Regolament.

13. Material form/Forma tal-materjal: Il-forma tal-materjal tal-lott, bl-użu tad-deskrizzjoni tal-materjali kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

14. Material container/Kontenitur tal-materjal: It-tip ta' kontenitur li jżomm il-materjal nukleari, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (15) ta' dan ir-Regolament.

15. Material state/Stat tal-materjal: L-istat tal-materjal tal-lott, bl-użu ta' kodiċijiet tal-istat tal-materjal kif stabbiliti fl-Anness III (16) ta' dan ir-Regolament.

16. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1 f'kull rapport, mingħajr spazji.

17. Number of items/Għadd ta' oġġetti: Kull linja tal-inventarju fiżiku għandha tindika l-għadd ta' oġġetti involuti. Jekk lott ta' oġġetti li jappartjenu għall-istess lott huwa rrapportat bħala bosta linji, is-somma tal-għadd ta' oġġetti rrapportata għandha tkun ugwali għall-għadd totali ta' oġġetti fil-grupp. Jekk il-linji jinvolvu aktar minn kategorija tal-element waħda, l-għadd ta' oġġetti għandu jkun iddikjarat fil-linja/i għall-kategorija tal-element tal-ogħla valur strateġiku biss (f'ordni dixxendenti: P, H, L, N, D, T).

18. Element weight/Piż tal-element: Il-piż tal-kategorija tal-element imsemmi fis-sezzjoni 12 għandu jiġi rrapportat. Il-piżijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fi grammi. In-numri deċimali li jidhru fil-linji tal-kontabbiltà jistgħu jiġu rrapportati sa massimu ta' tliet postijiet deċimali.

19. Isoptope/Isotopi: Dan il-kodiċi jindika t-tip ta' isotopi fissili involuti u għandu jintuża meta l-piż ta' isotopi fissili jiġi rrapportat. Uża l-kodiċijiet kif stabbiliti fl-Anness III (27) ta' dan ir-Regolament.

20. Fissile weight/Piż fissili: Sakemm mhux iddikjarat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja, il-piż ta' isotopi fissili għandu jiġi rrapportat biss għal uranju arrikkit u bidliet fil-kategorija li jinvolvu uranju arrikkit. Il-piżijiet kollha għandhom jiġu rrapportati fi grammi. In-numri deċimali li jidhru fil-linji tal-kontabbiltà jistgħu jiġu rrapportati sa massimu ta' tliet postijiet deċimali.

21. Obbligation/Obbligu: Indikazzjoni tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja assunt mill-Komunità skont Ftehim konklużma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, li għalih huwa soġġett il-materjal (l-Artikolu 19). Din tista' tikkorrispondi wkoll għal pool code, meta jkun awtorizzat skont l-Artikolu 20. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kodiċijiet xierqa lill-installazzjonijiet fuq talba.

22. Document/Dokument: Referenza ddefinita mill-operatur għad-dokument(i) ta' appoġġ.

23. Container ID/ID tal-kontenitur: Numru tal-kontenitur iddefinit mill-operatur. Element fakultattiv tad-data li jista' jintuża f'dawk il-każijiet fejn in-numru tal-kontenitur ma jidhirx fid-dežinjazzjoni tal-lott.

24. Correction/Korrezzjoni: Il-korrezzjonijiet għandhom isiru bit-tħassir tal-linja/i ħażina/ħżiena u ż-żieda ta' dik/dawk korretta/i, fejn xieraq.

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Kodiċi	Spjegazzjoni
D	Tħassir. Il-linja li għandha titħassar għandha tkun jew: — identifikata billi fis-sezzjoni 25 jiġi indikat in-numru tar-rapport (4) u fis-sezzjoni 26 in-numru tal-linja (16), kif ukoll fis-sezzjoni 29 jiġi indikat is-CRC (28) li ġew iddikjarati għal-linja oriġinali. Sezzjonijiet oħrajn m'hemmx għalfejn jiġu rrapportati; jew — ripetuta fl-intier tagħha. Is-sezzjonijiet jista' jkun fihom kodiċijiet li ma għadhomx jintużaw fl-ambitu ta' dan ir-Regolament
A	Żieda (li tagħmel parti minn par tħassir/żieda). Il-linja korretta għandha tiġi rrapportata bil-kampijiet tad-data kollha inkluż is-sezzjoni "rapport preċedenti" (25) u s-sezzjoni "linja preċedenti" (26). Is-sezzjoni "linja preċedenti" (26) għandu jkun fiha n-numru tal-linja (16) tal-linja li qed tiġi ssostitwita mill-par tħassir/żieda.
L	Linja tard (żieda waħedha). Il-linja tard li għandha tiżdied għandha tiġi rrapportata bil-kampijiet tad-data kollha, inkluż is-sezzjoni "rapport preċedenti" (25). Is-sezzjoni (25) "rapport preċedenti" għandu jkun fiha n-numru tar-rapport (4) tar-rapport li fih il-linja tard kellha tkun inkluża.

25. Previous report/Rapport preċedenti: Indika n-numru tar-rapport (4) tal-linja li għandha tiġi kkoreġuta.

26. Previous line/Linja preċedenti: Għal tħassir, jew addizzjonijiet li jagħmlu parti minn par tħassir/addizzjoni, indika n-numru tal-linja (16) tal-linja li trid tiġi korretta.

27. Comment/Kumment: Sezzjoni tal-kummenti liberi għal kummenti qosra mill-operatur (tissostitwixxi nota fil-qosor separata).

28. CRC/CRC: Kodiċi tal-hash tal-linja għal għanijiet ta' kontroll tal-kwalità. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-operatur bl-algoritmu li għandu jintuża.

29. Previous CRC/CRC preċedenti: Kodiċi tal-hash tal-linja li għandu jiġi kkoreġut.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Jekk, fid-data li fiha jkun ittieħed l-inventarju fiżiku, ma kien hemm l-ebda materjal nukleari fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal, it-tikketti biss minn 1 sa 7, 16, 17 u 28 imsemmija hawn fuq għandhom jimtlew. Barra minn hekk, it-tikketti 24-26 u 29 għandhom jimtlew fejn xieraq.

2. Rimarki ġenerali 2, 3, 4, 5 u 6 fi tmiem l-Anness III japplikaw mutatis mutandis.

ANNESS VI

NOTIFIKA ANTIĊIPATA TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' MATERJAL NUKLEARI

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Legal entity or name of installation	Karattru (256)	Isem l-entità ġuridika jew tal-installazzjoni	1
Report type	Karattru (4)	ANXS li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	2
Advance notification reference code	Karattru (12)	Kodiċi ta' referenza għan-notifika antiċipata	3
Shipper MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tittrasporta	4
Receiver MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirċievi	5
Shipping installation	Karattru (256)	Id-dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tittrasporta	6
Receiving installation	Karattru (256)	Dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tirċievi	7
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	8
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	9

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	10
Batch	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal lott ta' materjal nukleari	11
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-materjal nukleari	12
Obligation	Karattru (5)	Obbligu ta' salvagwardja	13
Chemical composition	Karattru (64)	Kompożizzjoni kimika	14
Isotope	Karattru (1)	Isotopu tal-uranju	15
Enrichment	Numru (3,3)	Kompożizzjoni perċentwali tal-uranju-235	16
Material state	Karattru (1)	Stat tal-materjal	17
Material form	Karattru (2)	Forma tal-materjal	18
Number of items	Numru	Għadd ta' oġġetti	19
Description of containers and seals	Karattru (256)	Deskrizzjoni tal-kontenituri u l-għażliet ta' ssiġillar	20
Element weight	Numru (24,3)	Piż tal-element	21
Fissile weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu fissili	22
Material container	Karattru (1)	Kodiċi tal-kontenitur tal-materjal	23

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Means of transport	Karattru (1) (għal kull mezz ta' trasport)	Mezzi ta' trasport ta' materjal nukleari	24
Location where material will be stored or prepared	Karattru (256)	Post fejn il-materjal nukleari jitħejja għat-trasport	25
Last date when material can be identified	Data (JJXXSSSS)	L-aħħar data meta l-materjal jista' jiġi identifikat	26
Date of dispatch	Data (JJXXSSSS)	Data mistennija tad-dispaċċ	27
Date of arrival	Data (JJXXSSSS)	Data mistennija tal-wasla fid-destinazzjoni	28
Intended use	Karattru (256)	L-użu maħsub tal-materjal nukleari	29
Euratom Supply Agency (ESA) contractual reference	Karattru (64)	Numru ta' referenza kuntrattwali tal-ESA	30

Noti ta' spjegazzjoni

1. Legal entity or name of installation/Entità ġuridika jew isem l-installazzjoni: L-isem tal-entità ġuridika jew tal-installazzjoni li tinnotifika lill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: ANXS li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.

3. Advance notification reference code/Kodiċi ta' referenza tan-notifika antiċipata: Il-kodiċi ta' referenza għan-notifiki antiċipati li għandhom jintużaw fir-rapport ta' bidla fl-inventarju.

4. Shipper MBA/Konsenjatur MBA: Kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal tal-konsenjatur kif innotifikat mill-Kummissjoni lill-installazzjoni kkonċernata.

5. Receiver MBA/MBA li tirċievi: Il-kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal tar-riċevitur fil-każ ta' trasferiment intra-UE u, jekk ikun magħruf, fil-każ ta' esportazzjoni lejn pajjiż terz.

6. Shipping installation/Installazzjoni li tittrasporta: L-isem, l-indirizz u l-pajjiż tal-installazzjoni li tittrasporta l-materjal nukleari.

7. Receiving installation/Installazzjoni li tirċievi: L-isem, l-indirizz u l-pajjiż tal-installazzjoni li tirċievi l-materjal nukleari.

8. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.

9. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

10. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1 f'kull rapport, mingħajr spazji.

11. Batch/Lott: In-numru ta' identifikazzjoni tal-lott. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

12. Element category/Kategorija tal-element: Il-kategorija tal-materjal nukleari. Uża l-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (25) ta' dan ir-Regolament.

13. Obligation/Obbligu: Indikazzjoni tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja assunt mill-Komunità skont Ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, li għalih huwa soġġett il-materjal (l-Artikolu 19). Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kodiċijiet xierqa lill-installazzjonijiet fuq talba. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

14. Chemical composition/Kompożizzjoni kimika: Il-kompożizzjoni kimika tal-lott. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

15. Isotope/Isotopi: Dan il-kodiċi jindika t-tip ta' isotopi fissili involuti u għandu jintuża meta l-piż ta' isotopi fissili jiġi rrapportat. Uża l-kodiċijiet tal-isotopi kif stabbiliti fl-Anness III (27) ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

16. Enrichment/Arrikkiment: Kompożizzjoni perċentwali tal-U-235. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

17. Material state/Stat tal-materjal: L-istat tal-materjal tal-lott, bl-użu ta' kodiċijiet tal-istat tal-materjal kif stabbiliti fl-Anness III (16) ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

18. Material form/Forma tal-materjal: Il-forma tal-materjal tal-lott, bl-użu tad-deskrizzjoni tal-materjali kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

19. Number of items/Għadd ta' oġġetti: L-għadd ta' oġġetti inklużi fil-lott, f'konformità mal-Anness III (24) ta' dan ir-Regolament.

20. Description of containers and seals/Deskrizzjoni tal-kontenituri u tas-siġilli: Deskrizzjoni tal-kontenituri, inkluż karatteristiċi li jippermettu l-issiġillar. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

21. Element weight/Piż tal-element: Il-piż tal-element għandu jingħata fi grammi. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

22. Fissile weight/Piż fissili: Il-piż tal-isotopu/i fissili (għal uranju b'arrikkiment baxx u uranju b'arrikkiment għoli: piż tal-isotopu U-233 u U-235) għandu jingħata fi grammi. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

23. Material container/Kontenitur tal-materjal: It-tip ta' kontenitur li jżomm il-materjal nukleari, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (15) ta' dan ir-Regolament.

24. Means of transport/Mezz ta' trasport: Indika, fejn xieraq, il-mezz ta' trasport. Jista' jintuża aktar minn kodiċi wieħed jekk jintużaw diversi mezzi ta' trasport. F'każijiet bħal dawn, il-kodiċijiet għandhom jiġu sseparati b'punt u virgola.

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Mezz ta' trasport	Kodiċi
Arja	A
Ilma	W
Fit-triq	R
Ferrovija	T
Oħrajn	O

25. Location where material will be stored or prepared/Post fejn il-materjal ser jinħażen jew jitħejja: Il-post fi ħdan iż-żona ta' bilanċ tal-materjal fejn il-materjal nukleari huwa mħejji għat-trasport u jista' jiġi identifikat, u fejn il-kwantità u l-kompożizzjoni tiegħu jistgħu jkunu vverifikati.

26. Last date when material can be identified/L-aħħar data meta l-materjal jista' jiġi identifikat: L-aħħar data meta l-materjal nukleari jista' jiġi identifikat u meta l-kwantità u l-kompożizzjoni tiegħu jistgħu jiġu vverifikati.

27. Date of dispatch/Data tad-dispaċċ: Data mistennija tad-dispaċċ. Għandha tiġi indikata data waħda għal kull lott.

28. Date of arrival/Data tal-wasla: Data mistennija tal-wasla fid-destinazzjoni. Għandha tiġi indikata data waħda għal kull lott.

29. Intended use/Użu maħsub: L-użu li għalih jiġi assenjat il-materjal nukleari.

30. Euratom Supply Agency (ESA) contractual reference/Referenza kuntrattwali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA): Indika, fejn xieraq:

— Referenza kuntrattwali tal-ESA jew, jekk mhux disponibbli, id-data li fiha sar il-kuntratt jew tqies li ġie konkluż mill-Aġenzija Fornitriċi, u kwalunkwe referenza utli.

— għal kuntratti ta' xogħol (l-Artiklu 75 tat-Trattat) u għal kuntratti għall-provvista ta' kwantitajiet żgħar ta' materjal (l-Artikolu 74 tat-Trattat, u r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 17/66/Euratom kif emendat mir-Regolament (Euratom) Nru 3137/74), id-data tan-notifika lill-ESA u kwalunkwe referenza utli.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

2. Fil-każ ta' trasferiment intra-UE, il-konsenjatur għandu jipprovdi lir-riċevitur bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

3. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

4. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

5. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

6. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

7. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS VII

NOTIFIKA ANTIĊIPATA TA' IMPORTAZZJONIJIET/WASLIET TA' MATERJAL NUKLEARI

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Legal entity or name of installation	Karattru (256)	Isem l-entità ġuridika jew tal-installazzjoni	1
Report type	Karattru (4)	ANIR li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	2
Advance notification reference code	Karattru (12)	Kodiċi ta' referenza għan-notifika antiċipata	3
Shipper MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tittrasporta	4
Receiver MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirċievi	5
Shipping installation	Karattru (256)	Id-dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tittrasporta	6
Receiving installation	Karattru (256)	Dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tirċievi	7
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	8
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	9

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	10
Batch	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal lott ta' materjal nukleari	11
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-materjal nukleari	12
Obligation	Karattru (5)	Obbligu ta' salvagwardja	13
Chemical composition	Karattru (64)	Kompożizzjoni kimika	14
Isotope	Karattru (1)	Isotopu fissili tal-uranju	15
Enrichment	Numru (3,3)	Kompożizzjoni perċentwali tal-uranju-235	16
Material state	Karattru (1)	Stat tal-materjal	17
Material form	Karattru (2)	Forma tal-materjal	18
Number of items	Numru	Għadd ta' oġġetti	19
Description of containers and seals	Karattru (256)	Deskrizzjoni tal-kontenituri u l-għażliet ta' ssiġillar	20
Element weight	Numru (24,3)	Piż tal-element	21
Fissile weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu fissili	22

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Means of transport	Karattru (1) (għal kull mezz ta' trasport)	Mezzi ta' trasport ta' materjal nukleari	23
Date of arrival	Data (JJXXSSSS)	Data tal-wasla tal-materjal nukleari	24
Location where materials will be unpacked	Karattru (256)	Post fejn il-materjal nukleari ser jitneħħa mill-pakketti	25
Date when materials will be unpacked	Data (JJXXSSSS)	Data meta l-materjal nukleari ser jitneħħa mill-pakketti	26
Intended use	Karattru (256)	L-użu maħsub għall-materjal nukleari	27
Euratom Supply Agency (ESA) contractual reference	Karattru (64)	Numru ta' referenza kuntrattwali tal-ESA	28

Noti ta' spjegazzjoni

1. Legal entity or name of installation/Entità ġuridika jew isem l-installazzjoni: L-isem tal-entità ġuridika jew tal-installazzjoni li tinnotifika lill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: ANIR li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.

3. Advance notification reference code/Kodiċi ta' referenza tan-notifika antiċipata: Il-kodiċi ta' referenza għan-notifiki antiċipati li għandhom jintużaw fir-rapport ta' bidla fl-inventarju.

4. Shipper MBA/Konsenjatur MBA: Il-kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal tal-konsenjatur fil-każ ta' trasferiment intra-UE u, jekk ikun magħruf, fil-każ ta' importazzjoni minn pajjiż terz.

5. Receiver MBA/MBA li tirċievi: Il-kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal tar-riċevitur kif innotifikat mill-Kummissjoni lill-installazzjoni kkonċernata.

6. Shipping installation/Installazzjoni li tittrasporta: L-isem, l-indirizz u l-pajjiż tal-installazzjoni li tittrasporta l-materjal nukleari.

7. Receiving installation/Installazzjoni li tirċievi: L-isem, l-indirizz u l-pajjiż tal-installazzjoni li tirċievi l-materjal nukleari.

8. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.

9. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

10. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1 f'kull rapport, mingħajr spazji.

11. Batch/Lott: In-numru ta' Identifikazzjoni tal-lott. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

12. Element category/Kategorija tal-element: Il-kategorija tal-materjal nukleari. Uża l-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (25) ta' dan ir-Regolament.

13. Obligation/Obbligu: Indikazzjoni tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja assunt mill-Komunità skont Ftehim konklużma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, li għalih huwa soġġett il-materjal (l-Artikolu 19). Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kodiċijiet xierqa lill-installazzjonijiet fuq talba. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

14. Chemical composition/Kompożizzjoni kimika: Il-kompożizzjoni kimika tal-lott. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

15. Isotope/Isotopi: Dan il-kodiċi jindika t-tip ta' isotopi fissili involuti u għandu jintuża meta l-piż ta' isotopi fissili jiġi rrapportat. Uża l-kodiċijiet tal-isotopi kif stabbiliti fl-Anness III (27) ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

16. Enrichment/Arrikkiment: Kompożizzjoni perċentwali tal-uranju-235. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

17. Material state/Stat tal-materjal: L-istat tal-materjal tal-lott, bl-użu ta' kodiċijiet tal-istat tal-materjal kif stabbiliti fl-Anness III (16) ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

18. Material form/Forma tal-materjal: Il-forma tal-materjal tal-lott, bl-użu tad-deskrizzjoni tal-materjali kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

19. Number of items/Għadd ta' oġġetti: L-għadd ta' oġġetti inklużi fil-lott, f'konformità mal-Anness III (24) ta' dan ir-Regolament.

20. Description of containers and seals/Deskrizzjoni tal-kontenituri u tas-siġilli: Deskrizzjoni tal-kontenituri, inkluż karatteristiċi li jippermettu l-issiġillar. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

21. Element weight/Piż tal-element: Il-piż tal-element għandu jingħata fi grammi. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

22. Fissile weight/Piż fissili: Il-piż tal-isotopu/i fissili (għal uranju b'arrikkiment baxx u uranju b'arrikkiment għoli: piż tal-isotopu U-233 u U-235) għandu jingħata fi grammi. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju b'arrikkiment.

23. Means of transport/Mezz ta' trasport: Indika, fejn xieraq, il-mezz ta' trasport bl-użu tal-kodiċijiet kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt (24), ta' dan ir-Regolament.

24. Date of arrival/Data tal-wasla: Data mistennija jew attwali tal-wasla fiż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta.

25. Location where materials will be unpacked/Post fejn il-materjali ser jitneħħew mill-pakketti: Il-post fi ħdan iż-żona ta' bilanċ fejn il-materjal ser jitneħħa mill-pakketti u jista' jiġi identifikat, u fejn il-kwantità u l-kompożizzjoni tiegħu jistgħu jiġu vverifikati.

26. Date when materials will be unpacked/Data meta l-materjali ser jitneħħew mill-pakketti: Id-data mistennija meta l-materjali ser jitneħħew mill-pakketti.

27. Intended use/Użu maħsub: L-użu li għalih jiġi assenjat il-materjal nukleari.

28. Euratom Supply Agency (ESA) contractual reference/Referenza kuntrattwali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA): Indika, fejn xieraq:

— Referenza kuntrattwali tal-ESA jew, jekk mhux disponibbli, id-data li fiha sar il-kuntratt jew tqies li ġie konkluż mill-ESA, u kwalunkwe referenza utli.

— Għal kuntratti ta' xogħol (l-Artiklu 75 tat-Trattat) u għal kuntratti għall-provvista ta' kwantitajiet żgħar ta' materjal (l-Artikolu 74 tat-Trattat, u r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 17/66/Euratom kif emendat mir-Regolament (Euratom) Nru 3137/74), id-data tan-notifika lill-aġenzija fornitriċi u kwalunkwe referenza utli.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

2. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

3. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

4. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

5. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

6. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS VIII

RAPPORT TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' MINERALI

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Undertaking	Karattru (256)	Isem u indirizz tal-impriża li tirrapporta	1
Report type	Karattru (5)	OREXS li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	2
Mine name	Karattru (256)	Isem il-minjiera	3
Mine code	Karattru (4)	Kodiċi tal-minjiera	4
Report year	Sena	Is-sena koperta mir-rapport	5
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data meta jintbagħat ir-rapport	6
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	7
Report number	Numru	Numru ta' referenza uniku	8

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	9
Date of dispatch	Data (JJXXSSSS)	Id-data tal-esportazzjonijiet/vjeġġi individwali	10
Consignee	Karattru (256)	Ir-riċevitur tal-importazzjoni/wasla	11
Uranium weight	Numru (24,3)	Piż tal-uranju	12
Thorium weight	Numru (24,3)	Piż tat-torju	13
Comment	Karattru (256)	Kumment addizzjonali	14

Noti ta' spjegazzjoni

1. Undertaking/Impriża: Isem u indirizz tal-impriża li tirrapporta.
2. Report type/Tip ta' rapport: OREXS li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.
3. Mine name/Isem il-minjiera: Isem il-minjiera li fir-rigward tagħha qed isir ir-rapport.
4. Mine code/Kodiċi tal-minjiera: Kodiċi tal-minjiera kif innotifikat lill-impriża mill-Kummissjoni.
5. Report year/Sena ta' rapportar: Is-sena kalendarja li hija koperta mir-rapport.
6. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.
7. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.
8. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali (mingħajr spazji) għar-rapport tal-esportazzjonijiet/vjeġġi ta' minerali.
9. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1 f'kull rapport, mingħajr spazji.
10. Date of dispatch/Data tad-dispaċċ: Id-data tal-esportazzjonijiet/vjeġġi individwali.
11. Consignee/Destinatarju: Ir-riċevitur tal-importazzjonijiet/wasliet.
12. Uranium weight/Piż tal-uranju: Il-piż tal-uranju fil-mineral, fi grammi.

13. Thorium weight/Piż tat-torju: Il-piż tat-torju fil-mineral, fi grammi.

14. Comment/Kumment: Kwalunkwe informazzjoni rilevanti addizzjonali dwar l-esportazzjonijiet/vjeġġi tal-minerali.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Ir-rapport tal-vjeġġi għandu jsir mhux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar ta' kull sena għas-sena preċedenti, b'entrata separata għal kull destinatarju. Għandha tiġi introdotta linja separata fir-rapport għal kull kunsinna ta' esportazzjoni fid-data tal-vjeġġ.

2. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

3. Fil-każ ta' trasferiment intra-UE, il-konsenjatur għandu jipprovdi lir-riċevitur bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

4. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

5. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

6. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

7. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

8. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS IX

TALBA GĦAL DEROGA SKONT L-ARTIKOLU 22

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Installation	Karattru (256)	Isem u indirizz tal-installazzjoni	1
Report type	Karattru (5)	DERRQ li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	2
MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tirrapporta	3
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-materjal nukleari	4
Derogation type	Karattru (1)	Tip ta' deroga	5
Intended use	Karattru (256)	Użu/i maħsub(a) tal-materjal(i) nukleari	6
Request date	Data (JJXXSSSS)	Data li fiha t-talba tintbagħat lill-Kummissjoni	7
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	8
Report number	Numru	Numru ta' referenza uniku	9

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	10
Enrichment	Numru (3,3)	Kompożizzjoni perċentwali tal-uranju-235	11
Isotopic composition	Numru (24,3) (għal kull isotopu)	Pożijiet isotopiċi tal-plutonju	12
Element weight	Numru (24,3)	Piż tal-element	13
Fissile weight	Numru (24,3)	Piż ta' isotopu fissili	14
Chemical composition	Karattru (64)	Kompożizzjoni(jiet) kimika/kimiċi tal-oġġetti fl-inventarju	15
Material form	Karattru (2)	Forma tal-materjal	16
Number of items	Numru	Għadd ta' oġġetti	17
Obligation	Karattru (5)	Obbligu ta' salvagwardja	18

Noti ta' spjegazzjoni

1. Installation/Installazzjoni: Isem u indirizz tal-installazzjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: DERRQ li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.

3. MBA/MBA: Kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

4. Element category/Kategorija tal-element: Il-kategorija tal-elementi tal-materjal nukleari, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (25) ta' dan ir-Regolament.

5. Derogation type/Tip ta' deroga: It-tip ta' deroga (l-Artikolu 22(2)) għandu jkun indikat.

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Tip ta' deroga	Kodiċi
Kwantitajiet żgħar miżmuma mhux mibdulin għal perjodu twil	A
Użu esklużiv f'attivitajiet mhux nukleari	B
Użu f'komponenti ta' ssensjar	C
Pu b'kontenut ta' Pu-238 ta' aktar minn 80 %	D

6. Intended use/Użu maħsub: L-użu maħsub tal-materjali nukleari.

7. Request date/Data tat-talba: Id-data li fiha t-talba tintbagħat lill-Kummissjoni.

8. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

9. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali (mingħajr spazji) għat-talba għal deroga.

10. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1 f'kull rapport, mingħajr spazji.

11. Enrichment/Arrikkiment: Kompożizzjoni perċentwali tal-uranju-235. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

12. Isotopic composition/Kompożizzjoni isotopika: Il-kompożizzjoni isotopika ta' Pu għandha tiġi rrapportata fil-format bħala lista ta' piżijiet isseparati minn punt u virgola biex jindika l-piż ta' Pu-238, Pu-239, Pu-240, Pu-241 u Pu-242.

13. Element weight/Piż tal-element: Il-piż tal-element għandu jingħata fi grammi.

14. Fissile weight/Piż fissili: Il-piż tal-isotopu/i fissili (għal uranju b'arrikkiment baxx u uranju b'arrikkiment għoli: piż tal-isotopu U-233 u U-235) għandu jingħata fi grammi.

15. Chemical composition/Kompożizzjoni kimika: Il-kompożizzjoni(jiet) kimika/kimiċi tal-oġġetti fl-inventarju.

16. Material form/Forma tal-materjal: Il-forma/forom fiżiċi tal-oġġetti fl-inventarju, bl-użu tad-deskrizzjoni tal-materjali kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

17. Number of items/Għadd ta' oġġetti: L-għadd ta' oġġetti fl-inventarju.

18. Obligation/Obbligu: Indikazzjoni tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja assunt mill-Komunità skont Ftehim konklużi ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, li għalih huwa soġġett il-materjal (l-Artikolu 19). Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kodiċijiet xierqa lill-installazzjonijiet fuq talba. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Għandha tiġi ppreżentata talba separata għal kull tip ta' deroga (l-Artikolu 22(2)) u għal kull kategorija ta' elementi.

2. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

3. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

4. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

5. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

6. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

7. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS X

LISTA INDIKATTIVA TA' OĠĠETTI TAL-INVENTARJU (LII)

RIMARKI ĠENERALI DWAR L-GĦOTI TAL-LISTA TA' OĠĠETTI TAL-INVENTARJU

1. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta għal kull oġġett kull meta tkun meħtieġa għat-tħaddim normali tal-installazzjoni.

2. L-informazzjoni tista' tiġi pprovduta bħala parti minn sett akbar ta' informazzjoni miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-operatur.

3. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

4. Jekk l-informazzjoni tinżamm b'mod elettroniku mill-installazzjoni, il-lista ta' oġġetti tal-inventarju għandha tiġi pprovduta f'forma elettronika.

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tirrapporta	1
Report type	Karattru (3)	LII li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	2
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data li fiha l-LII hija valida	3
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	4
Report number	Numru	Numru ta' referenza uniku	5
Report version	Numru	Verżjoni tal-LII pprovduta	6

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	7
Item ID	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal oġġett ta' materjal nukleari	8
Batch	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal lott ta' materjal nukleari	9
Container ID	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal kontenitur li jżomm materjal nukleari	10
KMP	Karattru (1)	Punt ewlieni tal-kejl (KMP)	11
Area	Karattru (10)	Indikazzjoni taż-żona (jew punt ta' kejl ewlieni)	12
Sub area	Karattru (10)	Indikazzjoni tas-subżona	13
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-materjal nukleari	14
Material form	Karattru (2)	Kodiċi tal-forma tal-materjal	15
Material container	Karattru (1)	Kodiċi tal-kontenitur tal-materjal	16
Material state	Karattru (1)	Kodiċi tal-istat tal-materjal	17

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Volume	Numru (24,3)	Volum ta' fluwidu fit-tank	18
Gross weight	Numru (24,3)	Piż gross tal-kontenitur u tal-materjal nukleari	19
Nuclear material weight	Numru (24,3)	Piż totali tal-materjal nukleari	20
Uranium weight	Numru (24,3)	Piż totali tal-uranju	21
U233 weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu tal-uranju 233	22
U235 weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu tal-uranju 235	23
Plutonium weight	Numru (24,3)	Piż totali tal-plutonju	24
Thorium weight	Numru (24,3)	Piż totali tat-torju	25
Obligation	Karattru (5)	Obbligu ta' salvagwardja	26
Accessibility for physical verification	Karattru (1)	Indikazzjoni tal-aċċessibbiltà tal-oġġett għall-verifika fiżika	27
Comment	Karattru (256)	Kumment tal-operatur	28

Noti ta' spjegazzjoni

1. MBA/MBA: Kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: LII li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.

3. Report date/Data tar-rapport: Data li fiha l-lista ta' oġġetti tal-inventarju tkun valida.

4. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

5. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali (mingħajr spazji) għal-lista ta' oġġetti tal-inventarju.

6. Report version/Verżjoni tar-rapport: Numru tal-verżjoni tal-LII. Numru sekwenzjali, fejn l-LII inizjali pprovduta għandha tkun il-verżjoni 1, mingħajr spazji.

7. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1, mingħajr spazji.

8. Item ID/ID tal-entrata: Identifikatur uniku għall-oġġett.

9. Batch/Lott: Identifikatur uniku għal lott ta' materjal nukleari li jinkludi oġġett wieħed jew aktar. Għalhekk, l-istess identifikatur tal-lott jista' jintuża għal diversi oġġetti.

10. Container ID/ID tal-kontenitur: Identifikatur uniku għall-kontenitur. L-istess ID tal-kontenitur jista' jintuża għal diversi oġġetti.

11. KMP/KMP: Punt essenzjali ta' kejl. Il-kodiċijiet huma nnotifikati lill-installazzjoni kkonċernata u elenkati fid-dispożizzjonijiet partikolari ta' salvagwardja. Jekk ma jiġu nnotifikati l-ebda kodiċijiet speċifikati, għandha tintuża "&".

12. Area/Żona: Żona fejn jinsab l-oġġett. Dan jista' jkun punt ewlieni ta' kejl.

13. Sub area/Subżona: Subżona fejn jinsab l-oġġett.

14. Element category/Kategorija tal-element: Il-kategorija tal-elementi tal-materjal nukleari, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (25) ta' dan ir-Regolament

15. Material form/Forma tal-materjal: Il-forma tal-materjal tal-lott, bl-użu tad-deskrizzjoni tal-materjali kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament

16. Material container/Kontenitur tal-materjal: It-tip ta' kontenitur li jżomm il-materjal nukleari, bl-użu tal-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (15) ta' dan ir-Regolament

17. Material state/Stat tal-materjal: L-istat tal-materjal tal-lott, bl-użu ta' kodiċijiet tal-istat tal-materjal kif stabbilit fl-Anness III (16) ta' dan ir-Regolament

18. Volume/Volum: Volum ta' fluwidu f'tank, li għandu jiġi rrapportat f'litri, sa massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

19. Gross weight/Piż gross: Piż gross tal-kontenitur u tal-materjal nukleari, li għandu jiġi rrapportat fi g, sa massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

20. Nuclear material weight/Piż tal-materjal nukleari: Piż totali tal-materjal nukleari, li għandu jiġi rrapportat fi g, b'massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

21. Uranium weight/Piż tal-uranju: Il-piż tal-uranju, li għandu jiġi rrapportat fi g, b'massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

22. U233 weight/Piż tal-U233: Il-piż tal-uranju-233, li għandu jiġi rrapportat fi g, b'massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

23. U235 weight/Piż tal-U235: Il-piż tal-uranju-235, li għandu jiġi rrapportat fi g, b'massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

24. Plutonium weight/Piż tal-plutonju: Il-piż tal-plutonju, li għandu jiġi rrapportat fi g, b'massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

25. Thorium weight/Piż tat-torju: Il-piż tat-torju, li għandu jiġi rrapportat fi g, b'massimu ta' tliet pożizzjonijiet deċimali.

26. Obligation/Obbligu: Indikazzjoni tal-obbligu partikolari ta' salvagwardja assunt mill-Komunità skont Ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, li għalih huwa soġġett il-materjal (l-Artikolu 19). Din tista' tikkorrispondi wkoll għal pool code, meta jkun awtorizzat skont l-Artikolu 20. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kodiċijiet xierqa lill-installazzjonijiet fuq talba.

27. Accessibility for physical verification/Aċċessibbiltà għall-verifika fiżika: Indikazzjoni tal-aċċessibbiltà tal-oġġett għall-verifika fiżika mill-ispetturi tal-Kummissjoni.

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

Aċċessibbiltà	Kodiċi
Faċli	E
Diffiċli	D
Impossibbli	I

Fejn jintuża "diffiċli" jew "impossibbli", hija meħtieġa ġustifikazzjoni fis-sezzjoni tal-kummenti (28).

28. Comment/Kumment: Kumment fakultattiv.

ANNESS XI

PROGRAMM ĠENERALI TAL-ATTIVITAJIET

Il-programm ġenerali tal-attivitajiet għandu jindika, jekk applikabbli:

— tipi ta' operazzjonijiet, pereżempju kampanji proposti bl-indikazzjoni tat-tip u l-kwantità ta' elementi ta' fjuwil li jridu jiġu fabbrikati jew riproċessati, programmi ta' arrikkiment, programmi ta' operazzjoni tar-reatturi, bl-għeluq ippjanat, kampanji ppjanati għad-disponiment finali;

— deskrizzjoni tal-attivitajiet ewlenin li jikkonċernaw il-kostruzzjoni jew id-dekummissjonar tal-installazzjoni;

— skeda mistennija ta' wasla ta' materjali, li tiddikjara l-ammont ta' materjal għal kull lott, il-forma (UF6, UO2, fjuwils friski jew irradjati, eċċ.), tip mistenni ta' kontenitur jew imballaġġ;

— skeda mistennija ta' kampanji għal ipproċessar ta' skart (minbarra imballaġġ mill-ġdid, jew aktar ikkundizzjonar mingħajr separazzjoni ta' elementi), li tiddikjara l-ammont ta' materjal għal kull lott, il-forma (ħġieġ, likwidu attiv għoli, eċċ), tul ta' żmien u post mistennija;

— dati li fihom il-kwantità ta' materjal fi prodotti hija mistennija li tkun iddeterminata, u dati ta' dispaċċ;

— dati u tul tat-teħid tal-inventarju fiżiku.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

2. Il-programm ġenerali tal-attivitajiet għandu jiġi pprovdut f'forma elettronika u għandu jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS XII

NOTIFIKA ANTIĊIPATA TA' AKTAR ATTIVITAJIET TA' PPROĊESSAR TA' SKART

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-MBA li tirrapporta	1
Report type	Karattru (5)	ANFWP li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	2
Installation	Karattru (256)	Isem l-installazzjoni	3
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	4
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	5
Report number	Numru	Numru ta' referenza uniku	6

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	7
Item ID	Karattru (20)	Identifikatur uniku għal oġġett ta' materjal nukleari	8
Waste type	Karattru (2)	Tip ta' skart qabel l-ikkundizzjonar	9
Conditioned form	Karattru (2)	Forma kkundizzjonata tal-iskart kurrenti	10
Number of items	Numru	Għadd ta' oġġetti	11
Plutonium weight	Numru (24,3)	Piż tal-Pu	12
HEU weight	Numru (24,3)	Piż tal-HEU	13
U233 weight	Numru (24,3)	Piż tal-U233	14
Storage location	Karattru (256)	Il-post tal-iskart fil-ħin tad-dikjarazzjoni	15
Processing location	Karattru (256)	Il-post fejn għandu jsir l-ipproċessar ippjanat	16
Processing start date	Data (JJXXSSSS)	Data tal-bidu tal-ipproċessar	17
Processing end date	Data (JJXXSSSS)	Data tat-tmiem tal-ipproċessar	18
Processing purpose	Karattru (256)	Ir-riżultat maħsub tal-ipproċessar	19
Previous report	Numru	Rapport li għalih tirreferi l-entrata kurrenti	20
Previous line	Numru	Linja fir-rapport indikata taħt 20 li għaliha tirreferi l-entrata kurrenti	21

Noti ta' spjegazzjoni:

1. MBA/MBA: Kodiċi MBA taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: ANFWP li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.

3. Installation/Installazzjoni: Isem l-installazzjoni.

4. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.

5. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

6. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali (mingħajr spazji) għan-notifika antiċipata ta' aktar attivitajiet ta' pproċessar tal-iskart.

7. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1, mingħajr spazji.

8. Item ID/ID tal-entrata: Identifikatur uniku għal grupp ta' materjal nukleari.

9. Waste type/Tip ta' skart: It-tip ta' skart qabel ma seħħ kwalunkwe kundizzjonament. Uża l-kodiċijiet tal-forma tal-materjal (dawk relatati mal-fdal, mal-iskart solidu jew mal-iskart likwidu) kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

10. Conditioned form/Forma kkundizzjunata: Il-forma kundizzjonata tal-iskart kurrenti. Uża l-kodiċijiet tal-forma tal-materjal (dawk relatati ma' skart ikkundizzjonat) kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

11. Number of items/Għadd ta' oġġetti: L-għadd ta' oġġetti, eż. kaxxetti tal-ħġieġ jew blokok tas-siment, li għandhom ikunu involuti f'kampanja ta' pproċessar waħda.

12. Plutonium weight/Piż tal-plutonju: Il-piż totali, fi grammi, tal-plutonju li jinsab fl-oġġetti kollha. Il-piż jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż użata fir-rapporti ta' bidla fl-inventarju, u ma jirrikjedix kejl ta' kull oġġett.

13. HEU weight/Piż tal-HEU: Il-piż totali, fi grammi, ta' uranju b'arrikkiment għoli li jinsab fl-oġġetti kollha. Il-piż jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż użata fir-rapporti ta' bidla fl-inventarju, u ma jirrikjedix kejl ta' kull oġġett.

14. U233 weight/Piż tal-U233: Il-piż totali, fi grammi, tal-uranju-233 li jinsab fl-oġġetti kollha. Il-piż jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż użata fir-rapporti ta' bidla fl-inventarju, u ma jirrikjedix kejl ta' kull oġġett.

15. Storage location/Post tal-ħżin: Il-kolonna "Post" għandha tinkludi l-isem u l-indirizz tal-installazzjoni u għandha turi l-post tal-iskart fil-mument tad-dikjarazzjoni. L-indirizz għandu jkun dettaljat biżżejjed biex jindika l-pożizzjoni ġeografika tal-post fir-rigward ta' postijiet oħrajn speċifikati f'din id-dikjarazzjoni jew f'oħrajn, u li jindika kif il-post jista' jintlaħaq jekk ikun meħtieġ l-aċċess. Jekk il-post huwa f'sit ta' installazzjoni nukleari, il-kodiċi tal-installazzjoni għandu jkun inkluż fil-kolonna tal-post.

16. Processing location/Post tal-ipproċessar: Il-post fejn għandu jsir l-ipproċessar ippjanat.

17. Processing start date/Data tal-bidu tal-ipproċessar: Id-data li fiha l-kampanja ta' pproċessar ulterjuri hija mistennija tibda.

18. Processing end date/Data tat-tmiem tal-ipproċessar: Id-data li fiha l-kampanja ta' pproċessar ulterjuri hija mistennija li tintemm.

19. Processing purpose/Għan tal-ipproċessar: Ir-riżultat maħsub tal-ipproċessar, eż. l-irkupru tal-plutonju jew is-separazzjoni ta' prodotti tal-fissjoni speċifikati

20. Previous report/Rapport preċedenti: Ir-"rapport preċedenti" jindika li l-entrata kurrenti żżid jew taġġorna l-informazzjoni rrapportata aktar kmieni f'dan ir-rapport imsemmi.

21. Previous line/Linja preċedenti: Il-"linja preċedenti" tindika li l-entrata kurrenti żżid jew taġġorna l-informazzjoni rrapportata aktar kmieni f'din il-linja msemmija tar-rapport indikata fil-punt 20.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Din il-formola għandha tintuża għal notifika antiċipata meta aktar ipproċessar ta' skart huwa ppjanat f'konformità mal-Artikolu 34. Kwalunkwe bidla sussegwenti fid-dati ta' pproċessar jew post ta' pproċessar għandha tkun innotifikata wkoll. Għandha ssir entrata separata għal kull kampanja ta' aktar ipproċessar minbarra l-imballaġġ mill-ġdid tal-iskart, jew aktar ikkundizzjonar tiegħu li ma jinvolvix is-separazzjoni ta' elementi, imwettaq għal għanijiet ta' ħżin jew disponiment.

2. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

3. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

4. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

5. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

6. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

7. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS XIII

RAPPORT ANNWALI TA' ESPORTAZZJONIJIET/VJEĠĠI TA' SKART IKKUNDIZZJONAT

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Shipping installation	Karattru (256)	Dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tittrasporta	1
Shipper MBA	Karattru (4)	Installazzjoni li tittrasporta bil-kodiċi MBA	2
Report type	Karattru (4)	CWXS li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	3
Start report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-ewwel jum fil-perjodu ta' rapportar	4
End report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-aħħar jum fil-perjodu ta' rapportar	5
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	6
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	7
Report number	Numru	Numru ta' referenza uniku	8

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	9
Date of dispatch	Data (JJXXSSSS)	Id-data tal-esportazzjonijiet/vjeġġi individwali	10
Receiving installation	Karattru (256)	Dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tirċievi	11
Receiver MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirċievi	12
Conditioned form	Karattru (2)	Il-forma kkundizzjonata tal-iskart	13
Plutonium weight	Numru (24,3)	Piż tal-plutonju	14
U235 weight	Numru (24,3)	Piż tal-U235	15
Uranium weight	Numru (24,3)	Piż tal-uranju	16
Thorium weight	Numru (24,3)	Piż tat-torju	17
Comment	Karattru (256)	Kumment addizzjonali	18

Noti ta' spjegazzjoni:

1. Shipping installation/Installazzjoni li tittrasporta: Isem u indirizz tal-installazzjoni li tittrasporta.
2. Shipper MBA/Konsenjatur MBA: Kodiċi MBA taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.
3. Report type/Tip ta' rapport: CWXS li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.
4. Start report/Rapport tal-bidu: Data tal-ewwel jum fil-perjodu ta' rapportar.
5. End report/Rapport tat-tmiem: Data tal-aħħar jum fil-perjodu ta' rapportar.
6. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.
7. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

8. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali (mingħajr spazji) għar-rapport annwali dwar l-esportazzjonijiet/il-vjeġġi ta' skart ikkundizzjonat.

9. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1, mingħajr spazji.

10. Date of dispatch/Data tad-dispaċċ: Id-data tal-esportazzjonijiet/vjeġġi individwali.

11. Receiving installation/Installazzjoni li tirċievi: Isem u indirizz tal-installazzjoni li tirċievi.

12. Receiver MBA/MBA li tirċievi: Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirċievi, li għandu jimtela għall-vjeġġi lejn installazzjonijiet fit-territorji tal-Istati Membri.

13. Conditioned form/Forma kkundizzjunata: Il-forma kkundizzjonata tal-iskart. Uża l-kodiċijiet tal-forma tal-materjal (dawk relatati ma' skart ikkundizzjonat) kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

14. Plutonium weight/Piż tal-plutonju: Il-piż tal-plutonju jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti esportati/ttrasportati.

15. U235 weight/Piż tal-U235: Il-piż tal-uranju-235 jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti esportati/ttrasportati.

16. Uranium weight/Piż tal-uranju: Il-piż totali tal-uranju jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti esportati/ttrasportati.

17. Thorium weight/Piż tat-torju: Il-piż tat-torju jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti esportati/ttrasportati.

18. Comment/Kumment: Jista' jiżdied kumment fakultattiv.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Din il-komunikazzjoni għandha tinkludi l-esportazzjonijiet jew il-vjeġġi kollha ta' skart ikkundizzjonat lejn installazzjonijiet fit-territorji tal-Istati Membri jew barra minnhom li seħħew matul il-perjodu ta' rapportar.

2. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

3. Fil-każ ta' trasferiment intra-UE, il-konsenjatur għandu jipprovdi lir-riċevitur bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

4. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

5. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

6. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

7. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

8. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom

ANNESS XIV

RAPPORT ANNWALI TA' IMPORTAZZJONIJIET/WASLIET TA' SKART IKKUNDIZZJONAT

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Receiving installation	Karattru (256)	Dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tirċievi	1
Receiver MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirċievi	2
Report type	Karattru (4)	CWIR li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	3
Start report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-ewwel jum fil-perjodu ta' rapportar	4
End report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-aħħar jum fil-perjodu ta' rapportar	5
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	6
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	7
Report number	Numru	Numru ta' referenza uniku	8

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	9
Date of arrival	Data (JJXXSSSS)	Data tal-wasla tal-iskart ikkundizzjonat	10
Shipping installation	Karattru (256)	Id-dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tittrasporta	11
Shipper MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tittrasporta	12
Conditioned form	Karattru (2)	Il-forma kkundizzjonata tal-iskart	13
Plutonium weight	Numru (24,3)	Piż tal-plutonju	14
U235 weight	Numru (24,3)	Piż tal-U235	15
Uranium weight	Numru (24,3)	Piż tal-uranju	16
Thorium weight	Numru (24,3)	Piż tat-torju	17
Comment	Karattru (256)	Kumment addizzjonali	18

Noti ta' spjegazzjoni:

1. Receiving installation/Installazzjoni li tirċievi: Isem u indirizz tal-installazzjoni li tirċievi.
2. Receiver MBA/MBA li tirċievi: Il-kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirċievi. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.
3. Report type/Tip ta' rapport: CWIR li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.
4. Start report/Rapport tal-bidu: Data tal-ewwel jum fil-perjodu ta' rapportar.
5. End report/Rapport tat-tmiem: Data tal-aħħar jum fil-perjodu ta' rapportar.
6. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.
7. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

8. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali (mingħajr spazji) għar-rapport annwali dwar l-importazzjonijiet/il-wasliet ta' skart ikkundizzjonat.

9. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1, mingħajr spazji.

10. Date of arrival/Data tal-wasla: Id-data tal-wasla tal-iskart ikkundizzjonat.

11. Shipping installation/Installazzjoni li tittrasporta: Isem u indirizz tal-installazzjoni li tittrasporta.

12. Shipper MBA/Konsenjatur MBA: Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tittrasporta, li għandu jimtela għall-wasliet minn installazzjonijiet fit-territorji tal-Istati Membri.

13. Conditioned form/Forma kkundizzjunata: Il-forma kkundizzjonata tal-iskart. Uża l-kodiċijiet tal-forma tal-materjal (dawk relatati ma' skart ikkundizzjonat) kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

14. Plutonium weight/Piż tal-plutonju: Il-piż tal-plutonju jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti importati/riċevuti.

15. U235 weight/Piż tal-U235: Il-piż tal-uranju-235 jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti importati/riċevuti.

16. Uranium weight/Piż tal-uranju: Il-piż totali tal-uranju jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti importati/riċevuti.

17. Thorium weight/Piż tat-torju: Il-piż tat-torju jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż irreġistrata fl-installazzjoni u ma jirrikjedix kejl tal-oġġetti importati/riċevuti.

18. Comment/Kumment: Jista' jiżdied kumment fakultattiv.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Dan ir-rapport għandu jinkludi l-importazzjonijiet jew il-wasliet kollha ta' skart ikkundizzjonat minn installazzjonijiet fit-territorji tal-Istati Membri jew barra minnhom li seħħ matul il-perjodu ta' rapportar.

2. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

3. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

4. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

5. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

6. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

7. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS XV

RAPPORT ANNWALI DWAR TRASFERIMENTI TA' SKART IKKUNDIZZJONAT

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirrapporta	1
Report type	Karattru (5)	CWLOC li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	2
Installation	Karattru (256)	Isem tal-installazzjoni li tirrapporta	3
Report number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	4
Start report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-ewwel jum fil-perjodu ta' rapportar	5
End report	Data (JJXXSSSS)	Data tal-aħħar jum fil-perjodu ta' rapportar	6
Report date	Data (JJXXSSSS)	Data ta' meta tlesta r-rapport	7
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	8

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	9
Waste type	Karattru (2)	Tip ta' skart qabel l-ikkundizzjonar	10
Conditioned form	Karattru (2)	Il-forma kkundizzjonata tal-iskart	11
Number of items	Numru	L-għadd ta' oġġetti	12
Plutonium weight	Numru (24,3)	Piż tal-plutonju	13
HEU weight	Numru (24,3)	Piż tal-HEU	14
U233 weight	Numru (24,3)	Piż tal-U233	15
Previous location	Karattru (256)	Il-post tal-iskart qabel it-trasferiment	16
New location	Karattru (256)	Il-post tal-iskart wara t-trasferiment	17
Previous report	Numru	Rapport li għalih tirreferi l-entrata kurrenti	18
Previous line	Numru	Linja fir-rapport indikata taħt 18 li għaliha tirreferi l-entrata kurrenti	19

Noti ta' spjegazzjoni:

1. MBA/MBA: Il-kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

2. Report type/Tip ta' rapport: CWLOC li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.

3. Installation/Installazzjoni: L-isem tal-installazzjoni li tirrapporta.

4. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali, mingħajr spazji.

5. Start report/Rapport tal-bidu: Data tal-ewwel jum fil-perjodu ta' rapportar.

6. End report/Rapport tat-tmiem: Data tal-aħħar jum fil-perjodu ta' rapportar.

7. Report date/Data tar-rapport: Data ta' meta tlesta r-rapport.

8. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

9. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1, mingħajr spazji.

10. Waste type/Tip ta' skart: It-tip ta' skart qabel ma seħħ kwalunkwe kundizzjonament. Uża l-kodiċijiet tal-forma tal-materjal (dawk relatati mal-fdal, mal-iskart solidu jew mal-iskart likwidu) kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

11. Conditioned form/Forma kkundizzjunata: Il-forma kkundizzjonata tal-iskart. Uża l-kodiċijiet tal-forma tal-materjal (dawk relatati ma' skart ikkundizzjonat) kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament.

12. Number of items/Għadd ta' oġġetti: L-għadd ta' oġġetti, eż. kaxxetti tal-ħġieġ jew blokok, li għandhom ikunu involuti f'kampanja ta' pproċessar waħda jew l-għadd ta' oġġetti mċaqalqa matul is-sena mill-istess post ta' oriġini ("preċedenti") għall-istess post ġdid.

13. Plutonium weight/Piż tal-plutonju: Il-piż totali, fi grammi, tal-plutonju li jinsab fl-oġġetti kollha. Il-piż jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż użata fir-rapport ta' bidla fl-inventarju, eż. il-piż medju ta' materjal nukleari għal kull oġġett, u ma jirrikjedix kejl ta' kull oġġett.

14. HEU weight/Piż tal-HEU: Il-piż totali, fi grammi, ta' uranju b'arrikkiment għoli li jinsab fl-oġġetti kollha. Il-piż jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż użata fir-rapport ta' bidla fl-inventarju, eż. il-piż medju ta' materjal nukleari għal kull oġġett, u ma jirrikjedix kejl ta' kull oġġett.

15. U233 weight/Piż tal-U233: Il-piż totali, fi grammi, tal-uranju-233 li jinsab fl-oġġetti kollha. Il-piż jista' jkun ibbażat fuq id-data tal-piż użata fir-rapport ta' bidla fl-inventarju, eż. il-piż medju ta' materjal nukleari għal kull oġġett, u ma jirrikjedix kejl ta' kull oġġett.

16. Previous location/Post preċedenti: Il-post tal-iskart qabel it-trasferiment.

17. New location/Post ġdid: Il-post wara t-trasferiment

18. Previous report/Rapport preċedenti: Ir-"rapport preċedenti" jindika li l-linja kurrenti żżid jew taġġorna l-informazzjoni rrapportata aktar kmieni f'dan ir-rapport imsemmi.

19. Previous line/Linja preċedenti: Il-"linja preċedenti" tindika li l-linja kurrenti żżid jew taġġorna l-informazzjoni rrapportata aktar kmieni f'din il-linja msemmija tar-rapport indikata fil-punt 18.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. Dan l-anness għandu jintuża għar-rapport annwali biex jiġi ddikjarat kwalunkwe trasferiment ta' skart kopert mill-punt (c) tal-Artikolu 35 li seħħ matul is-sena kalendarja preċedenti. Entrata separata hija meħtieġa għal kull bidla ta' post matul is-sena.

2. It-trasferimenti kollha ta' skart ikkundizzjonat għandhom ikunu raggruppati skont it-tip ta' skart (qabel l-ikkundizzjonar u wara l-ikkundizzjonar) u skont il-post preċedenti.

3. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

4. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

5. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

6. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

7. Ir-rapporti għandhom jitħejjew f'format xml bl-użu tal-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' pjattaforma ddedikata.

8. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.

ANNESS XVI

TALBA GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TA' SKAMBJU TA' OBBLIGI TA' SALVAGWARDJA DWAR IL-MATERJAL NUKLEARI

Intestatura

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Legal entity or name of installation	Karattru (256)	Entità ġuridika jew isem l-installazzjoni li titlob l-awtorizzazzjoni għal skambju ta' obbligi	1
Reporting MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni li tirrapporta	2
Reporting installation	Karattru (256)	Dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni li tirrapporta	3
Corresponding MBA	Karattru (4)	Kodiċi MBA tal-installazzjoni korrispondenti	4
Corresponding installation	Karattru (256)	Dettalji ta' kuntatt tal-installazzjoni korrispondenti	5
Nuclear material weight	Numru (24,3)	Piż totali tal-element tal-lottijiet kollha involuti fl-iskambju tal-obbligi	6
Exchange date	Data (JJXXSSSS)	Data proposta għall-iskambju tal-obbligi	7
Request date	Data (JJXXSSSS)	Data tat-talba għall-awtorizzazzjoni	8
Report type	Karattru (5)	OBLRQ li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport	9
Reporting person	Karattru (64)	Isem il-persuna responsabbli mir-rapport	10
Report number	Numru	Numru ta' referenza uniku	11
Justification	Karattru (256)	Ġustifikazzjoni għall-iskambju tal-obbligi	12

Entrati

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Line number	Numru	Numru sekwenzjali, mingħajr spazji	13
MBA	Karattru (4)	MBA fejn jinsab il-lott (jew rapportar jew MBA korrispondenti)	14
Batch	Karattru (20)	Numru ta' identifikazzjoni għal-lott involut fl-iskambju tal-obbligi	15
Container ID	Karattru (20)	Numru ta' identifikazzjoni għall-kontenitur	16
Element weight	Numru (24,3)	Piż tal-element	17
Fissile weight	Numru (24,3)	Piż tal-isotopu fissili	18
Element category	Karattru (1)	Kategorija tal-element	19
Chemical composition	Karattru (64)	Kompożizzjoni kimika	20

Tikketta/marka	Werrej	Kummenti	#
Enrichment	Numru (3,3)	Grad ta' arrikkiment	21
Isotopic composition	Numru (24,3) (għal kull isotopu)	Piżijiet isotopiċi tal-plutonju	22
Material state	Karattru (1)	Kodiċi tal-istat tal-materjal	23
Material form	Karattru (2)	Kodiċi tal-forma tal-materjal	24
Number of items	Numru	Għadd ta' oġġetti	25
Intended use	Karattru (256)	L-użu li għalih jiġi assenjat il-materjal nukleari wara l-iskambju tal-obbligi	26
Comment	Karattru (256)	Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rilevanti	27

Noti ta' spjegazzjoni:

1. Legal entity or name of installation/Entità ġuridika jew isem l-installazzjoni: L-isem tal-entità ġuridika jew tal-installazzjoni li titlob l-awtorizzazzjoni għall-iskambju tal-obbligi.

2. Reporting MBA/MBA li tirrapporta: Kodiċi taż-żona ta' bilanċ tal-materjal li tirrapporta. Dan il-kodiċi huwa nnotifikat lill-installazzjoni kkonċernata mill-Kummissjoni.

3. Reporting installation/Installazzjoni li tirrapporta: Isem u indirizz tal-installazzjoni li tirrapporta.

4. Corresponding MBA/MBA korrispondenti: Il-kodiċi taż-żona ta' bilanċ materjali korrispondenti fil-każ ta' skambju tal-obbligi intra-UE u, jekk ikun magħruf, fil-każ ta' skambju ta' obbligi ma' installazzjoni li tinsab f'pajjiż terz.

5. Corresponding installation/Installazzjoni korrispondenti: Isem u indirizz tal-installazzjoni korrispondenti.

6. Nuclear material weight/Piż tal-materjal nukleari: Piż totali tal-element tal-lottijiet kollha involuti fl-iskambju tal-obbligi.

7. Exchange date/Data tal-iskambju: Id-data proposta mill-persuna li tirrapporta biex twettaq l-iskambju tal-obbligi.

8. Request date/Data tat-talba: Id-data li fiha t-talba għall-awtorizzazzjoni tintbagħat lill-Kummissjoni.

9. Report type/Tip ta' rapport: OBLRQ li għandhom jintużaw għal dan it-tip ta' rapport.

10. Reporting person/Persuna li tirrapporta: Isem il-persuna responsabbli mir-rapport.

11. Report number/Numru tar-rapport: Numru sekwenzjali (mingħajr spazji) għat-talba għal awtorizzazzjoni.

12. Justification/Ġustifikazzjoni: Ġustifikazzjoni dettaljata għall-ħtieġa tal-iskambju tal-obbligi.

13. Line number/Numru tal-linja: Numru sekwenzjali li jibda b'1, mingħajr spazji.

14. MBA/MBA: MBA fejn jinsab il-lott (jew l-MBA li tirrapporta jew korrispondenti), li għandu jiġi pprovdut għal kull lott involut fl-iskambju tal-obbligi.

15. Batch/Lott: Numru ta' identifikazzjoni għal-lott involut fl-iskambju tal-obbligi. Il-Kummissjoni tista' taċċetta li n-numru ta' identifikazzjoni tal-lott jiġi pprovdut wara l-ewwel talba, iżda qabel data miftiehma. Skambju mhux neċessarjament meħtieġ li jkun oġġett b'ieħor.

16. Container ID/ID tal-kontenitur: Identifikatur uniku għall-kontenitur. L-istess ID tal-kontenitur jista' jintuża għal diversi lottijiet. Il-Kummissjoni tista' taċċetta li l-ID tal-kontenitur tiġi pprovduta wara l-ewwel talba, iżda qabel data miftiehma. Skambju mhux neċessarjament meħtieġ li jkun oġġett b'ieħor.

17. Element weight/Piż tal-element: Il-piż tal-element għandu jingħata fi grammi. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott.

18. Fissile weight/Piż fissili: Il-piż tal-isotopu/i fissili (għal uranju b'arrikkiment baxx u uranju b'arrikkiment għoli: piż tal-isotopu U-233 u U-235) għandu jingħata fi grammi. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

19. Element category/Kategorija tal-element: Il-kategorija tal-materjal nukleari. Uża l-kodiċijiet tal-kategorija kif stabbiliti fl-Anness III (25) ta' dan ir-Regolament.

20. Chemical composition/Kompożizzjoni kimika: Il-kompożizzjoni kimika tal-lottijiet involuti fl-iskambju tal-obbligi. Il-kompożizzjoni kimika għandha tkun l-istess għal-lottijiet kollha involuti fl-iskambju.

21. Enrichment/Arrikkiment: Kompożizzjoni perċentwali tal-uranju-235. L-informazzjoni għandha tiddaħħal għal kull lott li fih l-uranju.

22. Isotopic composition/Kompożizzjoni isotopika: Il-kompożizzjoni isotopika għal lottijiet li fihom il-plutonju (piż ta' Pu-238, Pu-239, Pu-240, Pu-241 u Pu-242).

23. Material state/Stat tal-materjal: Iridu jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin.

Stat	Kodiċi
Materjal nukleari frisk	F
Materjal nukleari rradjat	I
Materjal nukleari riproċessat (applikabbli biss għall-uranju)	P
Skart	W
Materjal li ma jistax jerġa' jiġi rkuprat	N

24. Material form/Forma tal-materjal: Il-forma tal-materjal tal-lott, bl-użu ta' kodiċijiet tal-forma tal-materjal kif stabbilit fl-Anness III (14) ta' dan ir-Regolament. Il-forma tal-materjal għandha tkun l-istess għal-lottijiet kollha involuti fl-iskambju.

25. Number of items/Għadd ta' oġġetti: L-għadd ta' oġġetti inklużi fil-lott.

26. Intended use/Użu maħsub: L-użu li għalih jiġi assenjat il-materjal nukleari wara l-iskambju tal-obbligi.

27. Comment/Kumment: Inkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti addizzjonali hawnhekk.

RIMARKI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW IL-MILI TAR-RAPPORTI

1. L-informazzjoni kollha mitluba għandha tiġi pprovduta, fejn applikabbli.

2. Jekk data numerika tinkludi frazzjonijiet ta' unitajiet, għandu jkun hemm punt quddiem in-numri deċimali.

3. Il-55 karattru li ġejjin jistgħu jintużaw: is-26 ittra kbar minn A sa Z, in-numri 0 sa 9 u l-karattri "plass", "nieqes", "slexx", "asterisk", "spazju", "ugwali", "aktar minn", "inqas minn", tikka', "virgola", "parentesi ta' quddiem", "parentesi ta' wara", "kowlin", "dollaru", "perċentwali", "virgoletti", "semikowlin", "punt ta' mistoqsija" u "simbolu &".

4. Skont l-Artikolu 79 tat-Trattat, dawk soġġetti għar-rekwiżiti ta' salvagwardji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b'kull komunikazzjoni li jagħmlu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 78 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tat-Trattat.

5. Ir-rapporti, debitament kompluti u ffirmati (diġitalment jekk possibbli), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, Salvagwardji tal-Euratom.